# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 156

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

19 ta' Ġunju 2018

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE** (1) ..... 1

★ **Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013** (1) ..... 26

DIRETTIVI

★ **Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE** (1) ..... 43

★ **Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija** (1) ..... 75

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2018/841 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-30 ta' Mejju 2018**

**dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014 dwar il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 approva mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku ta' mill-anqas 40 % ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur ekonomiku kollu sal-2030 meta mqabbel mal-1990, u dak ġie affermat mill-ġdid fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Marzu 2016.

(2) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014 iddikjaraw li jenħtieġ li l-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' mill-inqas 40 % titwettaq b'mod kollettiv mill-Unjoni bl-aktar mod kosteffikaċi possibbli, bit-tnaqqis fl-iskema għan-negozjar ta' emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea ("EU ETS"), stipulata fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), u fis-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS li jammontaw għal 43 % u 30 %, rispettivament, sal-2030 meta mqabbel mal-2005, bl-isforzi distribwiti abbażi tal-PDG per capita relattiv.

---

([1]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 103.
([2]) ĠU C 272, 17.8.2017, p. 36.
([3]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2018 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2018.
([4]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

(3) Dan ir-Regolament jifforma parti mill-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi ([1]) adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ("UNFCCC"). Il-Ftehim ta' Pariġi ġie konkluż f'isem l-Unjoni fil-5 ta' Ottubru 2016 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 ([2]). L-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha ġie stabbilit fil-Kontribut Maħsub Determinat fil-Livell Nazzjonali ppreżentat fid-dawl tal-Ftehim ta' Pariġi mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-6 ta' Marzu 2015. Il-Ftehim ta' Pariġi daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' gass serra u żżid l-assorbimenti skont il-Ftehim ta' Pariġi.

(4) Il-Ftehim ta' Pariġi, fost l-oħrajn, jistabbilixxi mira fuq terminu twil f'konformità mal-objettiv li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm sew taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex tinżamm sal-1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Il-foresti, l-art agrikola u l-artijiet mistagħdra ser ikollhom rwol ċentrali biex jintlaħaq dan l-għan. Fil-Ftehim ta' Pariġi, il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll il-prijorità fundamentali tal-ħarsien tas-sigurtà tal-ikel u li jintemm il-ġuħ, fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-isforzi biex jinqered il-faqar, u l-vulnerabbiltajiet partikolari ta' sistemi ta' produzzjoni tal-ikel għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima, biex b'hekk jitrawmu r-reżiljenza għall-klima u l-iżvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra, b'mod li ma jipperikolax il-produzzjoni tal-ikel. Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, jenħtieġ li l-Partijiet iżidu l-isforzi kollettivi tagħhom. Jenħtieġ li l-Partijiet iħejju, jikkomunikaw u jżommu kontributi suċċessivi determinati fil-livell nazzjonali. Il-Ftehim ta' Pariġi jissostitwixxi l-approċċ meħud skont il-Protokoll ta' Kjoto tal-1997, li mhux ser jitkompla wara l-2020. Il-Ftehim ta' Pariġi jitlob ukoll bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti minn bjar ta' gassijiet serra fit-tieni nofs ta' dan is-seklu, u jistieden lill-Partijiet biex jieħdu azzjoni sabiex jikkonservaw u jtejbu, kif xieraq, bjar u ġibjuni ta' gassijiet serra, inklużi foresti.

(5) Is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija ('LULUCF') għandu l-potenzjal li jipprovdi benefiċċji għall-klima fuq terminu twil, u b'hekk jikkontribwixxi għall-kisba tal-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif ukoll għall-għanijiet dwar il-klima fuq terminu twil tal-Ftehim ta' Pariġi. Is-settur tal-LULUCF jipprovdi wkoll bijomaterjali li jistgħu jissostitwixxu l-materjali intensivi fir-rigward tal-fossili u l-karbonju u għaldaqstant għandu rwol importanti fit-transizzjoni għal ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra. Peress li l-assorbimenti permezz tal-LULUCF huma riversibbli, jenħtieġ li jiġu trattati bħala pilastru separat fil-qafas tal-politika għall-klima tal-Unjoni.

(6) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014 iddikjaraw li l-objettivi multipli tas-settur tal-agrikoltura u l-użu tal-art, bil-potenzjal ta' mitigazzjoni inferjuri tagħhom kif ukoll il-ħtieġa ta' żgurar ta' koerenza bejn l-objettivi tas-sigurtà alimentari u tat-tibdil fil-klima tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex teżamina liema huma l-aħjar modi biex iħeġġu l-intensifikazzjoni sostenibbli tal-produzzjoni tal-ikel, filwaqt li tottimizza l-kontribut tas-settur għall-mitigazzjoni u s-sekwestru tal-gassijiet serra, fosthom permezz tal-afforestazzjoni, u biex tistabbilixxi politika dwar kif jiġi inkluż l-LULUCF fil-qafas ta' mitigazzjoni tal-gass serra għall-2030 malli l-kundizzjonijiet tekniċi jippermettu dan u fi kwalunkwe każ qabel l-2020.

(7) Prattiki ta' ġestjoni sostenibbli fis-settur tal-LULUCF jistgħu jikkontribwixxu b'diversi modi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, u jinżammu u jiżdiedu r-riżervi u l-istokkijiet tal-karbonju. Sabiex il-miżuri li għandhom l-għan b'mod partikolari li jżidu s-sekwestru tal-karbonju jkunu effettivi, huma essenzjali l-istabbiltà u l-adattabbiltà fuq terminu twil tar-raggruppamenti tal-karbonju. Barra minn hekk, prattiki ta' ġestjoni sostenibbli jistgħu jżommu l-produttività, il-kapaċità ta' riġenerazzjoni u l-vitalità tas-settur tal-LULUCF u b'hekk jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, filwaqt li jnaqqsu l-impronta tal-karbonju u ekoloġika ta' dak is-settur.

(8) L-iżvilupp ta' prattiki u teknoloġiji sostenibbli u innovattivi, inklużi l-agroekoloġija u l-agroforestrija, jista' jtejjeb ir-rwol tas-settur tal-LULUCF fir-rigward tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll biex tissaħħaħ il-produttività u r-reżiljenza ta' dak is-settur. Peress li s-settur tal-LULUCF huwa kkaratterizzat minn perijodi ta' żmien twal għal redditi, strateġiji fuq terminu twil huma importanti biex jissaħħaħ il-finanzjament għar-riċerka u għall-iżvilupp ta' prattiki u teknoloġiji sostenibbli u innovattivi, u l-investimenti f'dawn il-prattiki u teknoloġiji. Investimenti f'azzjonijiet ta' prevenzjoni, bħall-ġestjoni sostenibbli, jistgħu jnaqqsu r-riskji marbuta mad-disturbi naturali.

([1]) ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

(9) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 u t-23 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, li għandha l-għan, fost l-oħrajn li l-ġestjoni tal-foresti tkun sostenibbli.

(10) Azzjoni għat-tnaqqis tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u biex tippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw hija importanti. F'dan il-kuntest, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2009 u tal-14 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill fakkar l-objettivi tal-Unjoni li titnaqqas id-deforestazzjoni tropikali grossa b'mhux inqas minn 50 % sal-2020 meta mqabbel mal-livelli attwali u biex jitwaqqaf it-telf tal-kopertura forestali globali sa mhux aktar tard mill-2030.

(11) Id-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] tistabbilixxi regoli tal-kontabbiltà applikabbli għall-emissjonijiet u l-assorbimenti mis-settur tal-LULUCF u b'hekk ikkontribwiet għall-iżvilupp tal-politiki li wasslu għall-inklużjoni tas-settur tal-LULUCF fl-impenn għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jibni fuq ir-regoli tal-kontabbiltà eżistenti, u jaġġornahom u jtejjibhom għall-perijodu mill-2021 sal-2030. Jenħtieġ li jistabbilixxi l-obbligi tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-regoli tal-kontabbiltà, u jenħtieġ ukoll li jobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li s-settur tal-LULUCF globali ma jiġġenerax emissjonijiet netti u jikkontribwixxi għall-għan tat-tisħiħ ta' bjar fuq terminu twil. Jenħtieġ li din ma tistabbilixxi l-ebda obbligu ta' kontabbiltà jew ta' rapportar għal partijiet privati, inkluż bdiewa u forestiera.

(12) Is-settur tal-LULUCF, inkluż l-art agrikola, għandu impatt dirett u sinifikanti fuq il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistemi. Għal din ir-raġuni, objettiv importanti tal-politiki li jaffettwaw dan is-settur huwa li jiġi żgurat li jkun hemm koerenza mal-objettivi tal-istrateġija tal-bijodiversità tal-Unjoni. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet biex jiġu implimentati u appoġġjati attivitajiet f'dan is-settur li jirrigwardaw kemm il-mitigazzjoni kif ukoll l-adattament. Jenħtieġ ukoll li tiġi żgurata l-koerenza bejn il-Politika Agrikola Komuni u dan ir-Regolament. Is-setturi kollha jeħtieġ li jagħtu s-sehem ġust tagħhom fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

(13) Artijiet mistagħdra huma ekosistemi effettivi għall-ħżin tal-karbonju. Għalhekk, il-protezzjoni u r-restawr ta' artijiet mistagħdra tista' tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-settur tal-LULUCF. L-Irfinar tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima ("IPCC") għal-Linji Gwida tal-IPCC tal-2006 għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra relatati mal-artijiet mistagħdra jenħtieġ li jitqies f'dan il-kuntest.

(14) Sabiex jiġi żgurat il-kontribut tas-settur tal-LULUCF għall-kisba tal-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' mill-inqas 40 % u għall-għan fuq terminu twil tal-Ftehim ta' Pariġi, hija meħtieġa sistema robusta ta' kontabbiltà. Sabiex jinkisbu kontijiet preċiżi tal-emissjonijiet u l-assorbimenti skont il-Linji Gwida tal-IPPC tal-2006 għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra (il-"Linji Gwida tal-IPCC"), il-valuri rapportati kull sena skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] għall-kategoriji tal-użu tal-art u l-konverżjonijiet fost il-kategoriji tal-użu tal-art jenħtieġ li jiġu użati, biex b'hekk jiġu simplifikati l-approċċi użati skont l-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto. Art li tiġi konvertita f'kategorija tal-użu tal-art oħra jenħtieġ li tiġi meqjusa fil-proċess ta' transizzjoni għal dik il-kategorija għall-valur prestabbilit ta' 20 sena msemmi fil-Linji Gwida tal-IPCC. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu biss jistgħu jidderogaw minn dak il-valur prestabbilit għall-art afforestata u biss f'ċirkustanzi limitati li jkunu ġġustifikati skont il-Linji gwida tal-IPCC. Il-bidliet fil-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi jenħtieġ li jkunu riflessi, kif xieraq, fir-rekwiżiti ta' rapportar skont dan ir-Regolament.

(15) Il-Linji Gwida tal-IPCC miftiehma fuq livell internazzjonali jiddikjaraw li l-emissjonijiet mill-kombustjoni ta' bijomassa jistgħu jiġu kkontabbilizzati bħala żero fis-settur tal-enerġija bil-kondizzjoni li tali emissjonijiet jiġu kkontabbilizzati fis-settur tal-LULUCF. Fl-Unjoni, l-emissjonijiet mill-kombustjoni ta' bijomassa attwalment huma kkontabbilizzati bħala żero skont l-Artikolu 38 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 [3] u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 525/2013, għaldaqstant il-konsistenza mal-Linji Gwida tal-IPCC tiġi żgurata biss jekk tali emissjonijiet kienu riflessi b'mod preċiż f'dan ir-Regolament.

---

[1] Id-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar regoli tal-kontabbiltà dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-attivitajiet relatati mal-użu tal-art, mat-tibdil fl-użu tal-art u mal-forestrija u dwar informazzjoni li tikkonċerna l-azzjonijiet relatati ma' dawk l-attivitajiet (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 80).

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 181, 12.7.2012, p. 30).

(16) L-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-art forestali jiddependu minn għadd ta' ċirkostanzi naturali, karatteristiċi dinamiċi tal-foresti relatati mal-età, kif ukoll mill-prattiki ta' ġestjoni tal-passat u tal-preżent li jvarjaw b'mod sostanzjali fost l-Istati Membri. L-użu ta' sena bażi ma jagħmilhiex possibbli li jiġu riflessi dawk il-fatturi u l-impatti ċikliċi li jirriżultaw fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti, jew il-varjazzjoni interannwali tagħhom. Jenħtieġ li r-regoli tal-kontabbiltà rilevanti minflok jipprovdu għall-użu ta' livelli referenzjarji biex jiġu esklużi l-effetti ta' karatteristiċi naturali u speċifiċi għall-pajjiż. Jenħtieġ li l-livelli ta' referenza għall-foresti jqisu kwalunkwe struttura tal-età tal-foresti żbilanċjata u jenħtieġ li jillimitawx bla bżonn l-intensità futura tal-ġestjoni tal-foresti, sabiex il-bjar ta' karbonju fuq terminu twil ikunu jistgħu jinżammu jew jissaħħu. Minħabba s-sitwazzjoni storika partikolari tal-Kroazja, il-livell ta' referenza għall-foresti tagħha jista' wkoll iqis l-okkupazzjoni tat-territorju tiegħu, u ċ-ċirkostanzi ta' żmien il-ġwerra u ta' warajha li kellhom impatt fuq il-ġestjoni tal-foresti matul il-perijodu ta' referenza. Ir-regoli tal-kontabbiltà rilevanti jqisu l-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif adottati mill-Konferenzi Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa ("Forest Europe").

(17) Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw lill-Kummissjoni pjanijiet nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija, inkluż il-livelli ta' referenza għall-foresti. Fin-nuqqas tar-rieżami internazzjonali skont l-UNFCCC jew il-Protokoll ta' Kjoto, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ta' rieżami biex tiġi żgurata t-trasparenza u titjieb il-kwalità tal-kontabbiltà fil-kategorija ta' art forestali ġestita.

(18) Meta l-Kummissjoni tivvaluta l-pjanijiet nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija, inkluż il-livelli ta' referenza għall-foresti proposti fihom, jenħtieġ li tibni fuq il-prattika tajba u l-esperjenza tar-rieżamijiet esperti skont l-UNFCCC, inkluż fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' esperti mill-Istati Membri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-esperti mill-Istati Membri jkunu involuti fil-valutazzjoni teknika dwar jekk il-livelli ta' referenza għall-foresti proposti ġewx determinati f'konformità mal-kriterji u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Ir-riżultati tal-valutazzjoni teknika jenħtieġ li jintbagħtu lill-Kumitat Forestrarju Permanenti stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE ([1]) għall-informazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni wkoll tikkonsulta l-partijiet ikkonċernati u s-soċjetà ċivili. Il-pjanijiet nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija jenħtieġ li jsiru disponibbli għall-pubbliku skont il-leġislazzjoni rilevanti.

(19) L-użu sostenibbli miżjud ta' prodotti tal-injam maħsud jista' jillimita b'mod sostanzjali l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-atmosfera permezz tal-effett ta' sostituzzjoni u jsaħħaħ l-assorbimenti ta' gassijiet serra mill-atmosfera. Jenħtieġ li r-regoli tal-kontabbiltà jiżguraw li l-Istati Membri jirriflettu b'mod preċiż u b'mod trasparenti fil-kontijiet tal-LULUCF tagħhom il-bidliet fir-raggruppament tal-karbonju tal-prodotti tal-injam maħsud meta tali bidliet iseħħu, sabiex jiġi rikonoxxut u inċentivat l-użu msaħħaħ ta' prodotti tal-injam maħsud b'ċikli twal tal-ħajja. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi gwida dwar kwistjonijiet relatati mal-metodoloġija li tikkonċerna l-kontabbiltà għal prodotti tal-injam maħsud.

(20) Id-disturbi naturali, bħan-nirien fil-foresti, l-infestazzjonijiet mill-insetti u mill-mard, l-avvenimenti estremi tat-temp u d-disturbi ġeoloġiċi, li mhumiex fil-kontroll ta' Stat Membru, u mhumiex influwenzati b'mod materjali minnu, jistgħu jirriżultaw f'emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' natura temporanja fis-settur tal-LULUCF, jew jikkawżaw l-inverżjonijiet ta' assorbimenti preċedenti. Peress li tali inverżjoni tista' tkun ukoll ir-riżultat ta' deċiżjonijiet ta' ġestjoni, bħad-deċiżjonijiet li jinħasdu jew li jitħawlu siġar, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura li inverżjonijiet tal-assorbimenti kkawżati mill-bniedem jiġu dejjem riflessi b'mod preċiż fil-kontijiet tas-settur tal-LULUCF. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi possibbiltà limitata lill-Istati Membri li jeskludu mill-kontijiet tagħhom tas-settur tal-LULUCF l-emissjonijiet li jirriżultaw minn disturbi li ma jkollhomx kontroll fuqhom. Madankollu, il-mod li bih l-Istati Membri japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li ma jwassalx għal sotto-kontabbilizzazzjoni eċċessiva.

(21) Skont il-preferenzi nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu politiki nazzjonali xierqa għall-kisba tal-impenji tagħhom fis-settur tal-LULUCF, inkluż il-possibbiltà li jiġu bbilanċjati emissjonijiet minn waħda mill-kategoriji tal-art bl-assorbimenti minn kategorija tal-art oħra. Jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jakkumulaw assorbimenti netti tul il-perijodu mill-2021 sal-2030. Jenħtieġ li fost-trasferimenti lejn Stati Membri oħra jibqgħu disponibbli bħala għażla addizzjonali, u jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament u tal-Kunsill ([2]) għall-konformità skont dan ir-Regolament. L-użu ta' flessibbiltajiet stipulat f'dan ir-Regolament mhux ser jikkomprometti l-livell globali ta' ambizzjoni tal-miri għat-tnaqqis tal-gassijiet serra tal-Unjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE tad-29 ta' Mejju 1989 li tistabbilixxi l-Kumitat Forestrarju Permanenti (ĠU L 165, 15.6.1989, p. 14).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ara l-paġna 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(22) Il-foresti ġestiti b'mod sostenibbli, normalment ikunu bjar, li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tal-klima. Matul il-perijodu ta' referenza mill 2000 sal-2009, l-assorbimenti medji minn bjar rrapportat minn art forestali kienu ta' 372 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ għall-Unjoni kollha kemm hi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li bjar u ġibjuni, inkluż il-foresti, jiġu kkonservati u msaħħa, kif xieraq, bil-għan li jintlaħqu l-finijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u jinkisbu l-miri ambizzjużi tal-Unjoni ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2050.

(23) Jenħtieġ li l-assorbimenti minn art forestali ġestita jiġu kkontabbilizzati kontra livell ta' referenza għall-foresti li jħares 'il quddiem. Jenħtieġ li l-assorbimenti minn bjar futuri ipproġettati ikunu ibbażat fuq estrapolazzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni u intensità tal-foresti minn perijodu ta' referenza. Tnaqqis f'bir relattiv għal-livell ta' referenza jenħtieġ li jiġi kkontabbilizzat bħala emissjonijiet. Jenħtieġ li jittieħed kont taċ-ċirkostanzi u l-prattiki nazzjonali speċifiċi, bħall-intensità tal-ħsad inqas mis-soltu jew foresti li qed jixjieħu matul il-perijodu ta' referenza.

(24) Jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw ftit flessibbiltà biex temporanjament iżidu l-intensità tal-ħsad tagħhom f'konformità mal-prattiki sostenibbli tal-ġestjoni tal-foresti li jkunu konsistenti mal-objettiv stipulat fil-Ftehim ta' Pariġi, sakemm fl-Unjoni l-emissjonijiet totali ma jaqbżux l-assorbimenti totali fis-settur tal-LULUCF. Fil-kuntest ta' tali flessibbiltà, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jingħataw ammont bażiku ta' kumpens ikkalkolat fuq il-bażi ta' fattur espress bħala perċentwal tal-bir rreġistrat tagħhom fil-perijodu mill-2000 sal-2009 biex jikkumpensa għall-emissjonijiet minn art forestali ġestita li jkunu kkontabbilizzaw. Jenħtieġ li jkun żgurat li l-Istati Membri jistgħu biss jiġu kkumpensati sal-livell fejn il-foresti tagħhom ma jibqgħux bjar.

(25) Stati Membri b'kopertura tal-foresta għolja ħafna meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni, u b'mod partikolari Stati Membri b'kopertura tal-foresta għolja ħafna, huma aktar dipendenti minn Stati Membri oħra fuq art forestali ġestita biex jiġu bbilanċjati l-emissjonijiet f'kategoriji oħra ta' kontabbiltà tal-art u għalhekk ikunu affettwati fi grad ogħla u jkollhom potenzjal limitat biex iżidu l-kopertura tal-foresti tagħhom. Għalhekk jenħtieġ li l-fattur ta' kumpens jiżdied abbażi tal-kopertura tal-foresti u tal-art sabiex l-Istati Membri b'żona ta' art żgħira ħafna u kopertura tal-foresta għolja ħafna meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni jingħataw l-ogħla fattur ta' kumpens għall-perijodu ta' referenza.

(26) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Marzu 2012, il-Kunsill irrikonoxxa l-partikolaritajiet ta' pajjiżi b'kopertura forestali sinifikanti. Dawk il-partikolaritajiet jirrigwardaw b'mod partikolari l-possibbiltajiet limitati li l-emissjonijiet jiġu bbilanċjati mal-assorbimenti. Bħala l-Istat Membru bl-aktar kopertura forestali sinifikanti u meta jitqiesu l-karatteristiċi ġeografiċi partikolari tagħha, il-Finlandja tiffaċċa diffikultajiet partikolari f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Finlandja tingħata kumpens addizzjonali limitat.

(27) Biex jiġi mmonitorjat il-progress tal-Istati Membri biex jilħqu l-impenji tagħhom skont dan ir-Regolament u biex jiġu żgurati li l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti tkun trasparenti, preċiża, konsistenti, kompleta u komparabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni bid-data tal-inventarju tal-gassijiet serra rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013, u jenħtieġ li l-kontrolli tal-konformità skont dan ir-Regolament iqisu dawk ir-rapporti. Jekk Stat Membru għandu l-ħsieb japplika l-flessibbiltà tal-art forestali ġestita stipulata f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jinkludi fir-rapport ta' konformità l-ammont ta' kumpens li biħsiebu juża.

(28) Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tassisti lill-Kummissjoni, fejn xieraq f'konformità mal-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija, bis-sistema ta' rapportar annwali tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-valutazzjoni ta' informazzjoni dwar politiki u miżuri u projezzjonijiet nazzjonali, l-evalwazzjoni ta' politiki u miżuri addizzjonali ppjanati, u l-kontrolli tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

(29) Sabiex tiġi prevista l-kontabbiltà xierqa tat-transazzjonijiet skont dan ir-Regolament, inkluż l-użu ta' flessibbiltajiet u konformità tat-traċċar, kif ukoll biex jiġi promoss użu msaħħaħ ta' prodotti tal-injam b'ċikli twal tal-ħajja, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' adattament tekniku ta' definizzjonijiet, inkluż il-valuri minimi għad-definizzjoni tal-foresti, listi ta' gassijiet serra u raggruppamenti ta' karbonju, li jistabbilixxu l-livelli ta' referenza tal-Istati Membri għall-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030, rispettivament, iż-żieda ta' kategoriji ġodda ta' prodotti tal-injam maħsud, ir-reviżjoni tal-metodoloġija u rekwiżiti ta' informazzjoni fir-rigward tad-disturbi naturali biex jiġu riflessi bidliet fil-Linji Gwida tal-IPCC, u l-kontabbiltà tat-transazzjonijiet permezz tar-Reġistru tal-Unjoni. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet meħtieġa relatati mal-kontabbiltà tat-transazzjonijiet jiddaħħlu fi strument uniku li jikkombina

d-dispożizzjonijiet dwar il-kontabbiltà skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013, ir-Regolament (UE) 2018/842, dan ir-Regolament u d-Direttiva 2003/87/KE,. Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(30) Bħala parti mir-rappurtar regolari tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll l-eżitu tad-Djalogu Faċilitattiv tal-2018 skont l-UNFCCC (id-"djalogu ta' Talanoa"). Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi rieżaminat fl-2024 u sussegwentement kull ħames snin sabiex jiġi vvalutat il-funzjonament kumplessiv tiegħu. Jenħtieġ li r-rieżami jieħu kont tal-informazzjoni mir-riżultati tad-Djalogu ta' Talanoa u tal-Inventarju Globali skont il-Ftehim ta' Pariġi. Jenħtieġ li l-qafas għal wara l-2030 jkun konsistenti mal-objettivi għall-perijodu fuq terminu twil u l-impenji magħmula skont il-Ftehim ta' Pariġi.

(31) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm rapportar effiċjenti, trasparenti u kosteffikaċi u verifika tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra, u rapportar ta' kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa biex tiġi vvalutata l-konformità mal-impenji tal-Istati Membri, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' rapportar jiġu inklużi fir-Regolament (UE) Nru 525/2013.

(32) Biex jiġi ffaċilitat il-ġbir ta' data u t-titjib tal-metodoloġija, jenħtieġ li l-użu tal-art jiġi nnumerat u rapportat bl-użu ta' traċċar ġeografiku ta' kull żona ta' art, li jikkorrispondi għas-sistemi ta' ġbir ta' data nazzjonali u tal-Unjoni. Għall-ġbir ta' data jenħtieġ li jsir l-aħjar użu ta' programmi u stħarriġ eżistenti tal-Unjoni u tal-Istati Membri fosthom l-Istħarriġ Qafas Statistiku tal-Użu tal-Art taż-Żona Koperta ("LUCAS"), il-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja, Copernicus, u sistema ta' navigazzjoni satellitari Ewropea, Galileo. Jenħtieġ li l-ġestjoni tad-data, inkluż il-kondiviżjoni tad-data għar-rapportar, l-użu mill-ġdid u d-disseminazzjoni, tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(33) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 525/2013 jiġi emendat skont dan.

(34) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tibqa' tapplika għall-obbligi ta' kontabbiltà u rappurtar għall-perijodu ta' kontabbiltà mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020. Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-perijodi ta' kontabbiltà mill-1 ta' Jannar 2021.

(35) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tiġi emendata skont dan.

(36) Billi li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari sabiex jiġu stabbiliti l-impenji tal-Istati Membri għas-settur tal-LULUCF li jikkontribwixxu sabiex jinkisbu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni għall-perijodu mill-2021 sal-2030, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-impenji tal-Istati Membri għas-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija ("LULUCF") li jikkontribwixxu biex jinkisbu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u tintlaħaq il-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-perijodu mill-2021 sal-2030. Dan ir-Regolament jistipula wkoll ir-regoli għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbimenti mil-LULUCF u għall-kontroll tal-konformità tal-Istati Membri ma' dawk l-impenji.

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([2]) Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I għalih, rapportati skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 u li jseħħu fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art fit-territorji tal-Istati Membri::

(a) tul il-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030:

(i) "art afforestata": użu tal-art rapportat bħala raba', bur, art mistagħdra, insedjamenti jew art oħra, konvertita f'art forestali;

(ii) "art deforestata": użu tal-art rapportat bħala art forestali konvertita f'raba', bur, art mistagħdra, insedjamenti jew art oħra;

(iii) "raba' ġestita": użu tal-art rapportat bħala:

— raba' li jibqa' raba',

— bur, art mistagħdra, insedjament jew art oħra, konvertita f'raba', jew

— raba' konvertit f'art mistagħdra, insedjament jew art oħra;

(iv) "bwar ġestiti": użu tal-art rapportat bħala:

— bur li jibqa' bur,

— raba', art mistagħdra, insedjament jew art oħra, konvertita f'bur, jew

— bur konvertit f'art mistagħdra, insedjament jew art oħra;

(v) "art forestali ġestita": użu tal-art rapportat bħala art forestali li tibqa' art forestali.

(b) Mill-2026: "art mistagħdra ġestita": użu tal-art rapportat bħala:

— art mistagħdra li tibqa' art mistagħdra,

— insedjament jew art oħra, konvertita f'art mistagħdra, jew

— art mistagħdra konvertita f'insedjament jew art oħra.

2. Matul il-perijodu mill-2021 sal-2025, Stat Membru jista' jinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-impenn tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament emissjonijiet u assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I għal dan ir-Regolament, rapportati skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, u li jseħħu fil-kategorija ta' kontabbiltà tal-art mistagħdra ġestita fit-territorju tagħha. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal dawn l-emissjonijiet u l-assorbimenti inklużi minn Stat Membru.

3. Fejn Stat Membru jkun beħsiebu jinkludi, f'konformità mal-paragrafu 2, art mistagħdra ġestita fl-ambitu tal-impenn tiegħu, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan sal-31 ta' Diċembru 2020.

4. Jekk ikun meħtieġ fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-Irfinar tal-IPCC għal-Linji Gwida tal-IPCC, il-Kummissjoni tista' tagħmel proposta biex tipposponi l-kontabbiltà obbligatorja għal art mistagħdra ġestita għal perijodu addizzjonali ta' ħames snin.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "bir" tfisser kwalunkwe proċess, attività jew mekkaniżmu li jneħħi gass serra, aerosol, jew prekursur ta' gass serra mill-atmosfera;

(2) "sors" tfisser kwalunkwe proċess, attività jew mekkaniżmu li jirrilaxxa gass serra, aerosol jew prekursur ta' gass serra fl-atmosfera;

(3) "raggruppament tal-karbonju" tfisser il-karatteristika jew is-sistema bijoġeokimika sħiħa jew parti minnha f'territorju ta' Stat Membru u li fiha jinħażen il-karbonju, kwalunkwe prekursur ta' gass serra li fih il-karbonju, jew kwalunkwe gass serra li fih il-karbonju;

(4) "ħażna tal-karbonju" tfisser il-massa ta' karbonju maħżun f'raggruppament tal-karbonju;

(5) "prodott tal-injam maħsud" tfisser kwalunkwe prodott tal-injam maħsud li ma jkunx għadu fis-sit fejn jiġi maħsud l-injam;

(6) "foresta" tfisser żona ta' art definita mill-valuri minimi għad-daqs taż-żona, il-kopertura ta' qċaċet tas-siġar jew livell ekwivalenti ta' ħżin, u l-għoli potenzjali tas-siġar meta jimmaturaw fil-post fejn jikbru s-siġar kif speċifikat għal kull Stat Membru fl-Anness II. Din tinkludi żoni bis-siġar, inklużi gruppi ta' siġar naturali żgħar, li jkunu qed jikbru, jew pjantaġġuni li għad iridu jilħqu l-valuri minimi għall-kopertura ta' qċaċet tas-siġar jew livell ekwivalenti ta' ħżin jew għoli tas-siġar minimu, kif speċifikat fl-Anness II, inkluż kwalunkwe żona li normalment tkun tifforma parti miż-żona tal-foresta iżda li fuqha temporanjament ma jkun hemm l-ebda siġra b'riżultat ta' intervent tal-bniedem, bħall-ħsad, jew b'riżultat ta' kawżi naturali, iżda li tista' tkun mistennija terġa' ssir foresta;

(7) "livell ta' referenza għall-foresti" tfisser stima, espressa f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ fis-sena, tal-emissjonijiet u l-assorbimenti netti annwali medji li jirriżultaw mill-art forestali ġestita fit-territorju ta' Stat Membru tul il-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030, abbażi tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(8) "valur ta' nofs il-ħajja" tfisser l-għadd ta' snin li jridu jgħaddu biex il-kwantità ta' karbonju maħżun f'kategorija tal-prodotti tal-injam maħsud tonqos għal nofs il-valur inizjali tiegħu;

(9) "disturbi naturali" tfisser kwalunkwe avveniment mhux antropoġeniku jew ċirkostanza mhux antropoġenika li jikkawża/tikkawża emissjonijiet sinifikanti fil-foresti u li l-Istat Membru rilevanti ma jkollu l-ebda kontroll fuq l-okkorrenza tiegħu/tagħha, u li l-effett tiegħu/tagħha l-Istat Membru, b'mod oġġettiv ma jkunx jista' jillimita b'mod sinifikanti, anke wara li dawn iseħħu, fuq l-emissjonijiet;

(10) "ossidazzjoni istantanja" tfisser metodu tal-kontabbiltà li jassumi li r-rilaxx fl-atmosfera tal-kwantità sħiħa tal-karbonju maħżun fil-prodotti tal-injam maħsud iseħħ mal-ħsad.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16, biex temenda jew tħassar id-definizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew iżżid definizzjonijiet ġodda għalih, sabiex tadatta dak il-paragrafu għal żviluppi xjentifiċi jew progress tekniku u biex tiżgura l-konsistenza bejn dawk id-definizzjonijiet u kwalunkwe bidla f'definizzjonijiet rilevanti fil-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi.

*Artikolu 4*

**Impenji**

Għall-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030, waqt li jqis il-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 12 u 13, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet ma jaqbżux l-assorbimenti, ikkalkulati bħala s-somma tal-emissjonijiet totali u l-assorbimenti totali fit-territorju tiegħu fil-kategoriji ta' kontabbiltà kollha tal-art imsemmija fl-Artikolu 2 kombinat, kif ikkontabbilizzati skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

**Regoli ġenerali tal-kontabbiltà**

1. Kull Stat Membru għandu jħejji u jżomm kontijiet li jirriflettu b'mod preċiż l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontijiet tagħhom u data oħra pprovduta skont dan ir-Regolament ikunu preċiżi, kompleti, konsistenti, komparabbli u trasparenti. L-Istati Membri għandhom jindikaw l-emissjonijiet b'sinjal pożittiv (+) u l-assorbimenti b'sinjal negattiv (-).

2. L-Istati Membri għandhom jipprevjenu kwalunkwe għadd doppju ta' emissjonijiet jew assorbimenti, b'mod partikolari billi jiżguraw li l-emissjonijiet u l-assorbimenti mhumiex ikkontabbilizzati taħt aktar minn kategorija waħda ta' kontabbiltà tal-art.

3. Fejn l-użu tal-art jiġi kkonvertit, l-Istati Membri għandhom, 20 sena wara d-data tal-konverżjoni ibiddlu l-kategorizzazzjoni tal-art forestali, raba', bwar, art mistagħdra, insedjamenti u art oħra minn tali art konvertita għal tip ieħor ta' art tali art li tibqa' tal-istess tip ta' art.

4. L-Istati Membri, fil-kontijiet tagħhom għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art, għandhom jinkludu kwalunkwe bidla fil-ħażna ta' karbonju tar-raggruppamenti ta' karbonju elenkati fit-Taqsima B tal-Anness I. Stati Membri jistgħu jagħżlu li ma jinkludux fil-kontijiet tagħhom bidliet fil-ħażniet ta' karbonju tar-raggruppamenti ta' karbonju sakemm ir-raggruppament ta' karbonju mhux sors. Madankollu, dik l-għażla li ma jinkludux il-bidliet fil-ħażniet tal-karbonju fil-kontijiet ma għandhiex tapplika fir-rigward tar-raggruppamenti ta' karbonju tal-bijomassa tal-wiċċ, injam mejjet u l-prodotti tal-injam maħsud, fil-kategorija ta' kontabbiltà tal-art tal-art forestali ġestita.

5. L-Istati Membri għandhom iżommu rekord komplet u preċiż tad-data kollha użata fit-tħejjija tal-kontijiet tagħhom.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 biex temenda l-Anness I sabiex jiġu riflessi l-bidliet fil-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi.

*Artikolu 6*

**Kontabbiltà għall-art afforestata u l-art deforestata**

1. L-Istati Membri għandhom jikkontabbilizzaw l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw minn art afforestata u art deforestata, bħala emissjonijiet totali u assorbimenti totali għal kull sena tul il-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030.

2. B'deroga mill-Artikolu 5(3), fejn l-użu tal-art jiġi kkonvertit minn raba', bwar, art mistagħdra, insedjamenti jew art oħra għal art forestali, Stat Membru jista' jibdel il-kategorizzazzjoni ta' tali art minn art konvertita għal art forestali għal art forestali li tibqa' art forestali, 30 sena wara d-data ta' dik il-konverżjoni, jekk debitament ġustifikat skont il-Linji Gwida tal-IPCC.

3. Meta jiġu kkalkolati l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw minn art afforestata u art deforestata, kull Stat Membru għandu jiddetermina ż-żona tal-foresta bl-użu tal-parametri speċifikati fl-Anness II.

*Artikolu 7*

**Kontabbiltà għar-raba' ġestita, il-bwar ġestiti u l-art mistagħdra ġestita**

1. Kull Stat Membru għandu jikkontabbilizza l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mir-raba' ġestita kkalkulati bħala emissjonijiet u assorbimenti tul il-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030 u jitnaqqas il-valur miksub bil-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u l-assorbimenti medji annwali tal-Istat Membru li jirriżultaw mir-raba' ġestita fil-perijodu bażi tiegħu mill-2005 sal-2009.

2. Kull Stat Membru għandu jikkontabbilizza l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-bwar ġestiti kkalkulati bħala l-emissjonijiet u l-assorbimenti tul il-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030 u jitnaqqas il-valur miksub permezz tal-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u assorbimenti medji annwali tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-bwar ġestiti fil-perijodu bażi tiegħu mill-2005 sal- 2009.

3. Matul il-perijodu mill-2021 sal-2025, kull Stat Membru li, f'konformità mal-Artikolu 2(2), jinkludi l-art mistagħdra ġestita fl-ambitu tal-impenji tiegħu u l-Istati Membri kollha matul il-perijodu mill-2026 sal-2030, għandhom jikkontabbilizzaw l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-art mistagħdra ġestita, ikkalkulati bħala emissjonijiet u assorbimenti fil-perijodi rispettivi u jitnaqqas il-valur miksub permezz tal-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u l-assorbimenti medji annwali tal-Istat Membru li jirriżultaw mill-art mistagħdra ġestita fil-perijodu bażi tiegħu mill-2005 sal-2009.

4. Matul il-perjodu mill-2021 sal-2025, l-Istati Membri li, f'konformità mal-Artikolu 2(2), jkunu għażlu li ma jinkludux l-art mistagħdra ġestita fil-kamp ta' applikazzjoni tal-impenji tagħhom għandhom madankollu jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-użu tal-art irrapportat bħala:

(a) art mistagħdra li tibqa' art mistagħdra,

(b) insedjament jew art oħra, konvertita għal art mistagħdra, jew

(c) art mistagħdra konvertita għal insedjament jew art oħra.

*Artikolu 8*

**Kontabbiltà għall-ġestjoni tal-art forestali**

1. Kull Stat Membru għandu jikkontabbilizza l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-art forestali ġestita, kkalkulati bħala emissjonijiet u assorbimenti fil-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030 u jitnaqqas il-valur miksub permezz tal-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-livell ta' referenza għall-foresti tal-Istat Membru kkonċernat.

2. Meta r-riżultat tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġi negattiv fir-rigward tal-livell ta' referenza għall-foresti ta' Stat Membru, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi l-assorbimenti netti totali fil-kontijiet tal-art forestali ġestita ta' mhux aktar minn ekwivalenti ta' 3,5 % tal-emissjonijiet ta' dak l-Istat Membru fis-sena jew perijodu bażi tiegħu kif speċifikat fl-Anness III, immultiplikat b'ħamsa. L-assorbimenti netti li jirriżultaw mir-raggruppamenti tal-karbonju ta' injam mejjet, prodotti tal-injam maħsud, ħlief il-kategorija ta' karta kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 9(1), fil-kategorija ta' kontabbiltà tal-art ta' art forestali ġestita m'għandhomx ikunu soġġetti għal din il-limitazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni il-pjanijiet nazzjonali tagħhom tal-kontabbiltà għall-forestrija, inkluż livell propost ta' referenza għall-foresti, sal-31 ta' Diċembru 2018 għall-perijodu mill-2021 sal-2025 u sat-30 ta' Ġunju 2023 għall-perijodu mill-2026 sal-2030. Il-pjan nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija għandu jinkludi l-elementi kollha elenkati fit-Taqsima B tal-Anness IV u għandu jkun disponibbli għall-pubbliku, inkluż permezz tal-Internet.

4. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-livell ta' referenza għall-foresti tagħhom abbażi tal-kriterji li jinsabu fit-Taqsima A tal-Anness IV. Għall-Kroazja, il-livell ta' referenza għall-foresti tagħha jista' wkoll iqis, minbarra l-kriterji stabbiliti fit-Taqsima A tal-Anness IV, l-okkupazzjoni tat-territorju tagħha, u ċ-ċirkostanzi ta' żmien il-gwerra u ta' warajha li kellhom impatt fuq il-ġestjoni tal-foresti matul il-perijodu ta' referenza.

5. Il-livell ta' referenza għall-foresti għandu jkun ibbażat fuq il-kontinwazzjoni tal-prattika tal-ġestjoni forestali sostenibbli, kif dokumentat għall-perijodu mill-2000 u sal-2009 fir-rigward ta' karatteristiċi dinamiċi tal-foresti relatati mal-età fil-foresti nazzjonali bl-użu tal-aħjar data disponibbli.

Il-livelli ta' referenza għall-foresti kif determinati f'konformità mal-ewwel subparagrafu għandhom iqisu l-impatt futur ta' karatteristiċi dinamiċi relatati mal-età tal-foresti sabiex ma jillimitawx bla bżonn l-intensità tal-ġestjoni forestali bħala element ewlieni tal-prattika tal-ġestjoni forestali sostenibbli, bil-għan li jinżamm jew jissaħħu bjar tal-karbonju fuq terminu twil.

L-Istati Membri għandhom juru konsistenza bejn il-metodi u d-data użata biex jiddeterminaw il-livell ta' referenza propost għall-foresti fil-pjan nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija u dawk użati fir-rapportar għall-art forestali ġestita.

6. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni ma' esperti maħtura mill-Istati Membri, għandha twettaq valutazzjoni teknika tal-pjanijiet nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija ppreżentati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu bil-għan li tivvaluta l-punt sa fejn il-livelli ta' referenza proposti għall-foresti ġew determinati skont il-prinċipji u r-rekwiżiti li jinsabu fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 5(1). Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati u lis-soċjetà ċivili. Il-Kummissjoni għandha tippubblika sommarju tax-xogħol imwettaq, inkluż l-opinjonijiet espressi mill-esperti maħtura mill-Istati Membri, u l-konklużjonijiet tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha, fejn meħtieġ, toħroġ rakkomandazzjonijiet tekniċi lill-Istati Membri li jirriflettu l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni teknika biex jiffaċilitaw ir-reviżjoni teknika tal-livelli ta' referenza proposti għall-foresti. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawk ir-rakkomandazzjonijiet tekniċi.

7. Fejn huwa meħtieġ abbażi tal-valutazzjonijiet tekniċi u abbażi ta', fejn applikabbli, rakkomandazzjonijiet tekniċi, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-livelli ta' referenza proposti riveduti għall-foresti lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2019 għall-perijodu mill-2021 sal-2025 u sat-30 ta' Ġunju 2024 għall-perijodu mill-2026 sal-2030. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-livelli ta' referenza proposti għall-foresti kkomunikati lilha mill-Istati Membri.

8. Abbażi tal-livelli ta' referenza proposti għall-foresti ppreżentati mill-Istati Membri, tal-valutazzjoni teknika mwettqa skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, u fejn applikabbli, tal-livell ta' referenza propost rivedut għall-foresti ppreżentat skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 li jemendaw l-Anness IV bil-għan li jiġu stabbiliti livelli ta' referenza għall-foresti li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri għall-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030.

9. Jekk Stat Membru ma jippreżentax il-livell ta' referenza għall-foresti tiegħu lill-Kummissjoni sad-dati speċifikati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u, fejn applikabbli, il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 li jemendaw l-Anness IV bil-ħsieb li tistabbilixxi l-livell ta' referenza għall-foresti li għandu jiġi applikat minn dak l-Istat Membru għall-perijodu mill-2021 u sal-2025 jew mill-2026 sal-2030, abbażi ta' kwalunkwe valutazzjoni teknika mwettqa skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

10. L-atti delegati msemmija fil-paragrafi 8 u 9 għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Ottubru 2020 għall-perijodu mill-2021 sal-2025 u sat-30 ta' April 2025 għall-perijodu mill-2026 sal-2030.

11. Sabiex tiġi żgurata konsistenza kif imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jippreżentaw lill-Kummissjoni korrezzjonijiet tekniċi li ma jeħtiġux emendi għall-atti delegati adottati skont il-paragrafu 8 jew 9 ta' dan l-Artikolu sad-dati msemmija fl-Artikolu 14(1).

*Artikolu 9*

**Kontabbiltà għall-prodotti tal-injam maħsud**

1. Fil-kontijiet previsti skont l-Artikoli 6(1) u 8(1) relatati mal-prodotti tal-injam maħsud, l-Istati Membri għandhom jirriflettu l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-bidliet fir-raggruppament tal-karbonju ta' prodotti tal-injam maħsud li jaqgħu fil-kategoriji li ġejjin bl-użu tal-funzjoni ta' diżintegrazzjoni tal-ewwel grad, il-metodoloġiji u skont il-valuri prestabbiliti ta' nofs il-ħajja speċifikati fl-Anness V:

(a) karta;

(b) panewijiet tal-injam;

(c) injam issegat.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex temenda l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Anness V billi jiżdiedu kategoriji ġodda ta' prodotti tal-injam maħsud li jkollhom effett ta' sekwestru tal-karbonju, abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u li tiġi żgurata l-integrità ambjentali.

3. L-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw il-prodotti ta' materjali bbażati mill-injam, inkluż qxur tas-siġar, li jaqgħu fil-kategoriji eżistenti u ġodda msemmija fil-paragrafi 1 u 2, rispettivament, abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, dment li d-data disponibbli tkun trasparenti u verifikabbli.

*Artikolu 10*

**Kontabbiltà għal disturbi naturali**

1. Fi tmiem kull wieħed mill-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030, l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-kontijiet tagħhom għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-art afforestata u l-art forestali ġestit, li jirriżultaw minn disturbi naturali, li jaqbżu l-emissjonijiet medji kkawżati minn disturbi naturali fil-perijodu mill-2001 sal-2020, esklużi l-anomaliji statistiċi ("livell ta' bażi"). Dak il-livell ta' bażi għandu jiġi kkalkulat skont dan l-Artikolu u l-Anness VI.

2. Meta Stat Membru japplika l-paragrafu 1, dan għandu:

(a) jippreżenta lill-Kummissjoni informazzjoni dwar il-livell ta' bażi għal kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fil-paragrafu 1 u dwar id-data u l-metodoloġiji użati skont l-Anness VI; u

(b) jeskludi mill-kontabbiltà sal-2030 l-assorbimenti sussegwenti kollha fuq l-art affettwata minn disturbi naturali.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 biex temenda l-Anness VI sabiex tirrevedi l-metodoloġija u r-rekwiżiti ta' informazzjoni f'dak l-Anness sabiex jiġu riflessi l-bidliet fil-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi.

*Artikolu 11*

**Flessibbiltajiet**

1. Stat Membru jista' juża:

(a) il-flessibbiltajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 12; u

(b) sabiex jikkonforma mal-impenn fl-Artikolu 4, il-flessibbiltà tal-art forestali ġestita stabbilita fl-Artikolu 13.

2. Jekk Stat Membru ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fil-punt (da) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, l-Amministratur Ċentrali maħtur skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE ("l-Amministratur Ċentrali") għandu jipprojbixxi temporanjament dak l-Istat Membru milli jittrasferixxi jew ifaddal skont l-Artikolu 12(2) u (3) ta' dan ir-Regolament jew bl-użu tal-flessibbiltà tal-art forestali ġestita skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 12*

**Flessibbilitajiet ġenerali**

1. Meta l-emissjonijiet totali jaqbżu l-assorbimenti totali fi Stat Membru, u dak l-Istat Membru jkun għażel li juża l-flessibbiltà tiegħu, u jkun talab li jħassar l-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet annwali skont ir-Regolament (UE) 2018/842, il-kwantità tal-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet annwali għandha titqies fir-rigward tal-konformità tal-Istat Membru mal-impenn tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

2. Sa fejn l-assorbimenti totali jaqbżu l-emissjonijiet totali fi Stat Membru u wara t-tnaqqis ta' kwalunkwe kwantità li titqies skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/842, dak l-Istat Membru jista' jittrasferixxi l-kwantità tal-assorbimenti li jifdallu lil Stat Membru ieħor. Il-kwantità trasferita għandha titqies fil-valutazzjoni tal-konformità tal-Istat Membru riċeventi mal-impenn tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

3. Sa fejn l-assorbimenti totali jaqbżu l-emissjonijiet totali fi Stat Membru fil-perijodu mill-2021 u sal-2025, u wara t-tnaqqis ta' kwalunkwe kwantità li titqies skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/842 jew trasferita lil Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dak l-Istat Membru jista' jfaddal il-kwantità tal-assorbimenti li jifdallu għall-perijodu mill-2026 sal-2030.

4. Sabiex jiġi evitat għadd doppju, il-kwantità ta' assorbimenti netti meqjusa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/842 għandha titnaqqas mill-kwantità disponibbli għat-trasferiment ta' dak l-Istat Membru lil Stat Membru ieħor jew għat-tfaddil skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 13*

**Flessibbiltà tal-art forestali ġestita**

1. Meta l-emissjonijiet totali jaqbżu l-assorbimenti totali fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2, li ġew ikkontabbilizzati f'konformità ma' dan ir-Regolament, fi Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' juża l-flessibbiltà tal-art forestali ġestita stabbilita f'dan l-Artikolu sabiex ikun konformi mal-Artikolu 4.

2. Meta r-riżultat tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 8(1) tkun ċifra pożittiva, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun intitolat li jikkumpensa dawk l-emissjonijiet dment li:

(a) l-Istat Membru, fl-istrateġija tiegħu ppreżentata skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, ikun inkluda miżuri speċifiċi li għaddejjin jew previsti biex jiżgura l-konservazzjoni jew it-tisħiħ, kif xieraq, ta' bjar u ġibjuni tal-foresti; u

(b) fi ħdan l-Unjoni, l-emissjonijiet totali ma jkunux ogħla mill-assorbimenti totali fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament għall-perijodu li fih l-Istat Membru jkun biħsiebu juża l-kumpens. Meta jiġi vvalutat jekk, fi ħdan l-Unjoni, l-emissjonijiet totali jaqbżux l-assorbimenti totali, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġi evitat l-għadd doppju mill-Istati Membri, b'mod partikolari fl-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/842.

3. Fir-rigward tal-ammont ta' kumpens l-Istat Membru kkonċernat jista' jikkumpensa biss:

(a) bjar ikkontabbilizzati bħala emissjonijiet kontra l-livell ta' referenza tal-foresti tiegħu; u

(b) sal-ammont massimu ta' kumpens għal dak l-Istat Membru stipulat fl-Anness VII għall-perijodu mill-2021 sal-2030.

4. Il-Finlandja tista' tikkumpensa sa 10 miljun tunnellata ta' emissjonijiet ekwivalenti f'$CO_2$ dment li tissodisfa l-kondizzjonijiet elenkati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2.

*Artikolu 14*

**Kontroll tal-konformità**

1. Sal-15 ta' Marzu 2027 għall-perjodu mill-2021 sal-2025 u sal-15 ta' Marzu 2032 għall-perjodu mill-2026 sal-2030, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport ta' konformità li jkun fih li u l-assorbimenti totali għall-perijodu rilevanti fuq kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art speċifikata fl-Artikolu 2, bl-użu tar-regoli tal-kontabbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Dan ir-rapport għandu jkun fih ukoll, meta applikabbli, id-dettalji dwar l-intenzjoni li jintużaw il-flessibbiltajiet imsemmijin fl-Artikolu 11 u l-ammonti relatati jew dwar l-użu ta' tali flessibbiltajiet u ammonti relatati.

2. Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tar-rapporti tal-konformità, previsti taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikolu 4.

3. Il-Kummissjoni għandha tipprepara rapport fl-2027, għall-perijodu mill-2021 sal-2025, u fl-2032, għall-perijodu mill-2026 sal-2030, dwar l-emissjonijiet totali u l-assorbimenti totali tal-Unjoni ta' gassijiet serra għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2 ikkalkolata bħala t-total tal-emissjonijiet rrappurtati u t-total tal-assorbimenti rrappurtati għall-perijodu u jitnaqqas il-valur miksub permezz tal-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-medja annwali tal-Unjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti rrappurtati fil-perijodu mill-2000 sal-2009.

4. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u konformità previst f'dan l-Artikolu, f'konformità mal-programm ta' ħidma annwali.

*Artikolu 15*

**Reġistru**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament biex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tistipula r-regoli għar-reġistrar tal-kwantità ta' emissjonijiet u assorbimenti għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art f'kull Stat Membru u biex tiżgura li l-kontabbiltà li tkun saret fir-rigward tal-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet skont l-Artikoli 12 u 13 ta' dan ir-Regolament permezz tar-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tkun preċiża.

2. L-Amministratur Ċentrali għandu jwettaq kontroll awtomatizzat fuq kull transazzjoni skont dan ir-Regolament, u fejn meħtieġ, jimblokka t-transazzjonijiet biex jiżgura li ma jkun hemm l-ebda irregolarità.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 16*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetti għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 3(2), 5(6), 8(8) u (9), 9(2), 10(3) u 15(1) għal perijodu ta' ħames snin mid-9 ta' Lulju 2018. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġġedded taċitament għal perijodi ta' żmien identiċi, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 3(2), 5(6), 8(8) u (9), 9(2), 10(3) u 15(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 3(2), 5(6), 8(8) u (9), 9(2), 10(3) u 15(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni għalih mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn minn meta dak l-att jiġi nnotifikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn bl-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 17*

**Rieżami**

1. Dan ir-Regolament għandu jinżamm taħt rieżami b'kont meħud, fost l-oħrajn, tal-iżviluppi internazzjonali u l-isforzi li saru biex jintlaħqu l-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi.

Abbażi tas-sejbiet tar-rapport ippreparat skont l-Artikolu 14(3) u r-riżultati tal-valutazzjoni li saret skont il-punt (b) tal-Artikolu 13(2), il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tagħmel proposti biex tiġi żgurata li l-integrità tal-mira ġenerali tal-Unjoni tal-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-kontribut tagħha għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi jiġu rispettati.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fi żmien sitt xhur minn kull bilanċ globali maqbul skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, dwar l-operazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż, fejn rilevanti, valutazzjoni tal-impatti tal-flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 11, kif ukoll dwar il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030 globali tal-Unjoni u l-kontribut tagħha għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni, inkluż qafas għall-wara l-2030, fid-dawl taż-żieda meħtieġa fit-tnaqqis u l-assorbimenti tal-gassijiet serra fl-Unjoni, u għandha tagħmel proposti jekk xieraq.

*Artikolu 18*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 525/2013**

Ir-Regolament (UE)Nru 525/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(da) mill-2023, l-emissjonijiet u l-assorbimenti koperti mill-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) skont il-metodoloġiji speċifikati fl-Anness IIIa għal dan ir-Regolament;

(*) Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).";

(b) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Stat Membru jista' jitlob li jingħata deroga mill-Kummissjoni mill-punt (da) tal-ewwel subparagrafu biex japplika metodoloġija differenti minn dik speċifikata fl-Anness IIIa fejn it-titjib tal-metodoloġija meħtieġ ma jistax jinkiseb fil-ħin biex jitqies it-titjib fl-inventarji tal-gassijiet serra għall-perijodu mill-2021 sal-2030, jew fejn l-ispiża tat-titjib tal-metodoloġija jkun għoli b'mod sproporzjonat meta mqabbel mal-benefiċċji tal-applikazzjoni ta' tali metodoloġija biex tittejjeb il-kontabbiltà għall-emissjonijiet u l-assorbimenti minħabba l-importanza baxxa tal-emissjonijiet u l-assorbimenti mir-raggruppamenti ta' karbonju konċernati. L-Istati Membri li jixtiequ jibbenefikaw minn din id-deroga għandhom jippreżentaw talba motivata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020, fejn jindikaw sa meta it-titjib tal-metodoloġija jista' jiġi implimentat, il-metodoloġija alternattiva proposta jew it-tnejn, u valutazzjoni tal-impatti potenzjali fuq l-eżattezza tal-kontabbiltà. Il-Kummissjoni tista' titlob li tingħata informazzjoni addizzjonali f'perijodu ta' żmien raġonevoli speċifiku. Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li t-talba hija ġustifikata, għandha tagħti d-deroga. Jekk il-Kummissjoni tiċħad it-talba, hija għandha tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.".

(2) Fil-punt (c) tal-Artikolu 13(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(viii) mill-2023, informazzjoni dwar politiki u miżuri nazzjonali implimentati biex jintlaħqu l-impenji tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/841 u informazzjoni dwar politiki u miżuri nazzjonali addizzjonali ppjanati bil-għan li jillimitaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew li jtejbu bjar lil hinn mill-impenji tagħhom skont dak ir-Regolament;".

(3) Fl-Artikolu 14(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ba) mill-2023, projezzjonijiet tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra totali u stimi separati għall-emissjonijiet u assorbimenti ta' gassijiet serra previsti koperti mir-Regolament (UE) 2018/841".

(4) Jiddaħħal l-Anness li ġej:

"*ANNESS IIIA*

Metodoloġiji għall-monitoraġġ u r-rapportar imsemmija fil-punt (da) tal-Artikolu 7(1)

Approċċ 3: Data ta' konverżjoni tal-użu tal-art ġeografikament espliċita skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006.

Il-metodoloġija tal-Grad 1 skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006.

Għall-emissjonijiet u l-assorbimenti minn raggruppament ta' karbonju li jifforma mill-inqas 25-30 % tal-emissjonijiet jew l-assorbimenti f'kategorija ta' sors jew bir li hija prijoritizzata fi ħdan sistema ta' inventarju nazzjonali ta' Stat Membru peress li l-istima tiegħu għandha influwenza sinifikanti fuq l-inventarju ta' gassijiet serra totali ta' pajjiż f'termini tal-livell assolut ta' emissjonijiet u assorbimenti, ix-xejra fl-emissjonijiet u l-assorbimenti, jew l-inċertezza fl-emissjonijiet u l-assorbimenti fil-kategoriji tal-użu tal-art, mill-inqas metodoloġija tal-Grad 2 skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006.

L-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw il-metodoloġija tal-Grad 3, skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006.".

*Artikolu 19*

**Emenda għad-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE**

Id-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3(2), jitħassar l-ewwel subparagrafu.

(2) Fl-Artikolu 6, jitħassar il-paragrafu 4.

*Artikolu 20*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-30 ta' Mejju 2018.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| A. TAJANI | L. PAVLOVA |

*ANNESS I*

GASSIJIET SERRA U RAGGRUPPAMENTI TAL-KARBONJU

A. Gassijiet serra kif imsemmi fl-Artikolu 2:

(a) id-diossidu tal-karbonju ($CO_2$);

(b) il-metan ($CH_4$);

(c) l-ossidu nitruż ($N_2O$).

Dawk il-gassijiet serra għandhom jiġu espressi f'termini ta' tunnellati ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ u determinati skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013.

B. Raggruppamenti tal-karbonju kif imsemmi fl-Artikolu 5(4):

(a) il-bijomassa tal-wiċċ;

(b) il-bijomassa ta' taħt l-art;

(c) iż-żibel;

(d) l-injam mejjet;

(e) il-karbonju organiku fil-ħamrija;

(f) il-prodotti tal-injam maħsud fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art tal-art afforestata u l-art forestali ġestita.

*ANNESS II*

IL-VALURI MINIMI GĦAD-DAQS TAŻ-ŻONA, IL-KOPERTURA TAL-QĊAĊET TAS-SIĠAR U L-PARAMENTRI GĦALL-GĦOLI TAS-SIĠAR

| Stat Membru | Iż-żona (ha) | Il-kopertura tal-qċaċet (%) | L-għoli tas-siġar (m) |
|---|---|---|---|
| Belġju | 0,5 | 20 | 5 |
| Bulgarija | 0,1 | 10 | 5 |
| Repubblika Ċeka | 0,05 | 30 | 2 |
| Danimarka | 0,5 | 10 | 5 |
| Ġermanja | 0,1 | 10 | 5 |
| Estonja | 0,5 | 30 | 2 |
| Irlanda | 0,1 | 20 | 5 |
| Greċja | 0,3 | 25 | 2 |
| Spanja | 1,0 | 20 | 3 |
| Franza | 0,5 | 10 | 5 |
| Kroazja | 0,1 | 10 | 2 |
| Italja | 0,5 | 10 | 5 |
| Ċipru | 0,3 | 10 | 5 |
| Latvja | 0,1 | 20 | 5 |
| Litwanja | 0,1 | 30 | 5 |
| Lussemburgu | 0,5 | 10 | 5 |
| Ungerija | 0,5 | 30 | 5 |
| Malta | 1,0 | 30 | 5 |
| Netherlands | 0,5 | 20 | 5 |
| Awstrija | 0,05 | 30 | 2 |
| Polonja | 0,1 | 10 | 2 |
| Portugall | 1,0 | 10 | 5 |
| Rumanija | 0,25 | 10 | 5 |
| Slovenja | 0,25 | 30 | 2 |
| Slovakkja | 0,3 | 20 | 5 |
| Finlandja | 0,5 | 10 | 5 |
| Żvezja | 0,5 | 10 | 5 |
| Renju Unit | 0,1 | 20 | 2 |

*ANNESS III*

IS-SENA JEW PERIJODU BAŻI GĦALL-FINIJIET TAL-KALKOLU TAL- LIMITU MASSIMU SKONT L-ARTIKOLU 8(2)

| Stat Membru | Sena/Perijodu Bażi |
|---|---|
| Belġju | 1990 |
| Bulgarija | 1988 |
| Repubblika Ċeka | 1990 |
| Danimarka | 1990 |
| Ġermanja | 1990 |
| Estonja | 1990 |
| Irlanda | 1990 |
| Greċja | 1990 |
| Spanja | 1990 |
| Franza | 1990 |
| Kroazja | 1990 |
| Italja | 1990 |
| Ċipru | 1990 |
| Latvja | 1990 |
| Litwanja | 1990 |
| Lussemburgu | 1990 |
| Ungerija | 1985-87 |
| Malta | 1990 |
| Netherlands | 1990 |
| Awstrija | 1990 |
| Polonja | 1988 |
| Portugall | 1990 |
| Rumanija | 1989 |
| Slovenja | 1986 |
| Slovakkja | 1990 |
| Finlandja | 1990 |
| Żvezja | 1990 |
| Renju Unit | 1990 |

*ANNESS IV*

PJAN NAZZJONALI TAL-KONTABBILTÀ GĦALL-FORESTRIJA LI FIH IL-LIVELL TA' REFERENZA GĦALL-FORESTI TA' STAT MEMBRU

A. Kriterji u gwida biex jiġi determinat il-livelli ta' referenza għall-foresti

Il-livell ta' referenza għall-foresti ta' Stat Membru għandu jiġi determinat skont il-kriterji li ġejjin:

(a) il-livell ta' referenza għandu jkunu konsistenti mal-għan li jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u assorbimenti minn bjar tal-gassijiet serra fit-tieni nofs ta' dan is-seklu, inkluż iż-żieda tal-assorbimenti potenzjali minn stokkijiet ta' foresti li qed jixjieħu, li altrimenti jistgħu juru bjar li qed jonqsu progressivament;

(b) il-livell ta' referenza għandu jiżgura li s-sempliċi preżenza ta' ħażniet tal-karbonju hija eskluża mill-kontabbiltà;

(c) il-livell ta' referenza għandu jiżgura sistema robusta u kredibbli tal-kontabbiltà li tiżgura li l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-użu tal-bijomassa jiġu kkontabbilizzati b'mod korrett;

(d) il-livell ta' referenza għandu jinkludi r-raggruppament tal-karbonju tal-prodotti tal-injam maħsud, li b'hekk jipprovdu tqabbil bejn l-ossidazzjoni istantanja assunta u l-applikazzjoni tal-funzjoni ta' diżintegrazzjoni tal-ewwel grad u l-valuri ta' nofs il-ħajja;

(e) proporzjon kostanti bejn l-użu ta' bijomassa tal-foresti solida u tal-enerġija kif dokumentat fil-perijodu mill-2000 sal-2009 għandu jiġi preżunt;

(f) il-livell ta' referenza għandu jkun konsistenti mal-objettiv li jsir kontribut għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, kif stabbilit fl-Istrateġija tal-UE għall-foresti, il-politiki dwar il-foresti nazzjonali tal-Istati Membri, u l-Istrateġija tal-UE għall-bijodiversità;

(g) il-livell ta' referenza għandu jkun konsistenti mal-projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra minn sorsi u assorbimenti minn bjar kif irrappurtati skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013;

(h) il-livell ta' referenza għandu jkun konsistenti mal-inventarji tal-gassijiet serra u mad-data storika rilevanti u għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni trasparenti, kompluta, konsistenti, komparabbli u preċiża. B'mod partikulari, il-mudell użat biex jitfassal il-livell ta' referenza għandu jkun kapaċi jirriproduċu data storika mill-Inventarju Nazzjonali tal-Gassijiet Serra.

B. Elementi tal-pjan nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija

Il-Pjan nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija mressaq skont l-Artikolu 8 għandu jkun fih l-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni ġenerali tad-determinazzjoni tal-livell ta' referenza għall-foresti u deskrizzjoni ta' kif tqiesu l-kriterji f'dan ir-Regolament;

(b) l-identifikazzjoni tar-raggruppamenti tal-karbonju u l-gassijiet serra li ġew inklużi fil-livell ta' referenza għall-foresti, ir-raġunijiet għala raggruppament tal-karbonju tħalla barra mid-determinazzjoni tal-livell ta' referenza għall-foresti u turija tal-konsistenza bejn ir-raggruppamenti tal-karbonju inklużi fil-livell ta' referenza għall-foresti;

(c) deskrizzjoni ta' approċċi, metodi u mudelli, inkluża informazzjoni kwantitattiva, użati fid-determinazzjoni tal-livell ta' referenza għall-foresti, konsistenti mal-aktar rapport tal-inventarju nazzjonali reċenti, u deskrizzjoni tal-informazzjoni dokumentarja dwar il-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli u l-intensità tal-foresti kif ukoll tal-politiki nazzjonali adottati;

(d) informazzjoni dwar kif ir-rati tal-ħsad huma mistennija jiżviluppaw taħt xenarji ta' politika differenti;

(e) deskrizzjoni ta' kif kull wieħed minn dawn l-elementi li ġejjin tqiesu fid-determinazzjoni tal-livell ta' referenza għall-foresti:

(i) iż-żona soġġetta għal ġestjoni tal-foresti;

(ii) l-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-foresti u mill-prodotti tal-injam maħsud kif jidher fl-inventarji tal-gassijiet serra u fid-data storika rilevanti;

(iii) karatteristiċi tal-foresti, inkluż karatteristiċi dinamiċi tal-foresti relatati mal-età, żidiet, it-tul ta' rotazzjoni u informazzjoni oħra dwar attivitajiet ta' ġestjoni tal-foresti taħt "xenarju ta' żamma tal-istatus quo";

(iv) ir-rati storiċi u futuri tal-ħsad diżaggregati bejn l-enerġija u l-użu mhux tal-enerġija.

*ANNESS V*

## FUNZJONI TA' DIŻINTEGRAZZJONI TAL-EWWEL GRAD, METODOLOĠIJI U VALURI PRESTABBILITI TA' NOFS IL-ĦAJJA GĦALL-PRODOTTI TAL-INJAM MAĦSUD

Kwistjonijiet metodoloġiċi

— Jekk ma jkunx possibbli li ssir distinzjoni bejn il-prodotti tal-injam maħsud fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art tal-art afforestata u l-art forestali ġestita, Stat Membru jista' jagħżel li jikkontabbilizza l-prodotti tal-injam maħsud bil-preżunzjoni li l-emissjonijiet u l-assorbimenti kollha seħħew fuq art forestali ġestita.

— Il-prodotti tal-injam maħsud fil-miżbliet ta' skart solidu u l-prodotti tal-injam maħsud għall-finijiet tal-enerġija għandhom jiġu kkontabbilizzati abbażi ta' ossidazzjoni istantanja.

— Il-prodotti importati tal-injam maħsud, irrispettivament mill-oriġini tagħhom, ma għandhomx jiġu kkontabbilizzati mill-Istat Membru li jkun qed jimpurtahom ("l-approċċ ta' produzzjoni").

— Għal prodotti tal-injam maħsud esportati, id-data speċifika għall-pajjiż tirreferi għall-valuri ta' nofs il-ħajja speċifiċi għall-pajjiż u l-użu ta' prodotti tal-injam maħsud fil-pajjiż li qed jimpurtahom.

— Il-valuri ta' nofs il-ħajja speċifiċi għall-pajjiż għal prodotti tal-injam maħsud imqiegħda fis-suq tal-Unjoni ma għandhomx jiddevjaw minn dawk użati mill-Istat Membru importatur.

— Għall-finijiet ta' informazzjoni biss, fis-sottomissjoni tagħhom l-Istati Membri jistgħu jipprovdu data dwar is-sehem tal-injam għall-finijiet ta' enerġija li kien importat minn barra l-Unjoni, u l-pajjiżi ta' oriġini ta' tali injam.

L-Istati Membri jistgħu jużaw metodoloġiji u valuri ta' nofs il-ħajja speċifiċi għall-pajjiż minflok il-metodoloġiji u l-valuri prestabbiliti ta' nofs il-ħajja speċifikati f'dan l-Anness, sakemm tali metodoloġiji u l-valuri jiġu ddeterminati abbażi ta' data trasparenti u verifikabbli u li l-metodoloġiji użati jkunu tal-anqas dettaljati u preċiżi daqs dawk speċifikati fl-Anness.

Valuri prestabbiliti ta' nofs il-ħajja:

Valur ta' nofs il-ħajja tfisser l-għadd ta' snin li jridu jgħaddu biex il-kwantità ta' karbonju maħżun f'kategorija waħda tal-prodotti tal-injam maħsud tonqos għal nofs il-valur inizjali tiegħu.

Il-valuri prestabbiliti ta' nofs il-ħajja għandhom ikunu kif ġej:

(a) sentejn għall-karta;

(b) 25 sena għall-panewijiet tal-injam;

(c) 35 sena għall-injam issegat.

L-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw il-prodotti ta' materjali bbażati mill-injam, inkluż qxur tas-siġar, li jaqgħu f'dawk il-kategoriji msemmija fil-punti (a), (b) u (c) hawn fuq, abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l -Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, dment li d-data disponibbli tkun trasparenti u verifikabbli. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll subkategoriji speċifiċi għall-pajjiż ta' kwalunkwe kategorija minn dawn.

*ANNESS VI*

KALKOLU TAL-LIVELLI TA' BAŻI GĦAL DISTURBI NATURALI

1. Għall-kalkolu tal-livell ta' bażi, għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja:

   (a) il-livelli storiċi ta' emissjonijiet ikkawżati minn disturbi naturali;

   (b) it-tip(i) ta' disturbi naturali inklużi fl-istima;

   (c) l-istimi tat-total ta' emissjonijiet annwali għal dawk it-tipi ta' disturbi naturali għall-perijodu mill-2001 sal-2020, elenkati skont il-kategoriji tal-kontabbiltà tal-art;

   (d) dimostrazzjoni tal-konsistenza fis-serje temporali fil-parametri rilevanti kollha, inklużi ż-żona minima, il-metodoloġiji għall-istima tal-emissjonijiet, il-koperturi ta' raggruppamenti u gassijiet tal-karbonju.

2. Il-livell ta' bażi jiġi kkalkulat bħala l-medja tas-serje temporali 2001-2020, eskluż is-snin kollha li fihom jiġu reġistrati livelli anormali ta' emissjonijiet, jiġifieri esklużi l-livelli statistiċi kollha barra l-limitu. L-identifikazzjoni tal-livelli statistiċi barra l-limitu għandha ssir kif ġej:

   (a) ikkalkula l-valur aritmetiku medju u d-devjazzjoni standard tas-serje temporali kollha 2001-2020;

   (b) eskludi mis-serje temporali s-snin kollha li fihom l-emissjonijiet annwali jkunu barra mid-doppju tad-devjazzjoni standard madwar il-medja;

   (c) ikkalkula mill-ġdid il-valur aritmetiku medju u d-devjazzjoni standard tas-serje temporali 2001-2020 u naqqas is-snin esklużi fil-punt (b);

   (d) irrepeti l-punti (b) u (c) sakemm ma jiġi identifikat ebda livell barra l-limitu.

3. Wara li jiġi kkalkolat il-livell ta' bażi skont il-punt 2 ta' dan l-Anness, jekk l-emissjonijiet f'sena partikolari fil-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030 jaqbżu l-livell ta' bażi kif ukoll il-marġini, l-ammont ta' emissjonijiet li jaqbżu l-livell ta' bażi jista' jiġi eskluż skont l-Artikolu 10. Il-marġni għandu jkun ugwali għal livell ta' probabilità ta' 95 %.

4. L-emissjonijiet li ġejjin m'għandhomx jiġu esklużi:

   (a) l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' ħsad u qtugħ ta' salvataġġ li twettqu fuq art wara l-okkorrenza ta' disturbi naturali;

   (b) l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-ħruq preskritt li jkun seħħ fuq art fi kwalunkwe sena tal-perijodu mill-2021 sal-2025 jew mill-2026 sal-2030;

   (c) l-emissjonijiet fuq artijiet li kienu soġġetti għal deforestazzjoni wara l-okkorrenza ta' disturbi naturali.

5. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni skont l-Artikolu 10(2) jinkludu dan li ġej:

   (a) l-identifikazzjoni taż-żoni tal-artijiet kollha affettwati minn disturbi naturali f'dik is-sena partikolari, inklużi ż-żona ġeografika tagħhom, il-perijodi u t-tipi ta' disturbi naturali;

   (b) evidenza li ma tkun seħħet ebda deforestazzjoni matul il-bqija tal-perijodu mill-2021 sal-2025 jew mill-2026 sal-2030 fuq artijiet li kienu affettwati minn disturbi naturali u li fir-rigward tagħhom l-emissjonijiet ġew esklużi mill-kontijiet;

(c) deskrizzjoni ta' metodi u kriterji verifikabbli li għandhom jintużaw biex tiġi identifikata d-deforestazzjoni fuq dawk l-artijiet fis-snin ta' wara tal-perijodu mill-2021 sal-2025 jew mill-2026 sal-2030;

(d) fejn hu fattibbli, deskrizzjoni tal-miżuri li l-Istat Membru ħa biex jipprevjeni jew jillimita l-impatt ta' dawk id-disturbi naturali;

(e) fejn hu fattibbli, deskrizzjoni tal-miżuri li l-Istat Membru ħa biex jirriabilita l-artijiet affettwati minn dawk id-disturbi naturali.

*ANNESS VII*

L-AMMONT MASSIMU TA' KUMPENS DISPONIBBLI TAĦT IL-FLESSIBBILTÀ TAL-ART FORESTALI ĠESTITA MSEMMIJA FIL-PUNT (B) TAL-ARTIKOLU 13(3)

| Stat Membru | Assorbimenti medji minn bjar mill-art forestali medji rrapportati għall-perijodu mill-2000 sal-2009 f'miljuni ta' tunnellati ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ fis-sena | Limitu ta' kumpens espress f'miljuni ta' tunnellati ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ għall-perijodu mill-2021 sal-2030 |
|---|---|---|
| Belġju | – 3,61 | – 2,2 |
| Bulgarija | – 9,31 | – 5,6 |
| Repubblika Ċeka | – 5,14 | – 3,1 |
| Danimarka | – 0,56 | – 0,1 |
| Ġermanja | – 45,94 | – 27,6 |
| Estonja | – 3,07 | – 9,8 |
| Irlanda | – 0,85 | – 0,2 |
| Greċja | – 1,75 | – 1,0 |
| Spanja | – 26,51 | – 15,9 |
| Franza | – 51,23 | – 61,5 |
| Kroazja | – 8,04 | – 9,6 |
| Italja | – 24,17 | – 14,5 |
| Ċipru | – 0,15 | – 0,03 |
| Latvja | – 8,01 | – 25,6 |
| Litwanja | – 5,71 | – 3,4 |
| Lussemburgu | – 0,49 | – 0,3 |
| Ungerija | – 1,58 | – 0,9 |
| Malta | 0,00 | 0,0 |
| Netherlands | – 1,72 | – 0,3 |
| Awstrija | – 5,34 | – 17,1 |
| Polonja | – 37,50 | – 22,5 |
| Portugall | – 5,13 | – 6,2 |
| Rumanija | – 22,34 | – 13,4 |
| Slovenja | – 5,38 | – 17,2 |
| Slovakkja | – 5,42 | – 6,5 |
| Finlandja | – 36,79 | – 44,1 |
| Żvezja | – 39,55 | – 47,5 |
| Renju Unit | – 16,37 | – 3,3 |

# REGOLAMENT (UE) 2018/842 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-30 ta' Mejju 2018

## dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23-24 ta' Ottubru 2014 dwar il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, approva mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40 % ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur ekonomiku kollu sal-2030 meta mqabbel mal-1990, u dak ġie affermat mill-ġdid fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17-18 ta' Marzu 2016.

(2) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ottubru 2014 iddikjaraw li jenħtieġ li l-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' mill-inqas 40 % titwettaq b'mod kollettiv mill-Unjoni bl-aktar mod kosteffikaċi possibbli, bit-tnaqqis fl-iskema għan-negozjar ta' emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea ('EU ETS') stipulata fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u fis-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS li jammontaw għal 43 % u 30 % rispettivament, sal-2030 meta mqabbel mal-2005. Jenħtieġ li s-setturi kollha tal-ekonomija jikkontribwixxu għall-kisba ta' dan it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jipparteċipaw f'dan l-isforz, filwaqt li jsibu bilanċ bejn kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja u ta' solidarjetà. Jenħtieġ li l-metodoloġija biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għas-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS, flimkien mal-elementi kollha applikati fid-Deċiżjoni 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), ikomplu sal-2030 bit-tqassim tal-isforzi abbażi tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) per capita. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jikkontribwixxu għat-tnaqqis globali tal-Unjoni fl-2030 b'miri li jvarjaw bejn 0 % u – 40 % meta mqabbla mal-2005. Jenħtieġ li l-miri nazzjonali fi ħdan il-grupp tal-Istati Membri bi PDG per capita ogħla mill-medja tal-Unjoni jiġu aġġustati relattivament biex jirriflettu l-kosteffikaċja b'mod ġust u bbilanċjat. Jenħtieġ li l-kisba ta' dan it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħti spinta lill-effiċjenza u l-innovazzjoni fl-ekonomija tal-Unjoni, u jenħtieġ, b'mod partikolari, li tippromwovi t-titjib, b'mod partikolari fil-bini, fl-agrikoltura, fil-ġestjoni tal-iskart u fit-trasport, dment li dawn jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 103.
([2]) ĠU C 272, 17.8.2017, p. 36.
([3]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2018 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2018.
([4]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).
([5]) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

(3) Dan ir-Regolament jifforma parti mill-implimentazzjoni tal-kontributi tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi ([1]) adottati skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ('UNFCCC'). Il-Ftehim ta' Pariġi ġie konkluż f'isem l-Unjoni fil-5 ta' Ottubru 2016 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 ([2]). L-impenn tal-Unjoni favur it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur ekonomiku kollu ġie stabbilit fil-kontribut maħsub determinat fil-livell nazzjonali li ġie ppreżentat fid-dawl tal-Ftehim ta' Pariġi mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-6 ta' Marzu 2015. Il-Ftehim ta' Pariġi daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016 u jissostitwixxi l-approċċ meħud skont il-Protokoll ta' Kjoto tal-1997 li mhuwiex ser jitkompla wara l-2020.

(4) Il-Ftehim ta' Pariġi, inter alia, jistabbilixxi mira fit-tul f'konformità mal-għan li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm sew taħt it-2 °C ogħla mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex tinżamm sal-1,5 °C ogħla mil-livelli preindustrijali. Jisħaq ukoll fuq l-importanza tal-adattament għall-impatti dannużi tat-tibdil fil-klima u li l-flussi tal-finanzi jsiru konsistenti mal-perkors li jwassal għal emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u ma' żvilupp reżiljenti għall-klima. Il-Ftehim ta' Pariġi jappella wkoll għal bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u l-assorbimenti permezz tal-bjar tal-gassijiet serra fit-tieni nofs ta' dan is-seklu, u jistieden lill-Partijiet biex jieħdu azzjoni biex jikkonservaw u jsaħħu, kif xieraq, il-bjar u l-ħażniet tal-gassijiet serra, fosthom il-foresti.

(5) Fil-komklużjonijiet tiegħu tad-29-30 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill Ewropew appoġġa mira tal-Unjoni, fil-kuntest ta' tnaqqis meħtieġ skont il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) mill-pajjiżi żviluppati bħala grupp, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra bi 80-95 % sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

(6) Il-kontributi determinati fil-livell nazzjonali) tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi jridu jirriflettu l-ogħla ambizzjoni tagħhom possibbli u jirrappreżentaw progress maż-żmien. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi jistinkaw biex jifformulaw u jikkomunikaw strateġiji ta' żvilupp ta' emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra fuq żmien twil, u joqogħdu attenti għall-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2017 jirrikonoxxu l-importanza tal-għanijiet fuq żmien twil u taċ-ċikli ta' rieżami kull ħames snin fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u jenfasizzaw l-importanza ta' strateġiji ta' żvilupp ta' emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra fuq żmien twil bħala għodda politika biex jiġu żviluppati perkorsi affidabbli u l-bidliet politiċi fuq żmien twil meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-Ftehim ta' Pariġi.

(7) It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa teħtieġ tibdil fl-aġir tal-investiment u inċentivi li japplikaw għall-firxa kollha tal-politika. Hija prijorità prinċipali tal-Unjoni li tistabbilixxi Unjoni tal-Enerġija reżiljenti biex tipprovdi enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli għaċ-ċittadini tagħha. Biex dan jinkiseb, jenħtieġ li l-azzjoni klimatika ambizzjuża tkompli permezz ta' dan ir-Regolament u billi jsir progress f'aspetti oħra tal-Unjoni tal-Enerġija kif stipulat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2015 intitolata "Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem".

(8) Hemm firxa ta' miżuri tal-Unjoni li jtejbu l-kapaċità tal-Istati Membri li jissodisfaw l-impenji klimatiċi tagħhom u li huma kruċjali għall-kisba tat-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri jinkludu leġislazzjoni dwar il-gassijiet serra fluworurati, it-tnaqqis ta' $CO_2$ mill-vetturi tat-triq, ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-ekonomija ċirkolari, kif ukoll strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni għal investimenti relatati mal-klima.

(9) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19-20 ta' Marzu 2015 ħadu nota tal-fatt li l-Unjoni hija mpenjata li tibni Unjoni tal-Enerġija b'politika li tħares 'il quddiem dwar il-klima abbażi tal-qafas strateġiku tal-Kummissjoni, li l-ħames dimensjonijiet tiegħu huma marbuta flimkien mill-qrib u jsaħħu lil xulxin. Il-moderazzjoni tad-domanda għall-enerġija hija waħda mid-dimensjonijiet tal-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija. It-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija jista' jirriżulta fi tnaqqis konsiderevoli tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Jista' jkun ukoll ta' ġid għall-ambjent u s-saħħa, itejjeb is-sigurtà tal-enerġija, jiffranka fl-ispejjeż tal-enerġija tad-djar u l-kumpanniji, jgħin biex itaffi l-faqar tal-enerġija u jwassal għal iżjed impjiegi u żieda fl-attività ekonomika fis-setturi ekonomiċi kollha. Il-miżuri li jikkontribwixxu biex jinfirex l-użu ta' teknoloġiji li jiffrankaw l-enerġija fil-bini, l-industrija u t-trasport jistgħu jkunu mod kost-effikaċi biex l-Istati Membri jkunu megħjuna jilħqu l-miri tagħhom skont dan ir-Regolament.

---

([1]) Il-Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

(10) L-użu effettiv ta' prattiki u teknoloġiji sostenibbli u innovattivi, u l-iżvilupp tagħhom, jista' jsaħħaħ ir-rwol tas-settur agrikolu rigward il-mitigazzjoni u l-adattament għall-klima, b'mod partikolari bit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u biż-żamma u t-tisħiħ ta' bjar u ħażniet tal-karbonju. Sabiex titnaqqas il-marka tal-karbonju u dik ekoloġika li jħalli s-settur agrikolu, waqt li fl-istess ħin jinżammu l-produttività, il-kapaċità għar-riġenerazzjoni u l-vitalità tas-settur, huwa importanti li jissaħħu l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament għall-klima kif ukoll li jiżdied il-finanzjament għar-riċerka dwar l-iżvilupp ta' prattiki u teknoloġiji sostenibbli u innovattivi, u l-investiment fihom.

(11) Is-settur agrikolu għandu impatt dirett u sinifikanti fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi. Għal dik ir-raġuni, huwa importanti li tiġi żgurata l-koerenza bejn l-objettiv ta' dan ir-Regolament u politiki u objettivi oħra tal-Unjoni, bħall-politika agrikola komuni u l-objettivi marbuta mal-istrateġija għall-bijodiversità, l-istrateġija għall-foresti u l-istrateġija għal ekonomija ċirkolari.

(12) Is-settur tat-trasport jirrappreżenta kważi kwart tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni. Għalhekk huwa importanti li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u r-riskji marbuta mad-dipendenza fuq il-karburanti fossili fis-settur tat-trasport jitnaqqsu permezz ta' approċċ komprensiv għall-promozzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fit-trasport, għall-mezzi elettriċi tat-trasport, għal bidla fil-modi tat-trasport, fejn ikun aktar sostenibbli, u għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli sostenibbli fit-trasport, anke wara l-2020. Il-bidla għal mobbiltà b'livelli baxxi ta' emissjonijiet bħala parti minn bidla usa' għal ekonomija sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju tista' tiġi ffaċilitata permezz tal-introduzzjoni ta' kondizzjonijiet li jippermettu li dan iseħħ u b'inċentivi qawwija, kif ukoll bi strateġiji fuq żmien twil li jistgħu jżidu l-investimenti.

(13) Jenħtieġ li l-impatt li jħallu l-politiki u l-miżuri tal-Unjoni u dawk nazzjonali ta' dan ir-Regolament jiġu vvalutati f'konformità mal-obbligi ta' monitoraġġ u rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(14) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja, jenħtieġ li fejn xieraq, il-metodoloġija ta' integrazzjoni implimentata matul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 titkompla u tittejjeb bil-għan li twieġeb għall-isfidi u l-ħtiġijiet ta' investiment marbuta mal-azzjoni klimatika mill-2021 'il quddiem. Il-finanzjament mill-Unjoni jenħtieġ li jkun koerenti mal-objettivi tal-qafas politiku tal-Unjoni għall-klima u l-enerġija tal-2030 u mal-objettivi fit-tul espressi fil-Ftehim ta' Pariġi, sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-infiq pubbliku. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji rapport dwar l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni mogħtija mill-baġit tal-Unjoni jew b'mod ieħor skont il-liġi tal-Unjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament jew mid-Direttiva 2003/87/KE.

(15) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-kategoriji, identifikati mill-IPCC, tal-enerġija, tal-proċessi industrijali u l-użu tal-prodotti, tal-agrikoltura u tal-iskart, kif iddeterminati skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 minbarra l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE.

(16) Id-data li qed tiġi rrapportata bħalissa fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra u fir-reġistri nazzjonali u tal-Unjoni mhijiex biżżejjed sabiex jiġu ddeterminati, fil-livell tal-Istati Membri, l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-avjazzjoni ċivili fil-livell nazzjonali li mhumiex koperti bid-Direttiva 2003/87/KE. Jenħtieġ li fl-adozzjoni tal-obbligi tar-rapportar, l-Unjoni ma timponix fuq l-Istati Membri jew fuq l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) piżijiet li huma sproporzjonati mal-għanijiet li jridu jintlaħqu. L-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn titjiriet mhux koperti bid-Direttiva 2003/87/KE jirrappreżentaw biss parti żgħira ħafna tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra, u l-ħolqien ta' sistema ta' rapportar għal dawn l-emissjonijiet ikun ta' piż bla bżonn fid-dawl tar-rekwiżiti eżistenti għas-settur usa' skont id-Direttiva 2003/87/KE. Għalhekk, jenħtieġ li l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-kategorija ta' sorsi tal-IPCC "1.A.3.A avjazzjoni ċivili" jiġu kkunsidrati ugwali għal żero għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(17) Jenħtieġ li t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' kull Stat Membru għall-2030 jiġi ddeterminat b'rabta mal-livell rivedut tiegħu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2005 kopert b'dan ir-Regolament, minbarra l-emissjonijiet ta' gassijiet serra vverifikati minn installazzjonijiet li kienu qegħdin jaħdmu fl-2005 u li ma ġewx inklużi fl-EU ETS wara l-2005. Jenħtieġ li l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet mill-2021 sal-2030 jiġu ddeterminati abbażi tad-data ppreżentata mill-Istati Membri u analizzata mill-Kummissjoni.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

(18) Jenħtieġ li l-approċċ ta' limiti nazzjonali vinkolanti kull sena meħud fid-Deċiżjoni 406/2009/KE jitkompla mill-2021 sal-2030. Ir-regoli kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, biex l-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet annwali jingħataw lil kull Stat Membru, jenħtieġ li jsegwu l-istess metodoloġija bħal ta' dawk l-Istati Membri b'limiti negattivi skont dik id-Deċiżjoni, iżda bit-trajettorja tibda tiġi kkalkulata minn ħames partijiet minn kull tnax tad-distanza mill-perijodu bejn l-2019 u l-2020 jew fl-2020 fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra matul il-perijodu bejn l-2016 u l-2018 u tmiem it-trajettorja jkun il-limitu tal-2030 għal kull Stat Membru. Sabiex ikunu żgurati kontribuzzjonijiet xierqa għall-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-perijodu mill-2021 sal-2030, jenħtieġ li d-data tal-bidu tat-trajettorja tiġi ddeterminata għal kull Stat Membru fuq il-bażi ta' liema minn dawk id-dati tirriżulta f'allokazzjoni aktar baxxa. Għall-Istati Membri li jkollhom kemm limitu pożittiv skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE kif ukoll allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet li jiżdiedu bejn l-2017 u l-2020 iddeterminati skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE ([1]) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/634/UE ([2]), huwa previst aġġustament tal-allokazzjoni fl-2021 biex jirrifletti l-kapaċità għal iktar emissjonijiet ta' gassijiet serra f'dawk is-snin.

Jenħtieġ li jiġi previst aġġustament addizzjonali għal ċerti Stati Membri biex tkun rikonoxxuta s-sitwazzjoni eċċezzjonali tagħhom billi jkollhom kemm limitu pożittiv skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE u, jew l-inqas emissjonijiet ta' gassijiet serra per capita skont dik id-Deċiżjoni jew inkella l-inqas sehem mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn setturi mhux koperti minn dik id-Deċiżjoni meta mqabbel mal-emissjonijiet totali tagħhom ta' gassijiet serra. Dak l-aġġustament addizzjonali jenħtieġ li jkopri biss parti mit-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra meħtieġa fil-perijodu mill-2021 sal-2029 sabiex jinżammu l-inċentivi għal tnaqqis addizzjonali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u sabiex ma jħallux impatt fuq il-kisba tal-mira għall-2030, filwaqt li jittieħed kont tal-użu ta' aġġustamenti u flessibbiltajiet oħra stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(19) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-istabbiliment tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għall-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(20) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew sostna li jenħtieġ li d-disponibbiltà u l-użu ta' strumenti ta' flessibbiltà eżistenti fis-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS jiżdiedu b'mod sinifikanti sabiex tiġi żgurata l-kosteffikaċja tal-isforz kollettiv tal-Unjoni u l-konverġenza tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra per capita sal-2030. Bħala mezz biex tissaħħaħ il-kosteffikaċja globali tat-tnaqqis totali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jfaddlu jew jissellfu parti mill-allokazzjonijiet annwali tagħhom tal-emissjonijiet. Jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jittrasferixxu parti mill-allokazzjoni annwali tagħhom tal-emissjonijiet lil Stati Membri oħra. Jenħtieġ li tiġi żgurata t-trasparenza ta' dawn it-trasferimenti, u dawn iridu jitwettqu b'mod li huwa konvenjenti għal kull parti, inkluż permezz tal-irkant, permezz ta' rikors għal intermedjarji tas-suq li joperaw bħala aġenti, jew permezz ta' arranġamenti bilaterali. Kwalunkwe trasferiment bħal dan jista' jkun ir-riżultat ta' proġett jew programm ta' mitigazzjoni tal-gassijiet serra mwettaq fl-Istat Membru li jkun qed ibiegħ u ffinanzjat mill-Istat Membru riċeventi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jinkoraġġixxu l-istabbiliment ta' sħubiji pubbliċi-privati għall-proġetti skont l-Artikolu 24a(1) tad-Direttiva 2003/87/KE.

(21) Jenħtieġ li tinħoloq flessibbiltà ta' darba sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-miri għal dawk l-Istati Membri li għandhom miri nazzjonali ta' tnaqqis li huma ħafna ogħla mill-medja tal-Unjoni u ogħla mill-potenzjal tat-tnaqqis kosteffikaċi tagħhom, kif ukoll għal dawk l-Istati Membri li ma allokawx kwoti tal-EU ETS b'xejn lill-installazzjonijiet industrijali fl-2013Sabiex jinżamm l-għan tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) sabiex jiġu indirizzati l-iżbilanċi bejn il-provvista u d-domanda fl-EU ETS, jenħtieġ li l-kwoti tal-EU ETS ikkunsidrati għall-flessibbiltà ta' darba jitqiesu bħala kwoti tal-EU ETS fiċ-ċirkolazzjoni meta jiġi ddeterminat l-għadd totali ta' kwoti tal-EU ETS fiċ-ċirkolazzjoni f'sena partikolari. Fl-ewwel rieżami tagħha skont dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra jekk iżżommx din il-kontabbiltà bħala kwoti tal-EU ETS, fiċ-ċirkolazzjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE tas-26 ta' Marzu 2013 dwar kif għandhom jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perijodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 90, 28.3.2013, p. 106).

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/634/UE tal-31 ta' Ottubru 2013 dwar l-aġġustamenti fl-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għall-perijodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 292, 1.11.2013, p. 19).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([4]) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1).

(22) Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jistabbilixxi regoli tal-kontabilità dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra relatati mal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija ('LULUCF'). Jenħtieġ li l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament ma jkunux koperti b'dan ir-Regolament. Madankollu, filwaqt li r-riżultat ambjentali skont dan ir-Regolament f'termini tal-livelli tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra huwa affettwat billi titqies kwantità ta' mhux aktar mis-somma tal-assorbimenti netti totali u l-emissjonijiet netti totali minn art forestali, art deforestata, raba' ġestita, bwar ġestiti u, skont ċerti kondizzjonijiet, art tal-foresti ġestita kif ukoll, fejn obbligat skont ir-Regolament (UE) 2018/841 , art mistagħdra ġestita, kif definit f'dak ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi inkluża f'dan ir-Regolament flessibbiltà LULUCF għal kwantità massima ta' 280 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ ta' dawk l-assorbimenti mqassma fost l-Istati Membri, bħala possibbiltà addizzjonali biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jonoraw l-impenji tagħhom, fejn meħtieġ. Dak l-ammont totali u t-tqassim tiegħu fost l-Istati Membri jenħtieġ li jirrikonoxxi l-potenzjal ta' mitigazzjoni mnaqqas tas-settur tal-agrikoltura u tal-użu tal-art u kontribut xieraq ta' dak is-settur għat-trażżin u l-qbid tal-gassijiet serra. Barra minn hekk, jenħtieġ li t-tħassir volontarju tal-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet skont dan ir-Regolament jippermetti biex dawn l-ammonti jkunu jistgħu jitqiesu meta tiġi vvalutata l-konformità tal-Istati Membri mar-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2018/841.

(23) Fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija ('proposta dwar il-governanza'), li jirrikjedi li l-Istati Membri jfasslu pjanijiet integrati dwar l-enerġija u l-klima fil-kuntest tal-ippjanar strateġiku tal-politika dwar l-enerġija u l-klima għall-ħames dimensjonijiet ewlenin tal-Unjoni tal-Enerġija. Skont il-proposta dwar il-governanza, il-pjanijiet nazzjonali li jkopru l-perijodu mill-2021 sal-2030 għandhom jaqdu rwol ewlieni fl-ippjanar tal-Istati Membri għall-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament u mar-Regolament (UE) 2018/841. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom ifasslu l-politiki u l-miżuri biex jonoraw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/841, bi prospettiva li jintlaħaq l-għan fit-tul ta' bilanċ bejn l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-assorbimenti skont il-Ftehim ta' Pariġi. Dawk il-pjanijiet għandhom ukoll jagħtu valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u l-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-objettivi. Skont il-proposta dwar il-governanza, il-Kummissjoni, fir-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar l-abbozzi ta' pjanijiet nazzjonali, jenħtieġ li tkun tista' tindika kemm ikun xieraq il-livell ta' ambizzjoni u l-implimentazzjoni sussegwenti tal-politiki u l-miżuri. Jenħtieġ li jitqies l-użu possibbli tal-flessibbiltà tal-LULUCF għall-konformità ma' dan ir-Regolament meta ssir il-kompilazzjoni ta' dawk il-pjanijiet.

(24) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli u li tgħin biex jinkiseb titjib sinifikanti u li jista' jitkejjel fl-ambjent billi tipprovdi informazzjoni f'waqtha, immirata, rilevanti u affidabbli lil dawk li jfasslu l-politika, lill-istituzzjonijiet pubbliċi u lill-pubbliku. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni, kif xieraq, skont il-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija.

(25) Jenħtieġ li kwalunkwe aġġustament fil-kopertura kif stabbilita fl-Artikoli 11, 24, 24a u 27 tad-Direttiva 2003/87/KE jiġi mqabbel b'aġġustament korrispondenti fil-kwantità massima ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra koperti minn dan ir-Regolament. Konsegwentement, meta l-Istati Membri jinkludu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali minn installazzjonijiet li preċedentement kienu koperti mid-Direttiva 2003/87/KE fl-impenji tagħhom skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jimplimentaw politiki u miżuri addizzjonali fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament sabiex jitnaqqsu dawk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

(26) B'rikonoxximent tal-isforzi preċedenti li saru mill-2013 minn dawk l-Istati Membri li kellhom PDG per capita taħt il-medja tal-Unjoni fl-2013, jixraq li tiġi stabbilita riżerva ta' sikurezza limitata għal użu speċjali li tikkorrispondi għal mhux iktar minn 105 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$, filwaqt li tinżamm l-integrità ambjentali ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-inċentivi għal azzjonijiet tal-Istati Membri lil hinn mill-kontributi minimi skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li r-riżerva ta' sikurezza tkun ta' benefiċċju għall-Istati Membri bi PDG per capita taħt il-medja tal-Unjoni fl-2013, li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom jibqgħu taħt l-allokazzjonijiet annwali tagħhom tal-emissjonijiet mill-2013 sal-2020 u li, minkejja li jużaw flessibbiltajiet oħrajn previsti f'dan ir-Regolament, isibu diffikultà biex jilħqu l-mira tagħhom għall-2030 b'rabta mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Riżerva ta' sikurezza ta' dak id-daqs tkopri parti sinifikanti mid-defiċit kollettiv previst tal-Istati Membri eliġibbli fil-perijodu

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

mill-2021 sal-2030, mingħajr politiki addizzjonali, filwaqt li jinżammu l-inċentivi għal azzjoni addizzjonali. Jenħtieġ li r-riżerva ta' sikurezza tkun disponibbli għal dawk l-Istati Membri fl-2032, b'ċerti kondizzjonijiet u dment li l-użu tagħha ma jimminax l-ilħuq tal-mira tal-Unjoni ta' tnaqqis ta' 30 % ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għas-sena 2030, fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament.

(27) Sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi fil-qafas tar-Regolament (UE) 2018/841 kif ukoll biex tiġi żgurata l-kontabbiltà preċiża skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex ikun jista' jsir użu mill-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art forestali ġestita u l-art mistagħdra ġestita skont il-flessibbiltà LULUCF u fir-rigward tal-kontabbiltà ta' tranżazzjonijiet skont dan ir-Regolament, inkluż l-użu ta' flessibiltajiet, l-applikazzjoni tal-kontrolli tal-konformità u tal-funzjonament preċiż tar-riżerva tas-sikurezza, permezz tar-reġistru stabbilit skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 ('ir-Reġsitru tal-Unjoni'). Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-kontabbiltà skont dan ir-Regolament tkun aċċessibbli għall-pubbliku. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-kontabbiltà tat-transazzjonijiet jiddaħħlu fi strument uniku li jiġbor flimkien id-dispożizzjonijiet dwar il-kontabbiltà skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013, ir-Regolament (UE) 2018/841, dan ir-Regolament u d-Direttiva 2003/87/KE. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq il-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(28) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi rivedut fl-2024 u kull ħames snin minn dik is-sena sabiex jiġi vvalutat il-funzjonament globali tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u miżuri tal-Unjoni aktar stretti,. Jenħtieġ li r-rieżami jqis, fost l-oħrajn, iċ-ċirkostanzi nazzjonali li jkunu qegħdin jevolvu u r-riżultati tad-Djalogu ta' Faċilitazzjoni tal-2018 skont l-UNFCCC ('id-djalogu ta' Talanoa') u tar-rendikont globali skont il-Ftehim ta' Pariġi. Bħala parti mir-rieżami, jenħtieġ li l-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda għall-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet jitqies ukoll sabiex jiġi żgurat li l-obbligi stabbiliti minn dan ir-Regolament huma adegwati. Barra minn hekk, bħala parti mir-rappurtar regolari tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013, jenħtieġ li l-Kummissjoni, sal-31 ta' Ottubru 2019, tivvaluta r-riżultat tad-djalogu ta' Talanoa. Ir-rieżami għall-perijodu wara l-2030 jenħtieġ li jkun konformi mal-objettivi fit-tul u mal-impenji meħuda skont il-Ftehim ta' Pariġi u, għal dak il-għan, jenħtieġ li jirrifletti progressjoni maż-żmien.

(29) Sabiex jiġu żgurati r-rapportar u l-verifika effiċjenti, trasparenti u kosteffikaċi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra meħtieġa biex jiġi vvalutat il-progress fir-rigward tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri, jenħtieġ li r-rekwiżiti għar-rapportar u l-evalwazzjoni annwali skont dan ir-Regolament jiġu integrati mal-Artikoli rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013. Jenħtieġ li dak ir-Regolament jiżgura wkoll li l-progress tal-Istati Membri fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jkompli jiġi evalwat kull sena, b'kont meħud tal-progress li jkun sar fil-politiki u l-miżuri tal-Unjoni u tal-informazzjoni mill-Istati Membri. Kull sentejn, l-evalwazzjoni jenħtieġ li tinkludi l-progress imbassar tal-Unjoni biex tilħaq il-miri tagħha ta' tnaqqis u tal-Istati Membri fit-twettiq tal-obbligi tagħhom. Madankollu, jenħtieġ li l-applikazzjoni tat-tnaqqis titqies biss f'intervalli ta' ħames snin biex ikun jista' jitqies il-kontribut potenzjali ta' art forestali, art deforestata, raba' ġestita u bwar ġestiti li jkun qed iseħħ skont ir-Regolament (EU) 2018/841. Dak huwa mingħajr preġudizzju għad-dmir tal-Kummissjoni li tiżgura l-konformità mal-obbligi tal-Istati Membri li jirriżultaw minn dan ir-Regolament jew għas-setgħa tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedimenti ta' ksur għal dan il-għan.

(30) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 525/2013 jiġi emendat skont dan.

(31) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari li jiġu stabbiliti obbligi fuq l-Istati Membri rigward il-kontributi minimi tagħhom għall-perijodu mill-2021 sal-2030 li jissodisfaw il-mira tal-Unjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li jikkontribwixxu lejn il-ksib tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(32) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għal għanijiet nazzjonali iktar stretti,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi obbligi fuq l-Istati Membri fir-rigward tal-kontributi minimi tagħhom għall-perijodu mill-2021 sal-2030 biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni li fl-2030 l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra jitnaqqsu bi 30 % taħt il-livelli fl-2005 fis-setturi koperti mill-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament u jikkontribwixxi għat-twettiq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli dwar id-determinazzjoni tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet u għall-evalwazzjoni tal-progress li jkun sar mill-Istati Membri biex jonoraw il-kontributi minimi tagħhom.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn kategoriji ta' sorsi tal-IPCC tal-enerġija, il-proċessi industrijali u l-użu tal-prodott, l-agrikoltura u l-iskart kif iddeterminati skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013, minbarra l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 u l-Artikolu 9(2) ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament ma japplikax għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għall-assorbimenti koperti mir-Regolament (EU) 2018/841.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-kategorija tas-sorsi tal-IPCC "1.A.3.A l-avjazzjoni ċivili" għandhom jiġu ttrattati bħala ekwivalenti għal żero.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Emissjonijiet ta' gassijiet serra" tfisser emissjonijiet f'termini ta' tunnellati ta' ekwivalenti għad-$CO_2$ ta' diossidu tal-karbonju ($CO_2$), metan ($CH_4$), ossidu nitruż ($N_2O$), idrofluworokarburi (HFCs), perfluworokarburi (PFCs), trifluworur tan-nitroġenu ($NF_3$) u eżafluworur tal-kubrit ($SF_6$) iddeterminati skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(2) "Allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet" tfisser l-emissjonijiet tal-gassijiet serra massimi permessi għal kull sena bejn l-2021 u l-2030 iddeterminati skont l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 10;

(3) "Kwota EU ETS" tfisser "kwota" kif iddefinita fil-punt (a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE.

*Artikolu 4*

**Il-livelli annwali tal-emissjonijiet għall-perijodu mill-2021 sal-2030**

1. Fl-2030, kull Stat Membru għandu jillimita l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu tal-inqas bil-perċentwal stabbilit għal dak l-Istat Membru fl-Anness I fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu fl-2005, iddeterminati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Soġġett għall-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 5, 6 u 7 ta' dan ir-Regolament, għall-aġġustament skont l-Artikolu 10(2) ta' dan ir-Regolament u filwaqt li jitqies kwalunkwe tnaqqis li jista' jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu f'kull sena bejn l-2021 u l-2029 ma jaqbżux il-limitu ddefinit minn trajettorja lineari, li tibda fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu matul l-2016, l-2017 u l-2018 iddeterminati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u li tispiċċa fl-2030 fuq il-limitu stabbilit għal dak l-Istat Membru fl-Anness I għal dan ir-Regolament. It-trajettorja lineari ta' Stat Membru għandha tibda jew mill-ħames parti minn kull tnax tad-distanza mill-2019 sal-2020 jew fl-2020, skont liema tkun l-anqas allokazzjoni għal dak l-Istat Membru.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għas-snin mill-2021 sal-2030 f'termini ta' tunnellati ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ kif speċifikat fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Għall-finijiet ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tad-data tal-inventarju nazzjonali l-aktar reċenti għas-snin 2005 u 2016 sa 2018 ippreżentat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jindikaw il-valur għall-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra tal-2005 ta' kull Stat Membru użati biex jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet speċifikati fil-paragrafi 1 u 2.

4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw ukoll, abbażi tal-perċentwali nnotifikati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 6(3), il-kwantitajiet totali li jistgħu jitqiesu għall-konformità ta' Stat Membru skont l-Artikolu 9 bejn l-2021 u l-2030. Jekk is-somma tal-kwantitajiet totali tal-Istati Membri kollha taqbeż it-total kollettiv ta' 100 miljun, il-kwantitajiet totali għal kull Stat Membru għandhom jitnaqqsu fuq bażi pro rata sabiex ma jinqabiżx it-total kollettiv.

5. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14.

*Artikolu 5*

**Flessibiltajiet permezz ta' self, tfaddil u trasferiment**

1. Fir-rigward tas-snin mill-2021 sal-2025, Stat Membru jista' jissellef kwantità li ma taqbiżx l-10 % mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-sena sussegwenti.

2. Fir-rigward tas-snin mill-2026 sal-2029, Stat Membru jista' jissellef kwantità li ma taqbiżx il-5 % mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-sena sussegwenti.

3. Stat Membru li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu għal sena partikolari jkunu taħt l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għal dik is-sena, b'kont meħud tal-użu ta' flessibbiltajiet skont dan l-Artikolu u l-Artikolu 6, jista':

(a) fir-rigward tas-sena 2021, ifaddal dik il-parti żejda tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-snin sussegwenti sal-2030; u

(b) fir-rigward tas-snin mill-2022 sal-2029, ifaddal dik il-parti żejda tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu sa mhux aktar mil-livell ta' 30 % tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tiegħu sa dik is-sena għas-snin sussegwenti sal-2030.

4. Stat Membru jista' jittrasferixxi sa mhux aktar minn 5 % tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu ta' sena partikolari lil Stati Membri oħra fir-rigward tas-snin mill-2021 sal-2025, u sa mhux aktar minn 10 % fir-rigward tas-snin mill-2026 sal-2030. L-Istat Membru riċeventi jista' juża dik il-kwantità għall-konformità skont l-Artikolu 9 għas-sena partikolari jew għal snin sussegwenti sal-2030.

5. Stat Membru li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra rieżaminati tiegħu għal sena partikolari jkunu taħt l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għal dik is-sena, filwaqt li jitqies l-użu ta' flessibbiltajiet skont il-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 6, jista' jittrasferixxi dik il-parti żejda tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu lil Stati Membri oħrajn. L-Istat Membru riċeventi jista' juża dik il-kwantità għall-konformità skont l-Artikolu 9 għal dik is-sena partikolari jew għal snin sussegwenti sal-2030.

6. L-Istati Membri jistgħu jużaw id-dħul iġġenerat permezz ta' trasferimenti ta' allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet skont il-paragrafi 4 u 5 biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe azzjoni meħuda skont dan il-paragrafu.

7. Kwalunkwe trasferiment tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet skont il-paragrafi 4 u 5 jista' jirriżulta minn proġett jew programm ta' mitigazzjoni tal-gassijiet serra mwettaq fl-Istat Membru li jkun qed ibiegħ u li jiġi rimunerat mill-Istat Membru riċeventi, bil-kondizzjoni li li jiġi evitat l-għadd doppju u tiġi żgurata t-traċċabbiltà.

8. L-Istati Membri jistgħu jużaw il-krediti minn proġetti maħruġa skont l-Artikolu 24a(1) tad-Direttiva 2003/87/KE għall-konformità mal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, mingħajr ebda valur limitu kwantitattiva, bil-kondizzjoni li jiġi evitat l-għadd doppju.

*Artikolu 6*

**Flessibbiltà għal ċerti Stati Membri wara tnaqqis fil-kwoti tal-EU ETS**

1. L-Istati Membri elenkati fl-Anness II għal dan ir-Regolament jista' jkollhom kanċellazzjoni limitata għal mhux iktar minn 100 miljun kwota EU ETS li jitqiesu kollettivament għall-konformità tagħhom skont dan ir-Regolament. Dik il-kanċellazzjoni għandha ssir mill-volumi tal-irkant tal-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/87/KE.

2. Il-kwoti tal-EU ETS ikkunsidrati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu bħala kwoti tal-EU ETS fiċ-ċirkolazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 1(4) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814.

Fl-ewwel rieżami tagħha skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk iżżommx il-kontijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

3. L-Istati Membri elenkati fl-Anness II għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2019 dwar kwalunkwe intenzjoni li jkollhom biex jagħmlu użu mill-kanċellazzjoni limitata ta' kwoti tal-EU ETS imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sal-perċentwal elenkat fl-Anness II għal kull sena tal-perijodu mill-2021 sal-2030 għal kull Stat Membru kkonċernat, għall-konformità tiegħu skont l-Artikolu 9.

L-Istati Membri elenkati fl-Anness II jistgħu jiddeċiedu li jirrevedu 'l isfel il-perċentwal notifikat darba fl-2024 u darba fl-2027. F'tali każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan sal-31 ta' Diċembru 2024 jew sal-31 ta' Diċembru 2027, rispettivament.

4. Fuq talba ta' Stat Membru, l-Amministratur Ċentrali maħtur skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2003/87/KE ("l-Amministratur Ċentrali") għandu jqis ammont li ma jaqbiżx it-total tal-kwantità ddeterminata skont l-Artikolu 4(4) ta' dan ir-Regolament għall-konformità ta' dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament. Parti minn kull għaxra tal-kwantità totali tal-kwoti tal-EU ETS iddeterminati skont l-Artikolu 4(4) ta' dan ir-Regolament għandha tiġi kkanċellata skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE għal kull sena mill-2021 sal-2030 għal dak l-Istat Membru.

5. Meta Stat Membru, f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, ikun innotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu li jirrevedi 'l isfel il-perċentwal innotifikat preċedentement, kwantità ta' kwoti tal-EU ETS korrispondentement aktar baxxa għandha tiġi kkanċellata għal dak l-Istat Membru fir-rigward ta' kull sena mill-2026 sal-2030 jew mill-2028 sal-2030, rispettivament.

*Artikolu 7*

**Użu addizzjonali ta' mhux aktar minn 280 miljun assorbiment nett mil-LULUCF**

1. Sal-punt li emissjonijiet ta' Stat Membru jaqbżu l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu għal sena partikolari, inkluż kwalunkwe allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet mfaddla skont l-Artikolu 5(3) ta' dan ir-Regolament, kwantità ta' mhux aktar mis-somma ta' assorbimenti netti totali u l-emissjonijiet netti totali mill-kategoriji kombinati tal-kontabbiltà tal-art ta' art forestali, art deforestata, raba' ġestita, bwar ġestiti, u, soġġetta għall-atti delegati adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, art forestali ġestita u art mistagħdra ġestita, kif imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2018/841, tista' titqies għall-konformità tiegħu skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament għal dik is-sena, sakemm:

(a) il-kwantità kumulattiva li titqies għal dak l-Istat Membru għas-snin kollha tal-perijodu mill-2021 sal-2030 ma taqbiżx l-ammont massimu ta' assorbimenti netti totali stabbilit fl-Anness III għal dan ir-Regolament għal dak l-Istat Membru;

(b) din il-kwantità taqbeż ir-rekwiżiti ta' dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841;

(c) l-Istat Membru ma akkwistax aktar assorbimenti netti skont ir-Regolament (UE) 2018/841 mingħand Stati Membri oħra milli jkun ittrasferixxa;

(d) l-Istat Membru kkonforma mar-Regolament (UE) 2018/841; u

(e) l-Istat Membru ppreżenta deskrizzjoni tal-użu intenzjonat tal-flessibbiltà disponibbli skont dan il-paragrafu f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament biex temenda t-titolu tal-Anness III għalih fir-rigward tal-kategoriji kontabilistiċi tal-art sabiex:

(a) ikun jirrifletti l-kontribut tal-kategorija kontabilistika tal-art għall-art forestali ġestita filwaqt li jirrispetta l-ammont massimu ta' assorbimenti netti totali għal kull Stat Membru msemmija fl-Anness III għal dan ir-Regolament, fejn jiġu adottati atti delegati li jistabbilixxu livelli ta' referenza tal-foresti huma adottati skont l-Artikolu 8(6) jew (7) tar-Regolament (UE) 2018/841; u

(b) ikun jirrifletti l-kontribut tal-kategorija kontabilistika tal-art ta' art mistagħdra ġestita filwaqt li jirrispetta l-ammont massimu ta' assorbimenti netti totali għal kull Stat Membru msemmija fl-Anness III għal dan ir-Regolament, fejn l-Istati Membri kollha huma meħtieġa jagħtu rendikont ta' din il-kategorija skont ir-Regolament (UE) 2018/841.

*Artikolu 8*

**Azzjoni korrettiva**

1. Jekk il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni annwali tagħha ssib skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 u waqt li tqis l-użu maħsub tal-flessibbiltajiet imsemmi fl-Artikoli 5, 6 u 7 ta' dan ir-Regolament, li Stat Membru ma jkunx qed jagħmel progress suffiċjenti biex jonora l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, dak l-Istat Membru għandu, fi żmien tliet xhur, jippreżenta pjan ta' azzjoni korrettiva lill-Kummissjoni li jinkludi:

(a) azzjonijiet addizzjonali li l-Istat Membru għandu jimplimenta sabiex iwettaq l-obbligi speċifiċi tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, permezz ta' politiki u miżuri domestiċi u l-implimentazzjoni tal-azzjoni tal-Unjoni;

(b) skeda stretta ta' implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, li tippermetti l-valutazzjoni tal-progress annwali fl-implimentazzjoni.

2. Skont il-programm ta' ħidma annwali tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha biex tivvaluta kwalunkwe pjan ta' azzjoni korrettiva.

3. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni dwar kemm huma b'saħħithom il-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva ppreżentati f'konformità mal-paragrafu 1 u f'dak il-każ għandha tagħmel dan fi żmien erba' xhur mill-wasla ta' dawk il-pjanijiet. L-Istat Membru kkonċernat għandu jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni bir-reqqa u jista' jirrevedi l-pjan tiegħu skont dan.

*Artikolu 9*

**Kontroll tal-konformità**

1. Fl-2027 u fl-2032, jekk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra riveduti ta' Stat Membru jaqbżu l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għal kwalunkwe sena speċifika tal-perijodu, b' kont meħud għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-flessibbiltajiet użati skont l-Artikoli 5, 6 u 7, għandhom japplikaw il-miżuri li ġejjin:

(a) żieda maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' Stat Membru tas-sena ta' wara ugwali għall-ammont f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra żejda, immultiplikat b'fattur ta' 1,08, skont il-miżuri adottati skont l-Artikolu 12; u

(b) l-Istat Membru għandu jkun temporanjament ipprojbit milli jittrasferixxi kwalunkwe parti mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu lil Stat Membru ieħor sakemm jiġi konformi mal-Artikolu 4.

L-Amministratur Ċentrali għandu jimplimenta l-projbizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. Jekk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' Stat Membru jew fil-perijodu mill-2021 sal-2025 jew fil-perijodu mill-2026 sal-2030 imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841 jaqbżu l-assorbimenti tiegħu, kif iddeterminati skont l-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament, l-Amministratur Ċentrali għandu jnaqqas mill-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet ta' dak l-Istat Membru ammont ugwali għal dawk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra żejda f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ għas-snin rilevanti.

*Artikolu 10*

**Aġġustamenti**

1. Il-Kummissjoni għandha taġġusta l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament sabiex jirriflettu:

(a) l-aġġustamenti għall-għadd ta' kwoti tal-EU ETS maħruġa skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/87/KE li rriżultaw minn bidla fil-kopertura tas-sorsi skont dik id-Direttiva, f'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati skont dik id-Direttiva dwar l-approvazzjoni finali tal-pjanijiet ta' allokazzjoni nazzjonali għall-perijodu mill-2008 sal-2012;

(b) l-aġġustamenti għall-għadd ta' kwoti jew krediti tal-EU ETS maħruġa, rispettivament, skont l-Artikoli 24 u 24a tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fi Stat Membru; u

(c) l-aġġustamenti għall-għadd ta' kwoti tal-EU ETS li jappartjenu għal emissjonijiet ta' gassijiet serra minn stallazzjonijiet esklużi mill-EU ETS skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE, għaż-żmien li jiġu esklużi.

2. L-ammont li jinsab fl-Anness IV għandu jiżdied mal-allokazzjoni għas-sena 2021 għal kull Stat Membru msemmi f'dak l-Anness.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-figuri li jirriżultaw minn tali aġġustamenti.

*Artikolu 11*

**Riżerva ta' sikurezza**

1. Riżerva ta' sikurezza li tikkorrispondi għal kwantità ta' mhux aktar minn 105 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ għandha tiġi stabbilita fir-Reġistru tal-Unjoni soġġett għall-ilħuq tal-mira tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1. Ir-riżerva ta' sikurezza għandha tkun disponibbli flimkien mal-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 5, 6 u 7.

2. Stat Membru jista' jibbenefika mir-riżerva ta' sikurezza bil-kondizzjoni li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-PDG tiegħu per capita bil-prezzijiet tas-suq fl-2013, kif ippubblikat mill-Eurostat f'April 2016, kien inqas mill-medja tal-Unjoni;

(b) l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kumulattivi tiegħu għas-snin mill-2013 sal-2020 fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament huma inqas mill-allokazzjonijiet kumulattivi annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-snin mill-2013 sal-2020; u

(c) l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu jaqbżu l-allokazzjonijiet ta' emissjonijiet annwali fil-perijodu mill-2016 sal-2030, għalkemm:

(i) ikun eżawrixxa l-flessibbiltajiet skont l-Artikolu 5(2) u (3);

(ii) ikun għamel l-użu massimu possibbli mill-assorbimenti netti skont l-Artikolu 7, anke jekk dik il-kwantità ma tilħaqx il-livell stabbilit fl-Anness III; u

(iii) ma jkun għamel l-ebda trasferiment nett lejn Stati Membri oħra skont l-Artikolu 5

3. Stat Membru, li jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandu jirċievi kwantità addizzjonali mir-riżerva ta' sikurezza ta' mhux aktar min-nuqqas tiegħu li trid tintuża għall-konformità skont l-Artikolu 9. Dik il-kwantità ma għandhiex taqbeż l-20 % tas-superament tal-objettiv globali tiegħu fil-perijodu mill-2013 sal-2020.

Jekk il-kwantità kollettiva li tirriżulta li jirċievu l-Istati Membri kollha li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu taqbeż il-limitu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kwantità li tiġi riċevuta minn kull wieħed minn dawk l-Istati Membri għandha titnaqqas fuq bażi pro rata.

4. Kwalunkwe ammont li jifdal fir-riżerva ta' sikurezza wara d-distribuzzjoni skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 għandu jitqassam fost l-Istati Membri msemmija f'dak is-subparagrafu b'mod proporzjonali għan-nuqqas li jifdlilhom, iżda mingħajr ma dan jinqabeż. Għal kull wieħed minn dawk l-Istati Membri, dik il-kwantità tista' tkun addizzjonali għall-perċentwal imsemmi f'dak is-subparagrafu.

5. Wara tmiem ir-rieżami msemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għas-sena 2020, il-Kummissjoni għandha, għal kull Stat Membru li jissodisfa l-kondizzjonijiet fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, tippubblika l-ammonti korrispondenti għal 20 % tas-superament tal-objettiv globali fil-perijodu mill-2013 sal-2020 kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 12*

**Reġistru**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13 biex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tiżgura l-kontabbiltà preċiża skont dan ir-Regolament permezz tar-Reġistru tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda:

(a) l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet;

(b) il-flessibbiltajiet eżerċitati skont l-Artikoli 5, 6 u 7

(c) il-kontrolli tal-konformità skont l-Artikolu 9;

(d) l-aġġustamenti skont l-Artikolu 10; u

(e) ir-riżerva ta' sikurezza skont l-Artikolu 11.

2. L-Amministratur Ċentrali għandu jwettaq kontroll awtomatizzat fuq kull tranżazzjoni fir-Reġistru tal-Unjoni li jirriżulta minn dan ir-Regolament u, fejn meħtieġ, għandu jwaqqaf xi tranżazzjonijiet biex jiżgura li ma jkunx hemm irregolaritajiet.

3. L-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2 għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 13*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 7(2) u 12(1) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mid-9 ta' Lulju 2018. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 7(2) u 12(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 7(2) u 12(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 14*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 525/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 15*

**Rieżami**

1. Dan ir-Regolament għandu jinżamm taħt eżami filwaqt li titqies fost l-oħrajn l-evoluzzjoni taċ-ċirkostanzi nazzjonali, tal-modi li bihom is-setturi kollha tal-ekonomija jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tal-iżviluppi internazzjonali, u tal-isforzi mwettqa għall-kisba tal-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fi żmien sitt xhur minn kull analiżi globali maqbula skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, dwar l-operat ta' dan ir-Regolament, inkluż il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda għall-allokazzjonijiet, kif ukoll dwar il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-mira globali ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030 tal-Unjoni u l-kontribut tiegħu għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni minħabba t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra meħtieġ mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, inkluż qafas għal wara l-2030, u tista' tagħmel proposti jekk xieraq.

Dawk ir-rapporti għandhom iqisu l-istrateġiji mħejjija skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 bil-ħsieb li jikkontribwixxu għall-formulazzjoni ta' strateġija fit-tul tal-Unjoni.

*Artikolu 16*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 525/2013**

Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(aa) mill-2023, l-emissjonijiet antropoġeniċi tagħhom ta' gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għas-sena X-2, skont ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-UNFCCC;

(*) Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).";

(b) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fir-rapporti tagħhom, l-Istati Membri għandhom ta' kull sena jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe intenzjoni li jużaw il-flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) u (5) u fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/842, kif ukoll dwar l-użu tad-dħul skont l-Artikolu 5(6) ta' dak ir-Regolament. Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi dik l-informazzjoni mingħand l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tqiegħed l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament.";

(2) fil-punt (c) tal-Artikolu 13(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(ix) mill-2023, informazzjoni dwar politiki u miżuri nazzjonali implimentati biex jintlaħqu l-impenji tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/842 u informazzjoni dwar politiki u miżuri nazzjonali addizzjonali ppjanati maħsuba bil-għan li jillimitaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra lil hinn mill-impenji tagħhom skont dak ir-Regolament;";

(3) fl- Artikolu 14(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(f) mill-2023, projezzjonijiet totali ta' gassijiet serra u stimi separati għall-emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra għall-fonti tal-emissjonijiet koperti -mir-Regolament (UE) 2018/842 u mid-Direttiva 2003/87/KE.";

(4) fl-Artikolu 21(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(c) l-obbligi skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/842. L-evalwazzjoni għandha tqis il-progress fil-politiki u l-miżuri tal-Unjoni u informazzjoni mill-Istati Membri. Kull sentejn, l-evalwazzjoni għandha tinkludi l-progress projettat tal-Unjoni lejn l-implimentazzjoni tal-Kontribut Maħsub Determinat fil-Livell Nazzjonali lejn il-Ftehim ta' Pariġi li jħaddan l-impenn tal-Unjoni għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha u l-progress projettat tal-Istati Membri lejn it-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dak ir-Regolament.".

*Artikolu 17*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-30 ta' Mejju 2018.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| A. TAJANI | L. PAVLOVA |

*ANNESS I*

TNAQQIS FL-EMISSJONIJIET TAL-GASSIJIET SERRA TAL-ISTATI MEMBRI SKONT L-ARTIKOLU 4(1)

| | It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Istati Membri fl-2030 fir-rigward tal-livelli tagħhom fl-2005 ddeterminati skont l-Artikolu 4(3) |
|---|---|
| Belġju | – 35 % |
| Bulgarija | – 0 % |
| Repubblika Ċeka | – 14 % |
| Danimarka | – 39 % |
| Ġermanja | – 38 % |
| Estonja | – 13 % |
| Irlanda | – 30 % |
| Greċja | – 16 % |
| Spanja | – 26 % |
| Franza | – 37 % |
| Kroazja | – 7 % |
| Italja | – 33 % |
| Ċipru | – 24 % |
| Latvja | – 6 % |
| Litwanja | – 9 % |
| Lussemburgu | – 40 % |
| Ungerija | – 7 % |
| Malta | – 19 % |
| Netherlands | – 36 % |
| Awstrija | – 36 % |
| Polonja | – 7 % |
| Portugall | – 17 % |
| Rumanija | – 2 % |
| Slovenja | – 15 % |
| Slovakkja | – 12 % |
| Finlandja | – 39 % |
| Żvezja | – 40 % |
| Renju Unit | – 37 % |

*ANNESS II*

L-ISTATI MEMBRI LI JISTA' JKOLLHOM KANĊELLAZZJONI LIMITATA TAL-KWOTI TAL-EU ETS LI JITQIESU GĦALL-KONFORMITÀ SKONT L-ARTIKOLU 6

| | Perċentwal massimu tal-emissjonijiet għall-2005 ddeterminati skont l-Artikolu 4(3) |
|---|---|
| Belġju | 2 % |
| Danimarka | 2 % |
| Irlanda | 4 % |
| Lussemburgu | 4 % |
| Malta | 2 % |
| Netherlands | 2 % |
| Awstrija | 2 % |
| Finlandja | 2 % |
| Żvezja | 2 % |

*ANNESS III*

L-ASSORBIMENTI NETTI TOTALI MINN ARTIJIET FORESTALI, ARTIJIET DEFORESTATI, RABA' ĠESTITA U BWAR ĠESTITI LI L-ISTATI MEMBRI JISTGĦU JQISU GĦALL-KONFORMITÀ GĦALL-PERIJODU MILL-2021 SAL-2030 SKONT IL-PUNT (A) TAL-ARTIKOLU 7(1)

| | Ammont massimu espress f'miljuni ta' tunnellati ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ |
|---|---|
| Belġju | 3,8 |
| Bulgarija | 4,1 |
| Repubblika Ċeka | 2,6 |
| Danimarka | 14,6 |
| Ġermanja | 22,3 |
| Estonja | 0,9 |
| Irlanda | 26,8 |
| Greċja | 6,7 |
| Spanja | 29,1 |
| Franza | 58,2 |
| Kroazja | 0,9 |
| Italja | 11,5 |
| Ċipru | 0,6 |
| Latvja | 3,1 |
| Litwanja | 6,5 |
| Lussemburgu | 0,25 |
| Ungerija | 2,1 |
| Malta | 0,03 |
| Netherlands | 13,4 |
| Awstrija | 2,5 |
| Polonja | 21,7 |
| Portugall | 5,2 |
| Rumanija | 13,2 |
| Slovenja | 1,3 |
| Slovakkja | 1,2 |
| Finlandja | 4,5 |
| Żvezja | 4,9 |
| Renju Unit | 17,8 |
| Total massimu: | 280 |

*ANNESS IV*

AMMONT TAL-AĠĠUSTAMENT SKONT L-ARTIKOLU 10(2)

| | Tunnellati ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ |
|---|---|
| Bulgarija | 1 602 912 |
| Repubblika Ċeka | 4 440 079 |
| Estonja | 145 944 |
| Kroazja | 1 148 708 |
| Latvja | 1 698 061 |
| Litwanja | 2 165 895 |
| Ungerija | 6 705 956 |
| Malta | 774 000 |
| Polonja | 7 456 340 |
| Portugall | 1 655 253 |
| Rumanija | 10 932 743 |
| Slovenja | 178 809 |
| Slovakkja | 2 160 210 |

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA (UE) 2018/843 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-30 ta' Mejju 2018**

**li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) tikkostitwixxi l-istrument legali ewlieni fil-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni għall-iskopijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Din id-Direttiva, li d-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni tagħha kienet is-26 ta' Ġunju 2017, tistabbilixxi qafas legali effiċjenti u komprensiv biex tindirizza l-ġbir ta' flus jew proprjetà għal skopijiet terroristiċi billi tirrikjedi lill-Istati Membri jidentifikaw, jifhmu u jimmitigaw ir-riskji marbutin mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

(2) L-attakki terroristiċi riċenti tefgħu dawl fuq xejriet emerġenti ġodda, b'mod partikolari fir-rigward tal-mod ta' kif il-gruppi terroristiċi jiffinanzjaw u jwettqu l-operazzjonijiet tagħhom. Ċerti servizzi tat-teknoloġija moderna qegħdin isiru dejjem aktar popolari bħala sistemi alternattivi tal-finanzjament, iżda jibqgħu barra mill-ambitu tal-liġi tal-Unjoni jew jibbenefikaw minn eżenzjonijiet mir-rekwiżiti legali, li jaf ma għadhomx iġġustifikati. Sabiex wieħed iżomm mal-pass tax-xejriet li qegħdin jevolvu, jenħtieġ li jittieħdu miżuri ulterjuri biex tiġi żgurata trasparenza ikbar fir-rigward tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, ta' entitajiet korporattivi jew ġuridiċi oħrajn, kif ukoll ta' trusts u arranġamenti legali li għandhom struttura jew funzjoni simili għal dik ta' trusts ('arranġamenti legali simili'), bil-ħsieb li jittejjeb il-qafas preventiv eżistenti u li jiġi miġġieled b'mod aktar effettiv il-finanzjament tat-terroriżmu. Importanti li jiġi nnutat li l-miżuri meħuda jenħtieg li jkunu proporzjonati għar-riskji.

(3) In-Nazzjonijiet Uniti (NU), l-Interpol u l-Europol ilhom jirrappurtaw dwar il-konverġenza dejjem tikber bejn il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. In-nexus bejn il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu u l-konnessjonijiet bejn il-gruppi kriminali u dawk terroristiċi jikkostitwixxu theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-Unjoni. Il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu hija parti integrali ta' kwalunkwe strateġija li tindirizza dik it-theddida.

([1]) ĠU C 459, 9.12.2016, p. 3.
([2]) ĠU C 34, 2.2.2017, p. 121.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' April 2018 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2018.-
([4]) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

(4) Filwaqt li kien hemm titjib sinifikanti fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-istandards tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) u fl-appoġġ mogħti b'rabta mal-ħidma tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi dwar it-trasparenza mill-Istati Membri f'dawn l-aħħar snin, il-ħtieġa li tkompli tiżdied it-trasparenza ġenerali tal-ambjent ekonomiku u finanzjarju tal-Unjoni hija ċara. Il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu ma tistax tkun effettiva jekk ma jkunx hemm ambjent ostili għal dawk il-kriminali li jkunu qed ifittxu kenn għall-finanzi tagħhom permezz ta' strutturi mhux trasparenti. L-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni tiddependi fuq it-trasparenza ta' arranġamenti korporattivi u ta' entitajiet legali, trusts u arranġamenti legali simili oħra. Din id-Direttiva mhijiex immirata biss għall-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus, iżda tinkludi wkoll il-prevenzjoni. It-tisħiħ tat-trasparenza jista' tkun deterrent b'saħħtu.

(5) Filwaqt li l-għanijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 jenħtieġ li jiġu segwiti u kwalunkwe emenda għaliha jenħtieġ li tkun konsistenti mal-azzjoni li tkun qiegħda tieħu l-Unjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-finanzjament tat-terroriżmu, jenħtieġ li dawn l-emendi jsiru bil-kunsiderazzjoni dovuta għad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali, kif ukoll l-osservanza u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem "L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà" indikat il-ħtieġa għal miżuri biex ikun indirizzat il-finanzjament tat-terroriżmu b'manjiera aktar effettiva u komprensiva, filwaqt li ġie enfasizzat li l-infiltrazzjoni tas-swieq finanzjarji tippermetti l-finanzjament tat-terroriżmu. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Diċembru 2015 ukoll enfasizzaw il-ħtieġa li tittieħed azzjoni ulterjuri b'mod rapidu kontra l-finanzjament tat-terroriżmu fid-dominji kollha.

(6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem "Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu" tenfasizza l-bżonn ta' adattament għal theddid ġdid u l-bżonn li tiġi emendata d-Direttiva (UE) 2015/849 skont dan.

(7) Il-miżuri tal-Unjoni jenħtieġ li jirriflettu wkoll b'mod preċiż l-iżviluppi u l-impenji meħudin f'livell internazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (UNSCR) 2195(2014) dwar Theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u l-UNSCRs 2199(2015) u 2253(2015) dwar Theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali kkawżati minn atti terroristiċi li jittrattaw, rispettivament, il-konnessjonijiet bejn it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata transnazzjonali, il-prevenzjoni tal-gruppi terroristiċi milli jiksbu aċċess għal istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u l-espansjoni tal-qafas ta' sanzjonijiet biex jinkludi l-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante.

(8) Il-fornituri involuti f'servizzi ta' skambju bejn muniti virtwali u muniti ta' kors legali (*fiat currencies*) (jiġifieri muniti u karti tal-flus li huma ddikjarati bħala valuta legali u flus elettroniċi, ta' pajjiż, aċċettati bħala mezz ta' skambju fil-pajjiż emittenti) kif ukoll fornituri tal-kartieri ta' kustodja mhuma taħt l-ebda obbligu tal-Unjoni biex jidentifikaw attività suspettuża. Għalhekk, gruppi terroristiċi jkunu jistgħu jittrasferixxu l-flus fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni jew f'netwerks tal-muniti virtwali billi jgħattu t-trasferimenti jew billi jibbenefikaw minn ċertu grad ta' anonimità fuq dawn il-pjattaformi. Huwa għaldaqstant essenzjali li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/849 jiġi estiż b'tali mod li jinkludi fornituri involuti f'servizzi ta' skambju bejn muniti virtwali u muniti ta' kors legali kif ukoll fornituri tal-kartieri ta' kustodja. Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT), l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li, permezz ta' entitajiet marbutin b'obbligu, ikunu jistgħu jissorveljaw l-użu ta' muniti virtwali. Tali sorveljanza tipprovdi approċċ bilanċjat u proporzjonali, is-salvagwardja ta' avvanzi tekniċi u l-grad għoli ta' trasparenza miksub fil-qasam tal-finanzjament alternattiv u l-intraprenditorija soċjali.

(9) L-anonimità tal-muniti virtwali tagħti lok għall-potenzjal li jintużaw ħażin għal skopijiet kriminali. L-inklużjoni ta' fornituri involuti f'servizzi ta' skambju bejn muniti virtwali u muniti ta' kors legali u fornituri tal-kartieri ta' kustodja mhijiex se tittratta għal kollox il-kwistjoni tal-anonimità marbuta mat-tranżazzjonijiet f'munita virtwali, billi parti kbira mill-ambjent tal-munita virtwali se jibqa' anonimu billi l-utenti jistgħu jmexxu wkoll mingħajr tali fornituri. Biex ikunu kkumbattuti r-riskji relatati mal-anonimità, l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) nazzjonali jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni li tippermettilhom jassoċjaw indirizzi tal-munita virtwali mal-identità tas-sid tal-munita virtwali. Addizzjonalment, jenħtieġ li tkun ivvalutata b'mod ulterjuri l-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jiddikjaraw huma stess lill-awtoritajiet maħtura fuq bażi volontarja.

(10) Jenħtieġ li l-muniti virtwali ma jiġux konfużi la mal-flus elettroniċi kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), la mal-kunċett usa' ta' "fondi" kif definit fil-punt (25) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), u lanqas ma' valur monetarju maħżun fi strumenti eżentati kif speċifikati fil-punti (k) u (l) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/2366, u lanqas ma' muniti tal-logħob, li jistgħu jintużaw b'mod esklużiv fi ħdan ambjent speċifiku ta' logħba. Minkejja l-fatt li l-muniti virtwali jistgħu spiss jintużaw bħala mezz ta' ħlas, jistgħu jintużaw ukoll għal skopijiet oħrajn u jieħdu l-forma ta' applikazzjonijiet usa' pereżempju bħala mezzi ta' skambju, ta' investiment, bħala prodotti ta' ħażna ta' valur jew f'każinòs online. L-objettiv ta' din id-Direttiva huwa li jiġu koperti l-użi potenzjali kollha tal-muniti virtwali.

(11) Il-muniti lokali, magħrufin ukoll bħala muniti kumplimentari, li huma użati f'netwerks limitati ħafna bħalma huma belt jew reġjun u fost numru żgħir ta' utenti jenħtieġ li ma jkunux ikkunsidrati bħala muniti virtwali.

(12) Relazzjonijiet ta' negozju jew transazzjonijiet li jinvolvu pajjiżi terzi b'riskju kbir jenħtieġu li jkunu limitati meta jiġu identifikati dgħufijiet sinifikanti fir-reġim tal-AML/CFT tal-pajjiżi terzi kkonċernati, sakemm ma jiġux applikati miżuri jew kontromiżuri addizzjonali adegwati. Meta jittrattaw ma' tali każijiet ta' riskju għoli jew ma' tali relazzjonijiet ta' negozju jew transazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikjedu lill-entitajiet marbutin b'obbligu biex japplikaw miżuri għal diliġenza dovuta tal-klijent imsaħħa biex jiġġestixxu u jimmitigaw dawk ir-riskji. Għaldaqstant f'livell nazzjonali, kull Stat Membru jiddetermina t-tip ta' miżuri għal diliġenza dovuta msaħħa li jridu jittieħdu fir-rigward ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir. Dawk l-approċċi differenti bejn l-Istati Membri jikkreaw punti dgħajfin fuq il-ġestjoni tar-relazzjoni ta' negozju li tinvolvi pajjiżi terzi b'riskju kbir kif identifikati mill-Kummissjoni. Huwa importanti li titjieb l-effettività tal-lista ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir stabbilita mill-Kummissjoni billi jkun ipprovdut trattament armonizzat ta' dawk il-pajjiżi f'livell tal-Unjoni. Dak l-approċċ armonizzat jenħtieġ li primarjament jiffoka fuq miżuri għal diliġenza dovuta tal-klijent imsaħħa, fejn tali miżuri ma jkunux diġà meħtieġa taħt il-liġi nazzjonali. F'konformità mal-obbligi internazzjonali, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li, fejn applikabbli, jirrikjedu lill-entitajiet marbutin b'obbligu sabiex japplikaw miżuri addizzjonali tal-mitigazzjoni li jikkumplimentaw il-miżuri għal diliġenza dovuta tal-klijenti msaħħa, f'konformità ma' approċċ ibbażat fuq ir-riskju u b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' tranżazzjonijiet jew relazzjonijiet ta' negozju. Organizzazzjonijiet internazzjonali u korpi li jistabbilixxu standards b'kompetenzi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu jistgħu jsejħu għall-applikazzjoni ta' kontromiżuri xierqa biex jipproteġu s-sistema finanzjarja internazzjonali mir-riskji attwali u sostanzjali li jirrigwardaw il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li joħorġu minn ċerti pajjiżi. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrikjedu lill-entitajiet marbutin b'obbligu sabiex japplikaw miżuri addizzjonali tal-mitigazzjoni rigward pajjiżi terzi b'riskju kbir identifikati mill-Kummissjoni billi jieħdu kont tas-sejħiet għal kontromiżuri u rakkomandazzjonijiet, bħal dawk espressi mill-FATF u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw mill-ftehimiet internazzjonali.

(13) B'kont meħud tan-natura ta' theddidiet u vulnerabbiltajiet rigward il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-Unjoni jenħtieġ li tadotta approċċ integrat dwar il-konformità tar-reġimi nazzjonali tal-AML/CFT mar-rekwiżiti fil-livell tal-Unjoni, billi tieħu inkunsiderazzjoni valutazzjoni tal-effettività ta' dawk ir-reġimi nazzjonali. Għall-iskop tal-monitoraġġ tat-traspożizzjoni korretta tar-rekwiżiti tal-Unjoni fir-reġimi nazzjonali tal-AML/CFT, l-implimentazzjoni effettiva ta' dawk ir-rekwiżiti u l-kapaċità ta' dawk ir-reġimi li jiksbu qafas preventiv effettiv, il-Kummissjoni jenħtieġ li tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq ir-reġimi nazzjonali AML/CFT, li jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għal valutazzjonijiet imwettqin minn organizzazzjonijiet internazzjonali u korpi li jistabbilixxu standards b'kompetenzi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, bħalma huma l-FATF jew il-Kumitat ta' Esperti dwar l-Evalwazzjoni ta' Miżuri Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu.

(14) Kards imħallsin minn qabel bi skop ġenerali għandhom użi leġittimi u jikkostitwixxu strument li jikkontribwixxi għall-inklużjoni soċjali u finanzjarja. Madankollu, kards anonimi mħallsin minn qabel jistgħu faċilment jintużaw fil-finanzjament ta' attakki u l-loġistika terroristiċi. Huwa għaldaqstant essenzjali li t-terroristi jkunu mċaħħdin minn dan il-mezz biex jiffinanzjaw l-operazzjonijiet tagħhom, billi jkomplu jitnaqqsu l-limiti u l-ammonti massimi taħt liema l-entitajiet obbligati jistgħu ma japplikawx ċerti miżuri għal diliġenza dovuta tal-klijent ipprovduti mid-Direttiva (UE) 2015/849. Għalhekk, filwaqt li jittieħed il-kont dovut tal-bżonnijiet tal-klijenti meta jużaw strumenti

([1]) Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

([2]) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

mħallsin minn qabel bi skop ġenerali u mingħajr il-prevenzjoni ta' użu ta' tali strumenti għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u finanzjarja, huwa essenzjali li jitnaqqsu l-limiti eżistenti għal kards anonimi mħallsin minn qabel bi skop ġenerali u li jiġi identifikat il-klijent fil-każ tat-tranżazzjonijiet ta' pagament mill-bogħod meta l-ammont tat-tranżazzjoni jkun iktar minn EUR 50.

(15) Filwaqt li l-użu ta' kards anonimi mħallsin minn qabel maħruġin fl-Unjoni huwa essenzjalment limitat għat-territorju tal-Unjoni biss, dan mhuwiex dejjem il-każ b'kards simili maħruġin f'pajjiżi terzi. Huwa għaldaqstant importanti li jiġi żgurat li kards anonimi mħallsin minn qabel maħruġin barra mill-Unjoni jistgħu jintużaw fl-Unjoni biss fejn jistgħu jkunu kkunsidrati li jikkonformaw ma' rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni. Dik ir-regola jenħtieġ li tkun ippromulgata f'konformità sħiħa mal-obbligi tal-Unjoni fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali, speċjalment id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi.

(16) L-UIF għandhom rwol importanti fl-identifikazzjoni ta' operazzjonijiet finanzjarji tan-netwerks terroristiċi, speċjalment transfruntiera, u fid-detezzjoni tal-finanzjaturi tagħhom. L-intelligence finanzjarja tista' tkun ta' importanza fundamentali biex jinkixfu l-faċilitazzjoni tar-reati terroristiċi u n-netwerks u l-iskemi tal-organizzazzjonijiet terroristiċi. Minħabba n-nuqqas ta' standards internazzjonali preskrittivi, l-UIF għad għandhom differenzi sinifikanti fir-rigward tal-funzjonijiet, kompetenzi u setgħat tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jiżguraw approċċ aktar effiċjenti u kkoordinat biex jittrattaw l-investigazzjonijiet finanzjarji relatati mat-terroriżmu, inklużi dawk relatati mal-użu ħażin ta' muniti virtwali. Id-differenzi attwali madankollu jenħtieġ li ma jaffettwawx l-attività ta' UIF, partikolarment il-kapaċità tagħha li tiżviluppa analiżi preventivi bħala appoġġ tal-awtoritajiet kollha inkarigati b'attivitajiet tal-intelligence, investigattivi u ġudizzjarji, u l-kooperazzjoni internazzjonali. Fl-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom, l-UIF jenħtieġ li jkollhom aċċess għal informazzjoni u jkunu f'qagħda li jiskambjawha mingħajr impedimenti, inkluż permezz ta' kooperazzjoni xierqa mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Fil-każijiet kollha ta' kriminalità ssuspettata u, partikolarment, f'każijiet li jinvolvu l-finanzjament tat-terroriżmu, l-informazzjoni jenħtieġ li tgħaddi direttament u malajr mingħajr dewmien bla bżonn. Għaldaqstant huwa essenzjali li tkompli tissaħħaħ l-effettività u l-effiċjenza tal-UIF, billi jiġu ċċarati s-setgħat tal-UIF u l-kooperazzjoni ta' bejniethom.

(17) L-UIF jenħtieġ li jkunu f'qagħda li jakkwistaw minn xi entità marbuta b'obbligu l-informazzjoni neċessarja kollha relatata mal-funzjonijiet tagħhom. L-aċċess bla rbit għall-informazzjoni tagħhom huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-flussi tal-flus jistgħu jiġu traċċati kif xieraq u li n-netwerks u l-flussi illegali jiġu skoperti fi stadju bikri. Il-bżonn li l-UIF jiksbu informazzjoni addizzjonali minn entitajiet marbutin b'obbligu fuq il-bażi ta' suspett ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, jista' jiġi attivat minn rapport preċedenti dwar tranżazzjoni suspettuża rrapportat lill-UIF, iżda jista' jiġi attivat anki permezz ta' mezzi oħrajn bħalma huma l-analiżi tal-UIF stess, l-intelligence provduta minn awtoritajiet kompetenti jew l-informazzjoni ta' UIF oħra. L-UIF jenħtieġ li għalhekk, fil-kuntest tal-funzjonijiet tagħhom, ikunu f'qagħda li jiksbu informazzjoni minn kwalunkwe entità marbuta b'obbligu, anki mingħajr ma jkun sar rapport preċedenti. Dan ma jinkludix talbiet għal informazzjoni mingħajr distinzjoni lill-entitajiet marbutin b'obbligu fil-kuntest tal-analiżi tal-UIF, iżda jinkludi biss talbiet għal informazzjoni abbażi ta' kundizzjonijiet definiti b'mod suffiċjenti. UIF jenħtieġ ukoll li tkun f'qagħda li tikseb tali informazzjoni b'talba magħmula minn UIF oħra tal-Unjoni kif ukoll li tiskambja l-informazzjoni mal-UIF rikjedenti.

(18) L-iskop tal-UIF huwa li tiġbor u tanalizza l-informazzjoni li tkun waslitilha bil-għan li tistabbilixxi konnessjonijiet bejn it-tranżazzjonijiet suspettużi u l-attività kriminali sottostanti sabiex tipprevjeni u tiġġieled il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u li tqassam kemm ir-riżultati tal-analiżi tagħha kif ukoll l-informazzjoni addizzjonali lill-awtoritajiet kompetenti meta jkun hemm raġunijiet għal suspett ta' ħasil tal-flus, reati predikati assoċjati jew finanzjament tat-terroriżmu. Jenħtieġ li UIF ma toqgħodx lura minn jew ma tirrifjutax l-iskambju ta' informazzjoni ma' UIF oħra, b'mod spontanju jew fuq talba, għal raġunijiet bħalma huma n-nuqqas ta' identifikazzjoni ta' reat predikat assoċjat, il-karatteristiċi tal-liġijiet kriminali nazzjonali u d-differenzi bejn id-definizzjonijiet ta' reati predikati assoċjati jew l-assenza ta' referenza għal reati predikati assoċjati partikolari. Bl-istess mod, l-UIF jenħtieġ li tagħti l-kunsens minn qabel tagħha lil UIF oħra sabiex l-informazzjoni tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti irrispettivament mit-tip ta' reat predikat assoċjat possibbli sabiex il-funzjoni ta' disseminazzjoni tkun tista' titwettaq b'mod effettiv. UIF irrappurtaw diffikultajiet fl-iskambju ta' informazzjoni minħabba differenzi fid-definizzjonijiet nazzjonali ta' wħud mir-reati predikati assoċjati, bħal reati tat-taxxa, li mhumiex armonizzati mil-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali differenzi ma jfixxklux l-iskambju reċiproku, it-tixrid lill-awtoritajiet kompetenti u l-użu ta' dik l-informazzjoni kif definit minn din id-Direttiva. L-UIF jenħtieġ li jiżguraw b'mod rapidu, kostruttiv u effettiv l-aktar firxa wiesgħa ta' kooperazzjoni internazzjonali ma' UIF ta' pajjiżi terzi fir-rigward tal-ħasil tal-flus, ir-reati predikati assoċjati u l-finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF u l-Prinċipji Egmont għall-Iskambju ta' Informazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja.

(19) L-informazzjoni ta' natura prudenzjali relatata mal-istituzzjonijiet tal-kreditu u finanzjarji, bħal informazzjoni relatata mal-kompetenza u l-idoneità tad-diretturi u l-azzjonisti, mal-mekkaniżmi interni ta' kontroll, mal-governanza jew mal-ġestjoni tal-konformità u tar-riskju, ħafna drabi hija indispensabbli għas-superviżjoni AML/CFT adegwata ta' tali istituzzjonijiet. B'mod simili, l-informazzjoni AML/CFT hija importanti wkoll għas-superviżjoni prudenzjali ta' tali istituzzjonijiet. Għaldaqstant, l-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali u l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti AML/CFT li jissuperviżjonaw istituzzjonijiet tal-kreditu u finanzjarji u s-superviżuri prudenzjali jenħtieġ li ma jixxekklux b'inċertezza legali li tista' tinħoloq minħabba fl-assenza ta' dispożizzjonijiet espliċiti f'dan il-qasam. Kjarifika tal-qafas legali hija saħansitra aktar importanti peress li s-superviżjoni prudenzjali, f'numru ta' każijiet, ġiet fdata lil superviżuri mhux AML/CFT, bħalma hu l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

(20) L-aċċess tardiv għal informazzjoni tal-UIF u awtoritajiet kompetenti oħrajn fuq l-identità tad-detenturi tal-kontijiet bankarji u ta' ħlas u l-kaxex ta' depożitu sikur, speċjalment dawk anonimi, ixekkel id-detezzjoni ta' trasferimenti ta' fondi relatati mat-terroriżmu. Id-data nazzjonali li tippermetti l-identifikazzjoni ta' kontijiet bankarji u ta' ħlas u kaxex ta' depożitu sikur li jappartjenu għal persuna waħda hija frammentata u għaldaqstant mhux aċċessibbli għall-UIF u għall-awtoritajiet kompetenti oħrajn fil-ħin. Huwa għalhekk essenzjali li jiġu stabbiliti mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati, bħalma huma sistemi tar-reġistru jew tal-irkupru tad-data, fl-Istati Membri kollha bħala mezz effiċjenti għall-aċċess f'waqtu ta' informazzjoni fuq l-identità tad-detenturi ta' kontijiet bankarji u ta' ħlas u kaxex ta' depożitu sikur, id-detenturi ta' prokura tagħhom, u s-sidien benefiċjarji tagħhom. Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' aċċess, huwa xieraq li jintużaw mekkaniżmi diġà eżistenti sakemm l-UIF nazzjonali jkunu jistgħu jaċċessaw id-data li għaliha jagħmlu talba b'mod immedjat u mingħajr filtri. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw li jipprovdu lil tali mekkaniżmi informazzjoni oħra li tkun meqjusa neċessarja u proporzjonata għall-mitigazzjoni aktar effettiva tar-riskji relatati mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu. Jenħtieġ li tiġi żgurata kunfidenzjalità sħiħa fir-rigward ta' tali inkjesti u talbiet għall-informazzjoni relatata min-naħa tal-UIF u l-awtoritajiet kompetenti għajr dawk l-awtoritajiet responsabbli għall-prosekuzzjoni.

(21) Sabiex tkun irrispettata l-privatezza u tkun protetta d-data personali, jenħtieġ li jżommu l-minimu tad-data neċessarju għat-twettieq tal-investigazzjonijiet AML/CFT fil-mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati għall-kontijiet bankarji u ta' ħlas, bħala huma sistemi tar-reġistru jew tal-irkupru tad-data. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jistabbilixxu liema data hija utli u proporzjonata biex tinġabar, filwaqt li jqisu s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali fis-seħħ sabiex jingħata lok għall-identifikazzjoni sinifikanti tas-sidien benefiċjarji. Waqt it-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati ma' dawk il-mekkaniżmi, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu perijodi ta' żamma ekwivalenti għal perijodu ta' żamma tad-dokumentazzjoni u l-informazzjoni miksuba fl-applikazzjoni tal-miżuri għal diliġenza dovuta tal-klijenti. Jenħtieġ li jkun possibbli għalli-Istati Membri li jestendu l-perijodu ta' żamma fuq bażi ġenerali bil-liġi, mingħajr ma jkunu meħtieġa deċiżjonijiet każ b'każ. Jenħtieġ li l-perijodu ta' żamma addizzjonali ma jkunx iktar minn ħames snin addizzjonali. Dak il-perijodu jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali li tistipula rekwiżiti oħrajn ta' żamma ta' data li jippermettu deċiżjonijiet każ b'każ sabiex jiġu ffaċilitati ll-proċedimenti kriminali jew amministrattivi. L-aċċess għal dawk il-mekkaniżmi jenħtieġ li jseħħ skont il-bażi ta' bżonn biss.

(22) L-identifikazzjoni preċiża u l-verifika tad-data ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi huma essenzjali għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu. L-iżviluppi tekniċi l-aktar riċenti fid-diġitalizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet u l-pagamenti jagħtu s-setgħa ta' identifikazzjoni sigura remota jew elettronika. Dawk il-mezzi ta' identifikazzjoni kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jenħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskemi notifikati tal-identifikazzjoni elettronika u l-metodi li jiżguraw rikonoxximent legali transkonfinali, li joffru livell għoli ta' għodod siguri u jipprovdu punt ta' referenza li kontrih jistgħu jiġu kkontrollati l-metodi ta' identifikazzjoni stabbiliti fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, il-proċessi ta' identifikazzjoni elettronika jew mill-bogħod siguri, regolati, rikonoxxuti, approvati jew aċċettati fil-livell nazzjonali mill-awtorità kompetenti nazzjonali jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni. Fejn ikun xieraq, ir-rikonoxximent ta' dokumenti elettroniċi u servizzi fiduċjarji kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll fil-proċess ta' identifikazzjoni. Il-prinċipju ta' newtralità teknoloġika jenħtieġ li jitqies fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

(23) Sabiex jiġu identifikati l-persuni politikament esposti fl-Unjoni, jenħtieġ li jinħarġu listi mill-Istati Membri li jindikaw il-funzjonijiet speċifiċi li, skont il-liġijiet nazzjonali, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi, jikkwalifikaw jitqiesu bħala funzjonijiet pubbliċi prominenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitolbu lil kull organizzazzjoni internazzjonali akkreditata fit-territorji tagħhom biex toħroġ u żżomm aġġornata lista ta' funzjonijiet pubbliċi prominenti f'dik l-organizzazzjoni internazzjonali.

(24) L-approċċ għar-rieżami ta' klijenti eżistenti fil-qafas attwali huwa bbażat fuq ir-riskju. Madankollu, b'kont meħud tar-riskju ogħla għall-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u reati predikati assoċjati li huma marbuta ma' ċerti strutturi intermedjarji, dak l-approċċ jista' ma jippermettix għad-detezzjoni fil-ħin u l-valutazzjoni tar-riskji. Huwa għalhekk importanti li jiġi żgurat li ċerti kategoriji speċifikati b'mod ċar ta' klijenti eżistenti huma wkoll issorveljati fuq bażi regolari.

(25) L-Istati Membri fil-preżent huma meħtieġa jiżguraw li l-entitajiet korporattivi u legali oħrajn inkorporati fit-territorju tagħhom jakkwistaw u jżommu informazzjoni adegwata, preċiża u attwali fuq is-sjieda benefiċjarja tagħhom. Il-ħtieġa għal informazzjoni preċiża u aġġornata dwar is-sid benefiċjarju hija fattur importanti fil-lokalizzazzjoni ta' kriminali li inkella jistgħu jkunu f'qagħda li jaħbu l-identità tagħhom wara struttura korporattiva. Is-sistema finanzjarja interkonnessa globalment tagħmilha possibbli li wieħed jaħbi u jmexxi fondi madwar id-dinja, u l-ħassiela tal-flus u l-finanzjaturi tat-terroriżmu kif ukoll kriminali oħrajn aktar ma jmur għamlu użu minn dik il-possibbiltà.

(26) Il-fattur speċifiku li jiddetermina liema Stat Membru huwa responsabbli għall-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja ta' trusts u arranġamenti legali simili jenħtieġ li jiġi ċċarat. Minħabba differenzi fis-sistemi legali tal-Istati Membri, ċerti trusts u arranġamenti legali simili ma jkunu ssorveljati jew irreġistrati mkien fl-Unjoni. Informazzjoni fuq is-sjieda benefiċjarja ta' trusts u arranġamenti legali simili jenħtieġ li tiġi rreġistrata fejn il-fiduċjarji tat-trusts u persuni li jkollhom karigi ekwivalenti f'arranġamenti legali simili huma stabbiliti jew fejn huma jirrisjedu. Sabiex jiġu żgurati l-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni effettivi ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja ta' trusts u arranġamenti legali simili, hija neċessarja wkoll il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. L-interkonnessjoni tar-reġistri tal-Istati Membri tas-sidien benefiċjarji ta' trusts u arranġamenti legali simili tagħmel din l-informazzjoni aċċessibbli, u tiżgura wkoll li r-reġistrazzjoni multipla tal-istess trusts u arranġamenti legali simili tiġi evitata fi ħdan l-Unjoni.

(27) Ir-regoli li japplikaw għat-trusts u għal arranġamenti legali simili fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tagħhom jenħtieġ li jkunu komparabbli mar-regoli korrispondenti li japplikaw għall-entitajiet korporattivi u ġuridiċi oħrajn. Minħabba l-firxa wiesgħa ta' tipi ta' trusts li jeżistu attwalment fl-Unjoni, kif ukoll minħabba l-varjetà akbar ta' arranġamenti legali simili oħrajn, id-deċiżjoni dwar jekk trust jew arranġament legali simili humiex komparabbilment simili għal entitajiet korporattivi u ġuridiċi oħrajn jew le, jenħtieġ li tittieħed mill-Istati Membri. L-għan tal-liġi nazzjonali li tittrasponi dawk id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jkun li jiġi evitat l-użu ta' trusts jew arranġamenti legali simili għall-iskopijiet ta' ħasil tal-flus, finanzjament tat-terroriżmu jew reati predikati assoċjati.

(28) Fid-dawl tal-karatteristiċi differenti tat-trusts u tal-arranġamenti legali simili, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu kapaċi, skont il-liġi nazzjonali u f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, jiddeterminaw il-livell ta' trasparenza fir-rigward tat-trusts u l-arranġamenti legali simili li ma jkunux komparabbli ma' entitajiet korporattivi jew ġuridiċi oħrajn. Ir-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu involuti jistgħu jvarjaw, skont il-karatteristiċi tat-tip ta' trust jew arranġament legali simili u l-perċezzjoni ta' dawk ir-riskji tista' tevolvi maż-żmien, pereżempju b'segwitu għall-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali usupranazzjonali. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-Istati Membri j jkunu jistgħu jipprovdu għall-aċċess usa' għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tat-trusts u l-arranġamenti legali simili, jekk tali aċċess jikkostitwixxi miżura neċessarja u proporzjonata mal-għan leġittimu tal-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu. Meta jkunu qed jiddeterminaw il-livell ta' trasparenza tal-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja ta' tali trusts jew arranġamenti legali simili, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu kif xieraq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwi, b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali. L-aċċess għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja fir-rigward tat-trusts u arranġamenti legali simili jenħtieġ li jingħata lil kwalunkwe persuna li tkun tista' turi interess leġittimu. Aċċess jenħtieġ li jingħata wkoll lil kwalunkwe persuna li tressaq talba bil-miktub b'rabta ma' trust jew arranġament legali simili li jkollha jew tkun is-sid ta' interess kontrollanti fi kwalunkwe entità korporattiva jew entità ġuridika oħra inkorporata barra mill-Unjoni, permezz ta' sjieda diretta jew indiretta, inkluż

permezz ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji ta' portatur, jew permezz ta' kontroll b'mezzi oħrajn. Il-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' aċċess fir-rigward ta' talbiet għal informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja ta' trusts u arranġamenti legali simili jenħtieġ li jkunu preċiżi biżżejjed u konformi mal-għanijiet ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jirrifjutaw talba bil-miktub meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li t-talba bil-miktub ma tkunx konformi mal-objettivi ta' din id-Direttiva.

(29) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u kundizzjonijiet ekwi, huwa essenzjali li jiġi stipulat b'mod ċar liema arranġamenti legali stabbiliti fl-Unjoni jenħtieġ li jitqiesu li simili għal trusts minħabba l-funzjonijiet jew l-istruttura tagħhom. Għalhekk, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun f'pożizzjoni li jidentifika t-trusts, jekk ikunu rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali, u l-arranġamenti legali simili li jistgħu jitwaqqfu skont il-qafas legali nazzjonali jew l-użanzi tiegħu u li jkollhom struttura jew funzjonijiet simili għat-trusts, b'tali mod li tkun tista' ssir separazzjoni jew skonnessjoni bejn is-sjieda legali u dik benefiċjarja tal-assi. Minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw il-kategoriji, id-deskrizzjoni tal-karatteristiċi, l-ismijiet u fejn applikabbli, il-bażi legali ta' dawk it-trusts u arranġamenti legali simili lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-pubblikazzjoni tagħhom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sabiex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni tagħhom minn Stati Membri oħrajn. Għandu jittieħed kont tal-fatt li t-trusts u l-arranġamenti legali simili jista' jkollhom karatteristiċi legali differenti madwar l-Unjoni. Meta l-karatteristiċi ta' trust jew arranġament legali simili jkunu komparabbli f'termini ta' struttura jew funzjonijiet mal-karatteristiċi ta' entitajiet korporattivi u ġuridiċi oħrajn, l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja jikkontribwixxi biex jiġi miġġieled l-użu ħażin tat-trusts u l-arranġamenti legali simili, b'mod simili għal kif l-aċċess pubbliku jista' jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet korporattivi u ġuridiċi għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

(30) L-aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja jippermetti skrutinju ikbar tal-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, inkluż mill-istampa jew l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jikkontribwixxi għall-preservazzjoni tal-fiduċja fl-integrità tat-tranżazzjonijiet ta' negozju u tas-sistema finanzjarja. Huwa jista' jikkontribwixxi biex jiġi miġġieled l-użu ħażin ta' entitajiet korporattivi u entitajiet ġuridiċi oħrajn u arranġamenti legali għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, kemm minħabba li jgħin għall-investigazzjonijiet kif ukoll minħabba l-effetti fuq ir-reputazzjoni, peress li kull min jista' jidħol fi tranżazzjonijiet huwa konxju mill-identità tas-sidien benefiċjarji. Dan jiffaċilita wkoll id-disponibbiltà f'waqtha u effiċjenti ta' informazzjoni kemm għall-istituzzjonijiet finanzjarji kif ukoll għall-awtoritajiet, inklużi l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, involuti fil-ġlieda kontra tali reati. L-aċċess għal dik l-informazzjoni jgħin ukoll l-investigazzjonijiet dwar il-ħasil tal-flus, ir-reati predikati assoċjati u l-finanzjament tat-terroriżmu.

(31) Il-kunfidenza fis-swieq finanzjarji mill-investituri u l-pubbliku ġenerali tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq l-eżistenza ta' reġim preċiż għall-iżvelar li jipprovdi t-trasparenza fis-sjieda benefiċjarja u l-istrutturi tal-kontroll tal-kumpaniji. Dan huwa partikolarment veru għal sistemi ta' governanza korporattiva li huma kkaratterizzati minn sjieda kkonċentrata, bħalma hija dik fl-Unjoni. Fuq naħa waħda, investituri kbar bi drittijiet sinifikanti tal-votazzjoni u tal-fluss tal-flus jistgħu jinkoraġġixxu t-tkabbir fuq terminu twil u l-prestazzjoni tad-ditta. Min-naħa l-oħra, madankollu, il-kontroll tas-sidien benefiċjarji bi blokok tal-votazzjoni kbar jista' jkollu inċentivi biex ikunu ddevjati assi korporattivi u opportunitajiet għall-gwadann personali għad-detriment ta' investituri minoritarji. Iż-żieda potenzjali fil-fiduċja fis-swieq finanzjarji jenħtieġ li titqies bħala effett sekondarju pożittiv u mhux l-għan taż-żieda fit-trasparenza, li huwa li jinħoloq ambjent bi probabbiltà anqas li jintuża għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

(32) Il-fiduċja fis-swieq finanzjarji mill-investituri u l-pubbliku inġenerali tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq l-eżistenza ta' reġim preċiż għall-iżvelar li jipprovdi trasparenza fir-rigward tas-sjieda benefiċjarja u l-istrutturi ta' kontroll kemm ta' entitajiet korporattivi u ġuridiċi oħra kif ukoll ta' ċerti tipi ta' trusts u arranġamenti legali simili. L-Istati Membri jenħtieġ li għalhekk jippermettu l-aċċess għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja b'mod suffiċjentement koerenti u kkoordinat, billi jistabbilixxu regoli ċari ta' aċċess mill-pubbliku, sabiex b'hekk partijiet terzi jkunu f'qagħda li jaċċertaw, madwar l-Unjoni, min huma s-sidien benefiċjarji kemm ta' entitajiet korporattivi u entitajiet ġuridiċi oħrajn kif ukoll ta' ċerti tipi ta' trusts u arranġamenti legali simili.

(33) L-Istati Membri jenħtieġ li għalhekk jippermettu l-aċċess għal informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja dwar entitajiet korporattivi u ġuridiċi oħrajn b'mod biżżejjed koerenti u koordinat, permezz tar-reġistri ċentrali li fihom l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja, billi tkun stabbilita regola ċara tal-aċċess pubbliku, hekk li terzi persuni jkunu f'qagħda li jaċċertaw, madwar l-Unjoni, min huma s-sidien benefiċjarji ta' entitajiet korporattivi u entitajiet ġuridiċi oħrajn. Huwa essenzjali li jiġi stabbilit ukoll qafas legali koerenti li jiżgura aċċess aħjar għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tat-trusts u l-arranġamenti legali simili, ladarba jkunu rreġistrati fi ħdan l-Unjoni. Ir-regoli li japplikaw għat-trusts u għal arranġamenti legali simili fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tagħhom jenħtieġ li jkunu komparabbli mar-regoli korrispondenti li japplikaw għal entitajiet korporattivi u ġuridiċi oħrajn.

(34) Fil-każijiet kollha, kemm fir-rigward ta' entitajiet korporattivi u ġuridiċi oħra, kif ukoll fir-rigward tat-trusts u arranġamenti legali simili, jenħtieġ li jiġi mfittex bilanċ ġust b'mod partikolari bejn l-interess tal-pubbliku ġenerali fil-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u d-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data. Is-sett ta' data li jrid ikun magħmul disponibbli lill-pubbliku jenħtieġ li jkun limitat, definit b'mod ċar u eżawrjenti, u jenħtieġ li jkun ta' natura ġenerali, b'tali mod li jkun imminimizzat il-preġudizzju potenzjali għas-sidien benefiċjarji. Fl-istess ħin, informazzjoni magħmula disponibbli lill-pubbliku jenħtieġ li ma tiddifferenzjax ruħha b'mod sinifikanti mid-data miġbura fil-preżent. Sabiex tkun limitata l-interferenza mad-dritt tar-rispett għall-ħajja privata tagħhom b'mod ġenerali u tal-protezzjoni tad-data personali tagħhom b'mod partikolari, din l-informazzjoni jenħtieġ li essenzjalment tkun marbuta mal-istatus tas-sidien benefiċjarji ta' entitajiet korporattivi u entitajiet ġuridiċi oħrajn u ta' trusts u arranġamenti legali simili, u jenħtieġ li tikkonċerna b'mod strett l-isfera ta' attività ekonomika li fiha joperaw is-sidien benefiċjarji. Fil-każijiet fejn l-uffiċjal maniġerjali anzjan ikun ġie identifikat bħala s-sid benefiċjarju ex officio u mhux permezz ta' interess ta' sjieda jew kontroll eżerċitat b'mezzi oħrajn, dan jenħtieġ li jkun viżibbli b'mod ċar fir-reġistri. Fir-rigward tal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li informazzjoni dwar in-nazzjonalità tiġi inkluża fir-reġistru ċentrali b'mod partikolari fir-rigward ta' sidien benefiċjarji mhux nattivi. Sabiex jiġu ffaċilitati l-proċeduri tar-reġistru u peress li l-maġġoranza l-kbira tas-sidien benefiċjarji se jkunu ċittadini tal-istat li jżomm ir-reġistru ċentrali, l-Istati Membri jistgħu jippreżumu li sid benefiċjarju jkollu l-istess nazzjonalità bħal tagħhom meta ma ssir l-ebda entrata f'sens kuntrarju.

(35) L-iskrutinju pubbliku miżjud jikkontribwixxi biex jipprevjeni l-użu ħażin tal-entitajiet ġuridiċi u arranġamenti legali, inkluż l-evitar tat-taxxa. Għaldaqstant, huwa essenzjali li l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tibqa' disponibbli permezz tar-reġistri nazzjonali u permezz tas-sistema tal-interkonnessjoni tar-reġistri għal minimu ta' ħames snin wara li r-raġunijiet għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tat-trust jew arranġament legali simili ma jibqgħux jeżistu. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu bil-liġi għall-ipproċessar tal-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja, inkluża d-data personali għal skopijiet oħrajn jekk tali pproċessar għandu objettiv ta' interess pubbliku u jikkostitwixxi miżura neċessarja u proporzjonata f'soċjetà demokratika għall-mira leġittima segwita.

(36) Barra minn hekk, bl-għan li jkun żgurat approċċ proporzjonat u bbilanċjat u biex ikunu ggarantiti d-drittijiet għal ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu għal eżenzjonijiet fl-iżvelar permezz tar-reġistri ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja u fl-aċċess għal tali informazzjoni, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn dik l-informazzjoni tesponi lis-sid benefiċjarju għal riskju sproporzjonat ta' frodi, ħtif ta' persuna, rikattar, estorsjoni, fastidju, vjolenza jew intimidazzjoni. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li l-Istati Membri jirrikjedu reġistrazzjoni online sabiex jidentifikaw kwalunkwe persuna li titlob informazzjoni mir-reġistru, kif ukoll il-ħlas ta' tariffa għal aċċess għall-informazzjoni fir-reġistru.

(37) L-interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali tal-Istati Membri li jkollhom informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja permezz tal-Pjattaforma Ċentrali Ewropea stabbilita bid-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) tinneċessità l-koordinazzjoni ta' sistemi nazzjonali b'karatteristiċi tekniċi differenti. Dan jinvolvi l-adozzjoni ta' miżuri u speċifikazzjonijiet tekniċi li hemm bżonn li jqisu d-differenzi bejn ir-reġistri. Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, is-setgħat ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jkunu konferiti lill-Kummissjoni biex tittratta tali kwistjonijiet tekniċi u operazzjonali. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Fi kwalunkwe każ, l-involviment tal-Istati Membri fil-funzjonament tas-sistema kollha jenħtieġ li jkun żgurat permezz ta' djalogu regolari bejn il-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati mal-operat tas-sistema u dwar l-iżvilupp ġejjieni tagħha.

(38) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) tapplika għall-ipproċessar ta' data personali skont din id-Direttiva. B'konsegwenza ta' dan, il-persuni fiżiċi li d-data personali tagħhom tkun miżmuma f'reġistri nazzjonali bħala sidien benefiċjarji jenħtieġ li jiġu informati b'dan. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-data personali aġġornata u li tikkorrispondi għas-sidien benefiċjarji attwali biss tkun magħmula disponibbli, u l-benefiċjarji jenħtieġ li jkunu informati dwar id-drittijiet tagħhom skont il-qafas legali attwali tal-Unjoni dwar il-protezzjoni

([1]) Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

tad-data, kif stipulat fir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u l-proċeduri applikabbli għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet. Barra minn hekk, biex jiġi evitat l-abbuż mill-informazzjoni li tinsab fir-reġistri u biex id-drittijiet tas-sidien benefiċjarji jiġu bbilanċjati, l-Istati Membri jistgħu jqisu li jkun xieraq li jagħmlu l-informazzjoni dwar il-persuna li tkun qed tagħmel it-talba kif ukoll il-bażi legali għat-talba tagħha disponibbli għas-sid benefiċjarju.

(39) Meta r-rappurtar ta' diskrepanzi minn UIF u awtoritajiet kompetenti jipperikola investigazzjoni li tkun għaddejja, l-UIF jew l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jdewmu r-rappurtar tad-diskrepanza sal-mument li ma jkunx fadal raġunijiet biex ma jsirx tali rappurtar. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-UIF u l-awtoritajiet kompetenti ma jirrapportawx kwalunkwe diskrepanza meta dan ikun kontra kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità jew ikun jikkostitwixxi reat.

(40) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali pproċessata minn awtoritajiet kompetenti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/680.

(41) Jenħtieġ li l-aċċess għall-informazzjoni u d-definizzjoni tal-interess leġittimu jkunu rregolati bil-liġi tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit jew fejn ikun jirrisjedi l-fiduċjarju ta' trust jew persuna li jkollha kariga ekwivalenti f'arranġament legali simili. Meta l-fiduċjarju tat-trust jew persuna li jkollha kariga ekwivalenti f'arranġament legali simili ma jkunx stabbilit jew ma jkunx jirrisjedi fl-ebda Stat Membru, aċċess għal informazzjoni u d-definizzjoni ta' interess leġittimu jenħtieġ li jkunu rregolati bil-liġi tal-Istat Membru fejn l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tat-trust jew arranġament legali simili tkun irreġistrata b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

(42) L-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu interess leġittimu, kemm bħala kunċett ġenerali kif ukoll bħala kriterju għall-aċċess għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja fil-liġi nazzjonali tagħhom. B'mod partikolari, dawk id-definizzjonijiet jenħtieġ li ma jirrestrinġux il-kunċett ta' interess leġittimu għal proċedimenti amministrattivi jew legali pendenti, u jenħtieġ li jagħmluha possibbli li jittieħed kont tal-ħidma preventiva fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-reati predikati assoċjati mwettqa mill-organizzazzjonijiet nongovernattivi u l-ġurnalisti investigattivi, meta dan ikun xieraq. Ladarba l-interkonnessjoni tar-reġistri tas-sjieda benefiċjarja tal-Istati Membri tkun fis-seħħ, kemm l-aċċess nazzjonali kif ukoll dak transkonfinali għar-reġistru ta' kull Stat Membru jenħtieġ li jingħataw abbażi tad-definizzjoni ta' interess leġittimu tal-Istat Membru fejn l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tat-trust jew arranġament legali simili tkun ġiet irreġistrata f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, permezz ta' deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet rilevanti ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll, b'rabta mar-reġistri tas-sjieda benefiċjarja tal-Istati Membri, jistabbilixxu mekkaniżmi ta' appell kontra deċiżjonijiet li jagħtu jew jirrifjutaw l-aċċess għal informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja. Bl-għan li jiġu żgurati reġistrazzjoni u skambju tal-informazzjoni koerenti u effiċjenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtorità tagħhom responsabbli mir-reġistru stabbilit għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja ta' trusts u arranġamenti legali simili tikkoopera mal-kontropartijiet tagħha fi Stati Membri oħrajn, billi tikkondividi l-informazzjoni li tikkonċerna t-trusts u arranġamenti legali simili li jkunu regolati bil-liġi ta' Stat Membru wieħed u amministrati fi Stat Membru ieħor.

(43) Il-ħtiġiet li jirrigwardaw ir-relazzjonijiet transkonfinali korrispondenti ma' istituzzjoni rispondenti ta' pajjiż terz huma kkaratterizzati minn natura kontinwa u ripetittiva tagħhom. Għaldaqstant, l-Istati Membri, filwaqt li jirrikjedu l-adozzjoni ta' miżuri għal diliġenza dovuta msaħħa f'dan il-kuntest partikolari, jenħtieġ li jikkunsidraw li r-relazzjonijiet korrispondenti ma jinkludux tranżazzjonijiet ta' darba jew funzjonijiet li jkunu sempliċement skambju ta' messaġġi. Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li mhux is-servizzi bankarji korrispondenti transkonfinali kollha jippreżentaw l-istess livell ta' riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, l-intensità tal-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva tista' tiġi ddeterminata bl-applikazzjoni tal-prinċipji tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju u mingħajr ma jiġi ppreġudikat il-livell ta' riskju ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu ppreżentat mill-istituzzjoni finanzjarja rispondenti.

(44) Huwa importanti li jiġi żgurat li r-regoli kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tal-ġlieda kontra t-terroriżmu huma implimentati b'mod korrett mill-entitajiet marbutin b'obbligu. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li jsaħħu r-rwol tal-awtoritajiet pubbliċi li jaġixxu bħala awtoritajiet kompetenti b'responsabbiltajiet deżinjati fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, inklużi l-UIF, l-awtoritajiet li għandhom il-funzjoni ta' investigazzjoni jew prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus, reati predikati assoċjati u finanzjament tat-terroriżmu, il-lokalizzazzjoni u

([1]) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

s-sekwestru jew l-iffriżar u l-konfiska ta' assi kriminali, awtoritajiet li jirċievu rapporti fuq it-trasportazzjoni transfruntiera ta' muniti u strumenti negozjabbli għall-portatur u awtoritajiet li għandhom responsabbiltajiet superviżorji jew ta' monitoraġġ immirati biex jiżguraw il-konformità minn entitajiet marbutin b'obbligu. L-Istati Membri jenħtieġ li jsaħħu r-rwol ta' awtoritajiet rilevanti oħrajn inklużi l-awtoritajiet ta' kontra l-korruzzjoni u l-awtoritajiet tat-taxxa.

(45) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw superviżjoni effettiva u imparzjali tal-entitajiet kollha marbutin b'obbligu, preferibbilment minn awtoritajiet pubbliċi, permezz ta' regolatur jew superviżur nazzjonali separat u indipendenti.

(46) Il-kriminali jmexxu r-rikavat illeċitu permezz ta' diversi intermedjarji finanzjarji sabiex jevitaw l-identifikazzjoni. Għaldaqstant huwa importanti li l-istituzzjonijiet tal-kreditu u finanzjarji jitħallew jiskambjaw informazzjoni mhux biss bejn il-membri tal-grupp, iżda anki ma' istituzzjonijiet tal-kreditu u finanzjarji oħra, bil-kunsiderazzjoni dovuta tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data kif stabbilit fil-liġi nazzjonali.

(47) L-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-entitajiet marbutin b'obbligu għall-konformità ma' din id-Direttiva jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni kunfidenzjali, irrispettivament min-natura jew l-istatus rispettivi tagħhom. Għal dan il-għan, tali awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkollhom bażi ġuridika adegwata għall-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali, u l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti superviżorji tal-AML/CFT u s-superviżuri prudenzjali jenħtieġ li ma tixxekkilx b'mod mhux intenzjonali minħabba inċertezza legali li tista' toriġina minn nuqqas ta' dispożizzjonijiet espliċiti f'dan il-qasam. Is-sorveljanza tal-implimentazzjoni effettiva ta' politika ta' grupp dwar l-AML/CFT jenħtieġ li ssir f'konformità mal-prinċipji u l-modalitajiet ta' superviżjoni kkonsolidata kif stabbilit fil-leġislazzjoni settorjali Ewropea rilevanti.

(48) L-iskambju ta' informazzjoni u l-għoti ta' assistenza bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma essenzjali għall-finijiet ta' din id-Direttiva. Konsegwentement, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jipprojbixxux jew jimponu kundizzjonijiet restrittivi irraġonevoli jew bla bżonn fuq tali skambju ta' informazzjoni u għoti ta' assistenza.

(49) F'konformità mad-Dikjarazzjoni politika konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni fuq dokumenti ta' spjegazzjoni ([1]), l-Istati Membri ntrabtu li jakkumpanjaw, f'każijiet iġġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.

(50) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari l-protezzjoni tas-sistema finanzjarja permezz tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, minħabba li l-miżuri individwali adottati mill-Istati Membri biex jipproteġu s-sistemi finanzjarji tagħhom jistgħu jkunu inkonsistenti mal-funzjonament tas-suq intern u mal-preskrizzjonijiet tal-istat tad-dritt u l-politika pubblika tal-Unjoni iżda jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(51) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), b'mod partikolari d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7 tal-Karta), id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali (l-Artikolu 8 tal-Karta) u l-libertà ta' intrapriża (l-Artikolu 16 tal-Karta).

(52) Meta tfassal rapport ta' valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti l-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta.

(53) Meta wieħed iqis il-bżonn li jiġu implimentati b'mod urġenti l-miżuri adottati bil-għan li jissaħħaħ ir-reġim tal-Unjoni stabbilit għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u meta wieħed iħares lejn l-impenji meħudin mill-Istati Membri biex jipproċedu malajr bit-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/849, l-emendi għad-Direttiva (UE) 2015/849 jenħtieġ li jkunu trasposti sal-10 ta' Jannar 2020. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu reġistri tas-sjieda benefiċjarja għall-entitajiet korporattivi u ġuridiċi oħrajn sal-10 ta' Jannar 2020 u għal trusts u arranġamenti legali simili sal-10 ta' Marzu 2020. Ir-reġistri ċentrali jenħtieġ li jkunu interkonnessi permezz tal-Pjattaforma Ċentrali Ewropea sal-10 ta' Marzu 2021. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati li jippermettu l-identifikazzjoni ta' detenturi ta' kontijiet bankarji u ta' pagament u ta' kaxex ta' depożitu sikur sal-10 ta' Settembru 2020.

([1]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

(54) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u ppreżenta opinjoni fit-2 ta' Frar 2017 ([2]).

(55) Għalhekk, id-Direttiva (UE) 2015/849 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva (UE) 2015/849**

Id-Direttiva (UE) 2015/849 hija emendata kif ġej:

(1) il-punt (3) tal-Artikolu 2(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) awdituri, kontabilisti esterni u konsulenti tat-taxxa, jew kwalunkwe persuna oħra li timpenja ruħha li tipprovdi, direttament jew permezz ta' persuni oħra li magħhom hija relatata dik il-persuna l-oħra, għajnuna materjali, assistenza jew pariri dwar kwistjonijiet ta' taxxa bħala l-attività ta' negozju jew professjonali prinċipali;";

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej;

"(d) aġenti immobbiljari inkluż meta jaġixxu bħala intermedjarji fil-kiri ta' proprjetà immobbli, iżda dan biss b'rabta ma' tranżazzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-kera fix-xahar tammonta għal EUR 10 000 jew aktar;";

(c) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(g) fornituri involuti f'servizzi ta' skambju bejn muniti virtwali u muniti ta' kors legali;

(h) fornituri tal-kartieri ta' kustodja;

(i) persuni li jinnegozjaw jew li jaġixxu bħala intermedjarji fil-kummerċ ta' xogħlijiet tal-arti, inkluż meta dan isir minn galleriji tal-arti u swali tal-irkant, meta l-valur tat-tranżazzjoni jew ta' sensiela ta' tranżazzjonijiet konnessi jammonta għal EUR 10 000 jew aktar;

(j) persuni li jaħżnu, jinnegozjaw jew li jaġixxu bħala intermedjarji fil-kummerċ ta' xogħlijiet ta' arti meta din issir minn portijiet ħielsa, meta l-valur ta' tranżazzjoni jew ta' sensiela ta' tranżazzjonijiet konnessi jammonta għal EUR 10 000 jew aktar.";

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (4) huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) reati terroristiċi, reati relatati ma' grupp terroristiku u reati relatati ma' attivitajiet terroristiċi kif stabbilit fit-Titoli II u III tad-Direttiva (UE) 2017/541 (*);

(*) Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).";

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet kriminali kif definit fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/841/ĠAI (*);

(*) Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42);"

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

([2]) ĠU C 85, 18.3.2017, p. 3.

(b) il-punt (b) tal-punt (6) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fil-każ ta' trusts, il-persuni kollha li ġejjin:

(i) is-settlor(s);

(ii) il-fiduċjarju/i;

(iii) il-protettur(i), jekk ikun hemm;

(iv) il-benefiċjarji jew meta l-individwi li jibbenefikaw mill-arranġament ġuridiku jew l-entità ġuridika jkunu għad iridu jiġu ddeterminati, il-klassi ta' persuni li fl-interess ewlieni tagħhom jiġu stabbiliti jew operati l-arranġament jew l-entità ġuridika;

(v) kwalunkwe persuna fiżika oħra li teżerċita kontroll finali fuq it-trust permezz ta' sjieda diretta jew indiretta jew b'mezzi oħrajn;";

(c) il-punt (16) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(16) "flus elettroniċi" tfisser flus elettroniċi kif definiti fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE, bl-esklużjoni ta' valur monetarju kif saret referenza għalih fl-Artikolu 1(4) u (5) ta' dik id-Direttiva;";

(d) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(18) "muniti virtwali" tfisser rappreżentazzjoni diġitali ta' valur li ma tkunx maħruġa jew garantita minn bank ċentrali jew awtorità pubblika, ma tkunx neċessarjament marbuta ma' munita stabbilita b'mod legali u ma jkollhiex status legali ta' munita jew flus, iżda tkun aċċettata minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi bħala mezz ta' skambju u tkun tista' tiġi ttrasferita, maħżuna u nnegozjata elettronikament;";

(19) "fornitur tal-kartieri ta' kustodja" tfisser entità li tipprovdi servizzi għas-salvagwardja ta' ċwievet kriptografiċi privati f'isem il-klijenti tagħha, biex iżomm, taħżen u tittrasferixxi muniti virtwali.";

(3) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (2), il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) ir-riskji assoċjati ma' kull settur rilevanti, inklużi, fejn applikabbli, stimi tal-volumi monetarji ta' ħasil tal-flus ipprovduti mill-Eurostat għal kull wieħed minn dawk is-setturi;

(c) l-aktar mezzi mifruxa użati mill-kriminali għall-ħasil ta' rikavat illeċitu inklużi, meta jkunu disponibbli, dawk użati partikolarment fi tranżazzjonijiet bejn Stati Membri u pajjiżi terzi, indipendentement mill-identifikazzjoni ta' pajjiż terz bħala riskju kbir skont l-Artikolu 9(2).";

(b) il-paragrafu (3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri u tal-entitajiet marbutin b'obbligu biex tassistihom jidentifikaw, jifhmu, jiġġestixxu u jimmitigaw ir-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u sabiex partijiet ikkonċernati oħra, inklużi l-leġislaturi nazzjonali, il-Parlament Ewropew, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (ASE) u r-rappreżentanti mill-UIF, ikunu jistgħu jifhmu aħjar ir-riskji. Ir-rapporti għandhom jiġu ppubblikati mhux aktar tard minn sitt xhur wara li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, ħlief għall-elementi tar-rapporti li jkun fihom informazzjoni klassifikata.";

(4) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 4 jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(f) jirrapporta l-istruttura istituzzjonali u l-proċeduri wiesgħa tar-reġim tal-AML/CFT tiegħu, inklużi fost oħrajn l-UIF, l-awtoritajiet tat-taxxa u l-prosekuturi, kif ukoll ir-riżorsi umani u finanzjarji allokati sa fejn din l-informazzjoni tkun disponibbli;

(g) jirrapporta dwar l-isforzi u r-riżorsi nazzjonali (forzi tax-xogħol u baġit) allokati għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu."

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu r-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju, inklużi l-aġġornamenti tagħhom għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, tal-ASE u tal-Istati Membri l-oħra. Stati Membri oħrajn jistgħu jipprovdu informazzjoni addizzjonali rilevanti, fejn xieraq, lill-Istat Membru li jwettaq il-valutazzjoni tar-riskju. Sommarju tal-valutazzjoni għandu jkun disponibbli pubblikament. Dak is-sommarju ma għandux ikun fih informazzjoni klassifikata.";

(5) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 64 biex tidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir, b'kont meħud tan-nuqqasijiet strateġiċi, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

(a) il-qafas legali u istituzzjonali tal-AML/CFT tal-pajjiż terz, b'mod partikolari:

(i) il-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

(ii) miżuri relatati ma' diliġenza dovuta tal-klijenti;

(iii) rekwiżiti relatati maż-żamma ta' rekords;

(iv) rekwiżiti relatati mar-rappurtar ta' transazzjonijiet suspettużi;

(v) id-disponibbiltà ta' informazzjoni preċiża u f'waqtha dwar is-sjieda benefiċjarja tal-arranġamenti u l-persuni ġuridiċi għall-awtoritajiet kompetenti;

(b) is-setgħat u l-proċeduri tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inklużi sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi b'mod xieraq, kif ukoll il-prattiki tal-pajjiż terz fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;

(c) l-effettività tas-sistema tal-AML/CFT tal-pajjiż terz fl-indirizzar tar-riskji tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu."

(b) il-paragrafu (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni, fit-tfassil tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 2, għandha tieħu kont tal-evalwazzjonijiet, il-valutazzjonijiet jew ir-rapporti rilevanti mħejjija minn organizzazzjonijiet internazzjonali u korpi li jistabbilixxu standards b'kompetenzi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu.";

(6) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lill-istituzzjonijiet finanzjarji milli jżommu kontijiet anonimi, passbooks anonimi jew kaxex ta' depożitu sikur anonimi. Fi kwalunkwe eventwalità, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li s-sidien u l-benefiċjarji tal-kontijiet anonimi, tal-passbooks anonimi jew tal-kaxex ta' depożitu sikur anonimi eżistenti jkunu soġġetti għal miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti mhux iktar tard mill-10 ta' Jannar 2019 u fi kwalunkwe każ qabel ma dawk il-kontijiet, il-passbooks jew il-kaxex ta' depożitu jintużaw bi kwalunkwe mod.";

(7) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) l-istrument tal-ħlas mhuwiex rikarikabbli, jew għandu limitu massimu ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas ta' EUR 150 kull xahar li jistgħu jintużaw biss f'dak l-Istat Membru;

(b) l-ammont massimu maħżun elettronikament ma jaqbiżx il-EUR 150;";

(ii) it-tieni subparagrafu huwa mħassar;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deroga prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma tkunx applikabbli fil-każ ta' fidi fi flus kontanti jew irtirar ta' flus kontanti tal-valur monetarju tal-flus elettroniċi meta l-ammont mifdi jkun aktar minn EUR 50, jew fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' pagament mill-bogħod kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) meta l-ammont imħallas ikun iktar minn EUR 50 għal kull tranżazzjoni.

(*) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji li jaġixxu bħala akkwirenti jaċċettaw biss pagamenti mwettqin b'kards imħallsin minn qabel anonimi maħruġin f'pajjiżi terzi meta tali kards jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 u 2.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jaċċettawx pagamenti fit-territorju tagħhom li jsiru bl-użu ta' kards anonimi mħallsin minn qabel.";

(8) l-Artikolu 13(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-identifikazzjoni tal-klijent u l-verifika tal-identità tal-klijent fuq il-bażi ta' dokumenti, data jew informazzjoni li jinkisbu minn sors affidabbli u indipendenti, inklużi, meta disponibbli, mezzi tal-identifikazzjoni elettronika, servizzi fiduċjarji rilevanti kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jew kwalunkwe proċess ieħor ta' identifikazzjoni sikura mill-bogħod jew elettronika, regolat, rikonoxxut, approvat jew aċċettat mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti;

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).";

(b) fl-aħħar tal-punt (b) tiddaħħal is-sentenza li ġejja:

"Meta s-sid benefiċjarju identifikat ikun uffiċjal maniġerjali anzjan kif imsemmi fl-Artikolu 3(6)(a)(ii), l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom jieħdu l-miżuri raġonevoli meħtieġa biex tiġi vverifikata l-identità tal-persuna fiżika li tokkupa l-kariga ta' uffiċjal maniġerjali anzjan u għandhom iżommu rekords tal-azzjonijiet meħuda, kif ukoll ta' kwalunkwe diffikultà li jiltaqgħu magħha waqt il-proċess ta' verifika.";

(9) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Kull meta jidħlu f'relazzjoni ta' negozju ġdida ma' entità korporattiva jew entità ġuridika oħra, jew trust jew arranġament legali li għandu struttura jew funzjonijiet simili għal dawk ta' trusts ('arranġament legali simili') li huma soġġetti għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja skont l-Artikolu 30 jew 31, l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom jiġbru l-prova tar-reġistrazzjoni jew silta mir-reġistru.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw il-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti mhux biss għall-klijenti l-ġodda kollha iżda anki fi żminijiet xierqa għall-klijenti eżistenti fuq bażi ta' sensittività għar-riskju, meta jinbidlu ċ-ċirkostanzi rilevanti ta' klijent partikolari, jew meta l-entità marbuta b'obbligu jkollha kwalunkwe dmir legali fil-kors tas-sena kalendarja rilevanti li tikkuntattja lill-klijent bl-iskop tar-reviżjoni ta' kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sid(ien) benefiċjarji, jew jekk l-entità marbuta b'obbligu kellha dan id-dmir skont id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE (*).

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).";

(10) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fil-każijiet imsemmijin fl-Artikoli 18a sa 24, kif ukoll f'każijiet oħrajn ta' riskju ikbar li jiġu identifikati mill-Istati Membri jew l-entitajiet marbutin b'obbligu, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw miżuri għal diliġenza dovuta tal-klijenti msaħħa biex jiġġestixxu u jimmitigaw dawk ir-riskji kif xieraq.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu jeżaminaw, sa fejn huwa raġonevolment possibbli, l-isfond u l-għan tat-tranżazzjonijiet kollha li jissodisfaw tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikunu tranżazzjonijiet kumplessi;

(ii) ikunu tranżazzjonijiet kbar b'mod mhux tas-soltu;

(iii) jitwettqu f'tendenzi mhux tas-soltu;

(iv) ma jidhirx li għandhom għan ekonomiku jew legali apparenti.

B'mod partikolari, l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom iżidu l-grad u n-natura tal-monitoraġġ tar-relazzjoni ta' negozju, sabiex jiddeterminaw jekk dawk it-tranżazzjonijiet jew attivitajiet jidhrux suspettużi.";

(11) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 18a*

1. Fir-rigward tar-relazzjonijiet ta' negozju jew tat-tranżazzjonijiet li jinvolvu pajjiżi terzi b'riskju kbir identifikati skont l-Artikolu 9(2), l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw il-miżuri li ġejjin għal diliġenza dovuta tal-klijenti msaħħa:

(a) il-kisba ta' informazzjoni addizzjonali fuq il-klijent u fuq is-sid benefiċjarju jew sidien benefiċjarji;

(b) il-kisba ta' informazzjoni addizzjonali fuq l-għan maħsub tar-relazzjoni ta' negozju;

(c) il-kisba ta' informazzjoni fuq is-sors tal-fondi u s-sors tal-beni tal-klijent u tas-sid benefiċjarju jew sidien benefiċjarji;

(d) il-kisba ta' informazzjoni fuq ir-raġunijiet għat-tranżazzjonijiet intenzjonati jew imwettqin;

(e) il-kisba tal-approvazzjoni tal-maniġment superjuri għall-istabbiliment jew it-tkomplija tar-relazzjoni ta' negozju;

(f) it-twettiq ta' monitoraġġ imsaħħaħ tar-relazzjoni ta' negozju b'żieda fin-numru u l-ħin tal-kontrolli applikati, u l-għażla ta' tipi tat-tranżazzjonijiet li jeħtieġu eżaminazzjoni ulterjuri.

L-Istati Membri jistgħu jeżiġu li l-entitajiet marbutin b'obbligu jiżguraw, fejn applikabbli, li l-ewwel pagament jitwettaq permezz ta' kont f'isem il-klijent ma' istituzzjoni ta' kreditu suġġett għal standards ta' diliġenza dovuta tal-klijenti li mhumiex inqas sodi minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

2. B'żieda mal-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1 u f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw, fejn applikabbli, waħda jew aktar' miżuri addizzjonali ta' mitigazzjoni lil persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi li jwettqu tranżazzjonijiet li jinvolvu pajjiżi terzi b'riskju kbir skont l-Artikolu 9(2). Dawk il-miżuri għandhom jikkonsistu f'waħda jew aktar minn dawk li ġejjin:

(a) fl-applikazzjoni ta' elementi addizzjonali ta' diliġenza dovuta msaħħa;

(b) fl-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' rappurtar rilevanti msaħħa jew ir-rappurtar sistematiku ta' tranżazzjonijiet finanzjarji;

(c) fil-limitazzjoni ta' relazzjonijiet ta' negozju jew tranżazzjonijiet ma' persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi mill-pajjiżi terzi identifikati bħala pajjiżi b'riskju kbir skont l-Artikolu 9(2).

3. B'żieda mal-miżuri pprovduti fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom japplikaw, fejn applikabbli, waħda jew bosta mill-miżuri li ġejjin fir-rigward ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir identifikati skont l-Artikolu 9(2) f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni:

(a) l-irrifjutar tal-istabbiliment ta' sussidjarji jew fergħat jew uffiċċji rappreżentattivi ta' entitajiet marbutin b'obbligu mill-pajjiż ikkonċernat, jew inkella t-teħid inkonsiderazzjoni tal-fatt li l-entità marbuta b'obbligu rilevanti hija minn pajjiż li ma għandux reġimi tal-AML/CFT adegwati;

(b) il-projbizzjoni ta' entitajiet marbutin b'obbligu milli jistabbilixxu fergħat jew uffiċċji rappreżentattivi fil-pajjiż ikkonċernat, jew inkella t-teħid inkonsiderazzjoni tal-fatt li l-fergħa jew l-uffiċċju rappreżentattiv rilevanti jkun f'pajjiż li ma għandux reġimi tal-AML/CFT adegwati;

(c) il-ħtieġa ta' eżaminazzjoni superviżorja miżjuda jew rekwiżiti ta' awditjar estern miżjudin għal fergħat u sussidjarji ta' entitajiet marbutin b'obbligu li jinsabu fil-pajjiż ikkonċernat;

(d) il-ħtieġa ta' rekwiżiti tal-awditjar estern miżjudin għal gruppi finanzjarji fir-rigward ta' kwalunkwe mill-fergħat u sussidjarji tagħhom li jinsabu fil-pajjiż ikkonċernat;

(e) il-ħtieġa li istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu jirrevedu u jemendaw, jew jekk neċessarju jitterminaw, relazzjonijiet korrispondenti ma' istituzzjonijiet rispondenti fil-pajjiż ikkonċernat.

4. Meta jkunu qegħdin jippromulgaw jew japplikaw il-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont, bħala evalwazzjonijiet rilevanti xierqa, tal-valutazzjonijiet jew ir-rapporti rilevanti mħejjija minn organizzazzjonijiet internazzjonali u korpi li jistabbilixxu standards b'kompetenzi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riskji maħluqa minn pajjiżi terzi individwali.

5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni qabel jippromulgaw jew japplikaw il-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.";

(12) fl-Artikolu 19, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fir-rigward ta' relazzjonijiet korrispondenti transkonfinali li jinvolvu l-eżekuzzjoni ta' pagamenti ma' istituzzjoni rispondenti minn pajjiż terz, l-Istati Membri għandhom, minbarra l-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti stipulati fl-Artikolu 13, jirrikjedu, meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji tagħhom jidħlu f'relazzjoni ta' negozju, li:";

(13) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 20a*

1. Kull Stat Membru għandu joħroġ u jżomm aġġornata lista li tindika eżattament il-funzjonijiet li, skont il-liġijiet nazzjonali, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi, jikkwalifikaw bħala funzjonijiet pubbliċi prominenti għall-finijiet tal-punt (9) tal-Artikolu 3. L-Istati Membri għandhom jitolbu lil kull organizzazzjoni internazzjonali akkreditata fit-territorju tagħhom li toħroġ u żżomm aġġornata lista tal-funzjonijiet pubbliċi prominenti f'dik l-organizzazzjoni internazzjonali għall-finijiet tal-punt (9) tal-Artikolu 3. Dawk il-listi għandhom jintbagħatu lill-Kummissjoni u jistgħu jkunu magħmula pubbliċi.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkompila u żżomm aġġornata lista tal-funzjonijiet preċiżi li jikkwalifikaw bħala funzjonijiet pubbliċi prominenti fil-livell ta' istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni. Dik il-lista għandha tinkludi wkoll kwalunkwe funzjoni li tista' tiġi fdata lir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi u ta' korpi internazzjonali akkreditati fil-livell tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tiġbor, abbażi tal-listi previsti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, lista unika tal-funzjonijiet pubbliċi prominenti kollha skont għall-finijiet tal-punt (9) tal-Artikolu 3. Dik il-lista unika għandha tkun magħmula pubblika.

4. Il-funzjonijiet inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ttrattati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 41(2).";

(14) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b'obbligu li lilhom jiġi riferut il-klijent jieħdu passi adegwati biex jiżguraw li t-terza persuna tipprovdi minnufih, b'talba, il-kopji rilevanti tad-data ta' identifikazzjoni u verifika, inkluża, fejn disponibbli, data miksuba permezz ta' mezzi tal-identifikazzjoni elettronika, servizzi fiduċjarji rilevanti kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014, jew kwalunkwe proċess ieħor ta' identifikazzjoni sigura, remota jew elettronika, regolat, rikonoxxut, approvat jew aċċettat mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.";

(15) L-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet korporattivi u dawk ġuridiċi oħrajn inkorporati fit-territorju tagħhom ikunu meħtieġa jiksbu u jżommu informazzjoni adegwata, preċiża u attwali dwar is-sjieda benefiċjarja tagħhom, inklużi d-dettalji tal-interessi benefiċjarji miżmuma. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksur ta' dan l-Artikolu jkun suġġett għal miżuri jew sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi.";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jeżiġu li s-sidien benefiċjarji ta' entitajiet korporattivi jew ġuridiċi oħra, inkluż permezz ta' ishma, drittijiet tal-vot, interess ta' sjieda, parteċipazzjonijiet azzjonarji ta' portatur, jew kontroll b'mezzi oħra, jipprovdu lil dawk l-entitajiet l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex l-entità korporattiva jew l-entità ġuridika l-oħra tikkonforma mal-ħtiġiet tal-ewwel subparagrafu.";

(b) il-paragrafu (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-informazzjoni miżmuma fir-reġistru ċentrali msemmi fil-paragrafu 3 tkun adegwata, preċiża u attwali, u jimplimentaw mekkaniżmi għal dan il-għan. Tali mekkaniżmi għandhom jinkludu li l-entitajiet obbligati u, jekk ikun xieraq u sa fejn dan ir-rekwiżit ma jfixkilx bla bżonn il-funzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti jirrapportaw kwalunkwe diskrepanza li jsibu bejn l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja disponibbli fir-reġistri ċentrali u l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja disponibbli għalihom. Fil-każ ta' diskrepanzi rrappurtati, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet xierqa biex jirriżolvu d-diskrepanzi b'mod f'waqtu u, jekk xieraq, li sadanittant issir referenza speċifika fir-reġistru ċentrali.";

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tkun aċċessibbli fil-każijiet kollha għal:

(a) awtoritajiet kompetenti u l-UIF, mingħajr ebda restrizzjoni;

(b) entitajiet marbutin b'obbligu, fil-qafas tad-diliġenza dovuta tal-klijenti f'konformità mal-Kapitolu II;

(c) kwalunkwe membru tal-pubbliku ġenerali.

Il-persuni msemmija fil-punt (c) għandhom jaċċessaw tal-inqas l-isem, ix-xahar u s-sena tat-twelid, u l-pajjiż tar-residenza u tan-nazzjonalità tas-sid benefiċjarju kif ukoll in-natura u l-livell tal-interess benefiċjarju miżmum.

L-Istati Membri jistgħu, skont kundizzjonijiet li jiġu stabbiliti taħt il-liġi nazzjonali, jipprovdu aċċess għal informazzjoni addizzjonali li tippermetti l-identifikazzjoni tas-sid benefiċjarju. Dik l-informazzjoni addizzjonali għandha tinkludi għall-inqas id-data tat-twelid jew id-dettalji ta' kuntatt skont ir-regoli tal-protezzjoni tad-data.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5a. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħtu aċċess għall-informazzjoni miżmuma fir-reġistri nazzjonali tagħhom imsemmija fil-paragrafu 3, bil-kundizzjoni ta' reġistrazzjoni online u l-ħlas ta' tariffa, li m'għandhiex teċċedi l-ispejjeż amministrattivi mġarrba biex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli, inklużi l-ispejjeż taż-żamma u tal-iżviluppi tar-reġistru.";

(e) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti u l-UIF ikollhom aċċess f'waqtu u mhux ristrett għall-informazzjoni kollha miżmuma fir-reġistru ċentrali msemmi fil-paragrafu 3 u mingħajr ma tingibed l-attenzjoni tal-entità kkonċernata. L-Istati Membri għandhom ukoll jippermettu aċċess f'waqtu mill-entitajiet marbutin b'obbligu fit-teħid ta' miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti f'konformità mal-Kapitolu II.

Awtoritajiet kompetenti mogħtijin aċċess għar-reġistru ċentrali msemmi fil-paragrafu 3 għandhom ikunu dawk l-awtoritajiet pubbliċi b'responsabbiltajiet deżinjati għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll l-awtoritajiet tat-taxxa, is-superviżuri ta' entitajiet marbutin b'obbligu u awtoritajiet li għandhom il-funzjoni tal-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus, ir-reati predikati assoċjati u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-lokalizzazzjoni u s-sekwestru jew l-iffriżar u l-konfiska ta' assi kriminali.";

(f) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti u l-UIF ikunu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 3 lill-awtoritajiet kompetenti u lill-UIF ta' Stati Membri oħra b'mod f'waqtu u bla ħlas.";

(g) il-paragrafi 9 u 10 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"9. F'ċirkostanzi eċċezzjonali li għandhom jiġu stipulati fil-liġi nazzjonali, fejn l-aċċess imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5 jesponi lis-sid benefiċjarju għal riskju sproporzjonat, riskju ta' frodi, sekwestru, rikatt, estorsjoni, fastidju, vjolenza jew intimidazzjoni, jew fejn is-sid benefiċjarju jkun minorenni jew ma jkunx kapaċi f'termini legali għal xi raġuni oħra, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eżenzjoni minn tali aċċess għall-informazzjoni kollha jew parti minnha fuq is-sjieda benefiċjarja fuq bażi ta' każ b'każ. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn l- eżenzjonijiet jingħataw fuq evalwazzjoni ddettaljata tan-natura eċċezzjonali taċ-ċirkostanzi. Id-drittijiet għal rieżami amministrattiv tad-deċiżjoni ta' eżenzjoni u għal rimedju ġudizzjarju effikaċi għandhom ikunu garantiti. Stat Membru li jkun ta eżenzjonijiet għandu jippubblika data statistika annwali dwar in-numru ta' eżenzjonijiet mogħtija u r-raġunijiet iddikjarati u jirrapporta d-data lill-Kummissjoni.

L-eżenzjonijiet mogħtija bis-saħħa tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji, jew għall-entitajiet marbutin b'obbligu msemmija fil-punt (3)(b) tal-Artikolu 2(1) li jkunu uffiċjali pubbliċi.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri ċentrali msemmijin fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu huma interkonnessi permezz tal-Pjattaforma Ċentrali Ewropea stabbilita bl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Il-konnessjoni tar-reġistri ċentrali tal-Istati Membri mal-pjattaforma għandha tkun stabbilita f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tekniċi stabbiliti billi jkunu implimentati atti adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 24 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 u mal-Artikolu 31a ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu hija disponibbli permezz tas-sistema tal-interkonnessjoni tar-reġistri stabbilita bl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva (UE) 2017/1132, f'konformità mal-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri li jimplimentaw il-paragrafi 5, 5a u 6 ta' dan l-Artikolu.

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli permezz tar-reġistri nazzjonali u permezz tas-sistema tal-interkonnessjoni tar-reġistri għall-inqas għal ħames snin u mhux għal aktar minn 10 snin wara li entità korporattiva jew entità ġuridika oħra tkun inqatgħet mir-reġistru. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw bejniethom u mal-Kummissjoni sabiex jimplimentaw it-tipi differenti ta' aċċess f'konformità ma' dan l-Artikolu.

(*) Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46).";

(16) L-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan l-Artikolu japplika għal trusts u tipi oħrajn ta' arranġamenti legali, bħal, inter alia, fiducie, ċerti tipi ta' Treuhand jew fideicomiso, fejn tali arranġamenti jkollhom struttura jew funzjonijiet simili għat-trusts. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-karatteristiċi li jiddeterminaw fejn l-arranġamenti legali jkollhom struttura jew funzjonijiet simili għat-trusts fir-rigward ta' tali arranġamenti legali rregolati taħt il-liġi tagħhom.

Kull Stat Membru għandu jirrikjedi li l-fiduċjarji ta' kwalunkwe trust speċifika amministrata f'dak l-Istat Membru jiksbu u jżommu informazzjoni adegwata, preċiża u attwali dwar is-sjieda benefiċjarja tat-trust. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-identità ta':

(a) is-settlor(s);

(b) il-fiduċjarju/i;

(c) il-protettur(i) (jekk hemm);

(d) il-benefiċjarji jew il-klassi ta' benefiċjarji;

(e) kwalunkwe persuna fiżika oħra li teżerċita kontroll effettiv tat-trust.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksur ta' dan l-Artikolu jkun soġġett għal sanzjonijiet jew miżuri effettivi, proporzjonati u dissważivi.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fiduċjarji jew il-persuni li jkollhom karigi ekwivalenti f'arranġamenti legali simili kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jiżvelaw l-istatus tagħhom u jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu b'mod f'waqtu lill-entitajiet marbutin b'obbligu fejn, bħala fiduċjarju jew bħala persuna li jkollha kariga ekwivalenti f'arranġamenti legali simili, dawn joħolqu relazzjoni ta' negozju jew iwettqu tranżazzjoni okkażjonali ogħla mil-livelli massimi stabbiliti fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 11.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja ta' trusts speċifiċi u arranġamenti legali simili kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tinżamm f'reġistru ċentrali ta' sjieda benefiċjarja stabbilit mill-Istat Membru fejn il-fiduċjarju tat-trust jew persuna li jkollha kariga ekwivalenti f'arranġament legali simili huwa stabbilit jew jirrisjedi.

Fejn il-post ta' stabbiliment jew ta' residenza tal-fiduċjarju tat-trust jew persuna li jkollha kariga ekwivalenti f'arranġament legali simili huwa barra l-Unjoni, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinżamm f'reġistru ċentrali stabbilit mill-Istat Membru fejn il-fiduċjarju tat-trust jew persuna li jkollha kariga ekwivalenti f'arranġament legali simili jidħlu f'relazzjoni ta' negozju jew jiksbu proprjetà immobbli f'isem trust jew arranġament legali simili.

Fejn il-fiduċjarju ta' trust jew persuni li jkollhom karigi ekwivalenti f'arranġament legali simili huma stabbiliti jew residenti fi Stati Membri differenti, jew fejn fiduċjarju tat-trust jew persuna li jkollha kariga ekwivalenti f'arranġament legali simili jidħlu f'diversi relazzjonijiet ta' negozju f'isem it-trust jew arranġament legali simili fi Stati Membri differenti, ċertifikat ta' prova ta' reġistrazzjoni jew silta tal-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja miżmum f'reġistru minn Stat Membru wieħed jistgħu jitqiesu bħala suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li l-obbligu ta' reġistrazzjoni ġie ssodisfat.";

(d) il-paragrafu (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja ta' trust jew ta' arranġament legali ieħor tkun aċċessibbli fil-każijiet kollha għal:

(a) awtoritajiet kompetenti u l-UIF, mingħajr ebda restrizzjoni;

(b) entitajiet marbutin b'obbligu, fil-qafas tad-diliġenza dovuta tal-klijenti f'konformità mal-Kapitolu II;

(c) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tista' turi interess leġittimu;

(d) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tissottometti talba bil-miktub b'rabta ma' trust jew arranġament legali simili li jkollha jew tkun is-sid ta' interess kontrollanti fi kwalunkwe entità korporattiva jew entità ġuridika oħra għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 30(1), permezz ta' sjieda diretta jew indiretta, inkluż permezz ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji ta' portatur, jew permezz ta' kontroll b'mezzi oħra.

L-informazzjoni aċċessibbli għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fil-punti (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu għandha tikkonsisti fl-isem, ix-xahar u s-sena tat-twelid u l-pajjiż ta' residenza u ta' nazzjonalità tas-sid benefiċjarju, kif ukoll in-natura u l-portata tal-interess benefiċjarju miżmum.

L-Istati Membri jistgħu, taħt kondizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fil-liġi nazzjonali, jipprevedu l-aċċess għal aktar informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tas-sid benefiċjarju. Dik l-informazzjoni addizzjonali għandha tinkludi għall-inqas id-data tat-twelid jew id-dettalji ta' kuntatt, f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data. L-Istati Membri jistgħu jippermettu aċċess usa' għall-informazzjoni miżmuma fir-reġistru f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom.

L-awtoritajiet kompetenti mogħtijin aċċess għar-reġistru ċentrali msemmi fil-paragrafu 3a għandhom ikunu awtoritajiet pubbliċi b'responsabbiltajiet deżinjati għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll l-awtoritajiet tat-taxxa, is-superviżuri ta' entitajiet marbutin b'obbligu u awtoritajiet li għandhom il-funzjoni tal-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus, ir-reati assoċjati minn fejn oriġinaw il-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-lokalizzazzjoni, u s-sekwestru jew l-iffriżar u l-konfiska ta' assi kriminali.";

(e) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħtu aċċess għall-informazzjoni miżmuma fir-reġistri nazzjonali tagħhom imsemmija fil-paragrafu 3a bil-kundizzjoni ta' reġistrazzjoni online u l-ħlas ta' tariffa, li m'għandhiex teċċedi l-ispejjeż amministrattivi mġarrba biex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli, inklużi l-ispejjeż taż-żamma u tal-iżviluppi tar-reġistru.";

(f) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-informazzjoni miżmuma fir-reġistru ċentrali msemmi fil-paragrafu 3a tkun adegwata, preċiża u attwali, u jimplimentaw mekkaniżmi għal dan il-għan. Tali mekkaniżmi għandhom jinkludu li l-entitajiet obbligati u, jekk ikun xieraq u sa fejn dan ir-rekwiżit ma jfixkilx bla bżonn il-funzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti jirrapportaw kwalunkwe diskrepanza li jsibu bejn l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja disponibbli fir-reġistri ċentrali u l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja disponibbli għalihom. Fil-każ ta' diskrepanzi rrappurtati, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet xierqa biex jirriżolvu d-diskrepanzi b'mod f'waqtu u, jekk xieraq, li sadanittant issir referenza speċifika fir-reġistru ċentrali.";

(g) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti u l-UIF ikunu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 3 lill-awtoritajiet kompetenti u lill-UIF ta' Stati Membri oħra b'mod f'waqtu u bla ħlas.";

(h) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"7a. F'ċirkostanzi eċċezzjonali li għandhom jiġu stipulati fil-liġi nazzjonali, fejn l-aċċess imsemmi fil-punti (b), (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 jesponi lis-sid benefiċjarju għal riskju sproporzjonat, riskju ta' frodi, sekwestru, rikatt, estorsjoni, fastidju, vjolenza jew intimidazzjoni, jew fejn is-sid benefiċjarju jkun minorenni jew ma jkunx kapaċi f'termini legali għal xi raġuni oħra, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eżenzjoni minn tali aċċess għall-informazzjoni kollha jew parti minnha fuq is-sjieda benefiċjarja fuq bażi ta' każ b'każ. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn l- eżenzjonijiet jingħataw fuq evalwazzjoni ddettaljata tan-natura eċċezzjonali taċ-ċirkostanzi. Id-drittijiet għal rieżami amministrattiv tad-deċiżjoni ta' eżenzjoni u għal rimedju ġudizzjarju effikaċi għandhom ikunu garantiti. Stat Membru li jkun ta eżenzjonijiet għandu jippubblika data statistika annwali dwar in-numru ta' eżenzjonijiet mogħtija u r-raġunijiet iddikjarati u jirrapporta d-data lill-Kummissjoni.

L-eżenzjonijiet mogħtija bis-saħħa tal-ewwel subparagrafu ma għandhomx japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji u għall-entitajiet marbutin b'obbligu msemmija fil-punt (3)(b) tal-Artikolu 2(1) li jkunu uffiċjali pubbliċi.

Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jistabbilixxi eżenzjoni f'konformità mal-ewwel subparagrafu, hu ma għandux jirrestrinġi l-aċċess għal informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u l-UIF.";

(i) il-paragrafu 8 huwa mħassar;

(j) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri ċentrali msemmijin fil-paragrafu 3a ta' dan l-Artikolu huma interkonnessi permezz tal-Pjattaforma Ċentrali Ewropea stabbilita bl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva (UE) 2017/1132. Il-konnessjoni tar-reġistri ċentrali tal-Istati Membri mal-pjattaforma għandha tkun stabbilita f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tekniċi stabbiliti billi jkunu implimentati atti adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 24 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 u mal-Artikolu 31a ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu hija disponibbli permezz tas-sistema tal-interkonnessjoni tar-reġistri stabbilita bl-Artikolu 22(2) tad-Direttiva (UE) 2017/1132, f'konformità mal-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri li jimplimentaw il-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu.

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri adegwati sabiex jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 li hija aġġornata u tikkorrispondi mas-sjieda benefiċjarja attwali biss hija magħmula disponibbli permezz tar-reġistri nazzjonali tagħhom u permezz tas-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri, u l-aċċess għal dik l-informazzjoni għandu jkun f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data.

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli permezz tar-reġistri nazzjonali u permezz tas-sistema tal-interkonnessjoni tar-reġistri għall-inqas għal ħames snin u mhux għal aktar minn 10 snin wara li r-raġunijiet għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja kif imsemmi fil-paragrafu 3a ma jibqgħux jeżistu. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni sabiex jimplimentaw it-tipi differenti ta' aċċess f'konformità mal-paragrafi 4 u 4a.";

(k) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"10. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, il-kategoriji, id-deskrizzjoni tal-karatteristiċi, l-ismijiet u, fejn applikabbli, il-bażijiet ġuridiċi tat-trusts u arranġamenti legali simili msemmija fil-paragrafu 1 sal-10 ta' Lulju 2019. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista kkonsolidata ta' tali trusts u arranġamenti legali simili f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sal-10 ta' Settembru 2019.

Sas-26 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jevalwa jekk it-trusts u l-arranġamenti legali simili kollha kif imsemmi fil-paragrafu 1 irregolati skont il-liġi tal-Istati Membri ġewx identifikati debitament u jekk kinux ssoġġetti għall-obbligi kif stipulat f'din id-Direttiva. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa biex taġixxi fuq is-sejbiet ta' dak ir-rapport.";

(17) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 31a*

**Atti ta' implimentazzjoni**

Fejn ikun meħtieġ, minbarra l-atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 u skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 30 u 31 ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri meħtieġa biex tiġi prevista l-interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali tal-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 30(10) u l-Artikolu 31(9), fir-rigward ta':

(a) l-ispeċifikazzjoni teknika li tiddefinixxi s-sett ta' data teknika meħtieġ sabiex il-pjattaforma tkun tista' taqdi l-funzjonijiet tagħha kif ukoll il-metodu ta' ħżin, użu u protezzjoni ta' dik id-data;

(b) il-kriterji komuni li jirregolaw kif l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tkun disponibbli permezz tas-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri, skont il-livell ta' aċċess mogħti mill-Istati Membri;

(c) id-dettalji tekniċi dwar kif l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji għandha tkun disponibbli;

(d) il-kondizzjonijiet tekniċi tad-disponibbiltà tas-servizzi pprovduti bis-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri;

(e) il-modalitajiet tekniċi kif jiġu implimentati t-tipi differenti ta' aċċess għal informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja abbażi ttal-Artikolu 30(5) u tal-Artikolu 31(4);

(f) il-modalitajiet ta' ħlas meta l-aċċess għal informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja huwa soġġett għall-ħlas ta' tariffa skont l-Artikolu 30(5a) u l-Artikolu 31(4a) b'kont meħud tal-faċilitajiet ta' ħlas disponibbli bħal tranżazzjonijiet ta' pagament remoti.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 64a(2).

Fl-atti ta' implimentazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tistinka sabiex jerġgħu jintużaw teknoloġija ppruvata u prattiki eżistenti. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-sistemi li għandhom jiġu żviluppati ma għandhomx iġarrbu spejjeż ogħla minn dak li huwa assolutament meħtieġ sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva. L-atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għandhom ikunu kkaratterizzati minn trasparenza u mill-iskambju ta' esperjenzi u informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.";

(18) fl-Artikolu 32 jiżdied il-paragrafu li ġej:

"9. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 34(2), fil-kuntest tal-funzjonijiet tagħha, kull UIF għandha tkun f'qagħda li titlob, tikseb u tuża informazzjoni minn xi entità marbuta b'obbligu għall-fini stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, anki jekk l-ebda rapport preċedenti ma jkun sar skont l-Artikolu 33(1)(a) jew l-Artikolu 34(1).";

(19) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 32a*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati, bħal reġistri ċentrali jew sistemi elettroniċi ċentrali għall-irkupru ta' data, li jippermettu l-identifikazzjoni, b'mod f'waqtu, ta' xi persuna fiżika jew ġuridika li żżomm jew tikkontrolla kontijiet ta' ħlas u kontijiet bankarji identifikati mill-IBAN, kif definit permezz tar-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), u kaxex ta' depożitu sikur miżmuma minn istituzzjoni ta' kreditu fit-territorju tagħhom. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-karatteristiċi ta' dawk il-mekkaniżmi nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni miżmuma fil-mekkaniżmi ċentralizzati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu hija direttament aċċessibbli mill-UIF nazzjonali b'mod immedjat u mhux filtrat. L-informazzjoni għandha wkoll tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe UIF tkun f'qagħda li tipprovdi informazzjoni miżmuma fil-mekkaniżmi ċentralizzati msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lil kwalunkwe UIF oħra b'mod f'waqtu f'konformità mal-Artikolu 53.

3. L-informazzjoni li ġejja għandha tkun aċċessibbli u disponibbli għat-tiftix permezz tal-mekkaniżmi ċentralizzati msemmijin fil-paragrafu 1:

— għad-detentur tal-kont tal-klijent u kull persuna li tidher li taġixxi f'isem il-klijent: l-isem, ikkomplementat jew bid-data tal-identifikazzjoni l-oħra meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-punt (a) tal-Artikolu 13(1) jew numru tal-identifikazzjoni uniku;

— għas-sid benefiċjarju tad-detentur tal-kont tal-klijent: l-isem, ikkomplementat jew bid-data tal-identifikazzjoni oħra meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-punt (b) tal-Artikolu 13(1) jew numru tal-identifikazzjoni uniku;

— għall-kont bankarju jew tal-pagament: in-numru tal-IBAN u d-data tal-ftuħ u l-għeluq tal-kont;

— għall-kaxxa ta' depożitu sikur: l-isem tal-lokatarju ikkomplementat jew bid-data ta' identifikazzjoni l-oħra meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 13(1) jew b'numru tal-identifikazzjoni uniku u ż-żmien tal-perijodu ta' lokazzjoni.

4. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jirrikjedu li informazzjoni oħra meqjusa bħala essenzjali biex l-UIF u l-awtoritajiet kompetenti jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva tkun aċċessibbli u disponibbli għat-tiftix permezz tal-mekkaniżmi ċentralizzati.

5. Sas-26 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn tivvaluta l-kondizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tekniċi għall-iżgurar tal-interkonnessjoni sigura u effiċjenti tal-mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzat. Meta xieraq, dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġislattiva.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22).";

(20) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 32b*

"1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-UIF u l-awtoritajiet kompetenti b'aċċess għall-informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni f'waqtha ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun sid ta' proprjetà immobbli, inkluż permezz ta' reġistri jew sistemi elettroniċi għall-irkupru ta' data fejn tali reġistri jew sistemi huma disponibbli.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn tivvaluta n-neċessità u l-proporzjonalità tal-armonizzazzjoni tal-informazzjoni inkluża fir-reġistri u tivvaluta l-ħtieġa tal-interkonnessjoni ta' dawk ir-reġistri. Fejn xieraq, dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġislattiva.";

(21) fl-Artikolu 33(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jipprovdu lill-UIF b'talba tagħha, direttament, l-informazzjoni kollha meħtieġa.";

(22) fl-Artikolu 34, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Korpi awtoregolatorji nnominati minn Stati Membri għandhom jippubblikaw rapport annwali li jkun fih informazzjoni dwar:

(a) il-miżuri meħuda skont l-Artikoli 58, 59 u 60;

(b) in-numru ta' rapporti ta' ksur riċevuti kif imsemmi fl-Artikolu 61, fejn applikabbli;

(c) in-numru ta' rapporti li waslu għand korp awtoregolatorju kif imsemmi fil-paragrafu 1 u n-numru ta' rapporti mibgħuta minn korp awtoregolatorju lill-UIF fejn applikabbli;

(d) fejn applikabbli, in-numru u d-deskrizzjoni ta' miżuri mwettqa skont l-Artikolu 47 u 48 għall-monitoraġġ tal-konformità mill-entitajiet marbutin b'obbligu mal-obbligi tagħhom taħt:

(i) l-Artikoli 10 sa 24 (diliġenza dovuta tal-klijenti);

(ii) l-Artikoli 33, 34 u 35 (rappurtar ta' tranżazzjonijiet suspettużi);

(iii) l-Artikolu 40 (żamma ta' rekords); u

(iv) l-Artikoli 45 u 46 (kontrolli interni).";

(23) l-Artikolu 38 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 38*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-individwi, inklużi l-impjegati u r-rappreżentanti tal-entità marbuta b'obbligu li jirrapportaw suspetti ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu kemm meta jagħmlu dan internament kif ukoll meta jagħmlu dan lill-UIF ikunu protetti legalment milli jiġu esposti għal theddid, azzjoni ta' tpattija jew ostili, u b'mod partikolari minn azzjonijiet ta' impjieg avversi jew diskriminatorji.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-individwi li jkunu esposti għal theddid, azzjonijiet ta' tpattija jew ostili, jew azzjonijiet ta' impjieg avversi jew diskriminatorji talli jirrapportaw suspetti ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu internament jew lill-UIF ikunu intitolati li jippreżentaw ilment b'mod sigur lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi. Mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miġbura mill-UIF, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li tali individwi jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv li jħares id-drittijiet tagħhom taħt dan il-paragrafu.";

(24) fl-Artikolu 39, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tipprekludi l-iżvelar bejn istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri sakemm dawn jappartjenu għall-istess grupp, jew bejn dawk l-entitajiet u l-fergħat tagħhom u sussidjarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma stabbiliti f'pajjiżi terzi, sakemm dawk il-fergħat u s-sussidjarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma jikkonformaw b'mod sħiħ mal-politiki u l-proċeduri tal-grupp kollu, inklużi proċeduri għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni fil-grupp, f'konformità mal-Artikolu 45 u sakemm il-politiki u l-proċeduri tal-grupp kollu jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva.";

(25) fl-Artikolu 40, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fil-każ ta' diliġenza dovuta tal-klijenti, kopja tad-dokumenti u l-informazzjoni li huma neċessarji biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta tal-klijenti stabbiliti fil-Kapitolu II, inkluża, fejn disponibbli, informazzjoni miksuba permezz ta' mezzi tal-identifikazzjoni elettronika, servizzi fiduċjarji rilevanti kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 jew kwalunkwe proċess ieħor ta' identifikazzjoni sigura, remota jew elettronika, irregolat, rikonoxxut, approvat jew aċċettat mill-awtoritajiet kompetenti, għal perijodu ta' ħames snin wara li r-relazzjoni ta' negozju mal-klijent tagħhom tkun intemmet jew wara d-data ta' tranżazzjoni okkażjonali;"

(b) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-perijodu ta' żamma msemmi f'dan il-paragrafu, inkluż il-perijodu ta' żamma ulterjuri li ma għandux jaqbiżx ħames snin addizzjonali, għandu japplika wkoll fir-rigward ta' data aċċessibbli permezz tal-mekkaniżmi ċentralizzati msemmijin fl-Artikolu 32a.";

(26) L-Artikolu 43 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 43*

L-ipproċessar tad-data personali abbażi ta' din id-Direttiva għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jkun ikkunsidrat bħala kwistjoni ta' interess pubbliku skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).";

(27) L-Artikolu 44 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 44*

1. Sabiex jikkontribwixxu għat-tħejjija tal-valutazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu jistgħu janalizzaw l-effettività tas-sistemi tagħhom fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu billi jżommu statistika komprensiva dwar kwistjonijiet rilevanti għall-effettività ta' tali sistemi.

2. L-istatistika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:

(a) data li tkejjel id-daqs u l-importanza tas-setturi differenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inklużi n-numru ta' persuni fiżiċi u entitajiet u l-importanza ekonomika ta' kull settur;

(b) data li tkejjel il-fażijiet ta' rappurtar, ta' investigazzjoni u dawk ġudizzjarji tar-reġim nazzjonali tal-AML/CFT, inklużi n-numru ta' rapporti ta' tranżazzjonijiet suspettużi li saru lill-UIF, il-mod kif ġew segwiti dawk ir-rapporti u, fuq bażi annwali, in-numru ta' każijiet investigati, in-numru ta' persuni mixlija, in-numru ta' persuni kkundannati għal reati ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, it-tipi ta' reati predikati, fejn tali informazzjoni tkun disponibbli, u l-valur f'euro ta' proprjetà li tkun ġiet iffriżata, sekwestrata jew ikkonfiskata;

(c) jekk disponibbli, data li tidentifika n-numru u l-perċentwal ta' rapporti li jirriżultaw f'investigazzjoni ulterjuri, flimkien mar-rapport annwali lill-entitajiet marbutin b'obbligu li jagħti fid-dettall l-utilità u s-segwitu tar-rapporti dwar ir-rapporti li jkunu ppreżentaw;

(d) data rigward in-numru ta' talbiet transfruntiera għal informazzjoni li jkunu saru, ġew riċevuti, irrifjutati u parzjalment jew kompletament, imwieġba mill-UIF, imqassma skont il-pajjiż kontroparti;

(e) ir-riżorsi umani allokati lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għal superviżjoni AML/CFT kif ukoll ir-riżorsi umani allokati lill-UIF biex twettaq il-kompiti speċifikati fl-Artikolu 32;

(f) in-numru ta' azzjonijiet superviżorji fuq il-post u mhux fuq il-post, l-għadd ta' ksur identifikat abbażi ta' azzjonijiet superviżorji u sanzjonijiet jew miżuri amministrattivi applikati mill-awtoritajiet superviżorji.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi ppubblikata analiżi kkonsolidata tal-istatistika tagħhom fuq bażi annwali.

4. "L-Istati Membri għandhom jibagħtu annwalment l-istatistika msemmija fil-paragrafu 2 lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali li jiġbor fil-qosor u jispjega l-istatistika msemmija fil-paragrafu 2, li għandu jsir disponibbli fis-sit web tagħha.";

(28) fl-Artikolu 45, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri u l-ASE għandhom jgħarrfu lil xulxin dwar istanzi li fihom il-liġi ta' pajjiż terz ma tippermettix l-implimentazzjoni tal-politiki u proċeduri meħtieġa skont il-paragrafu 1. F'tali każijiet, tista' tittieħed azzjoni kkoordinata biex tinstab soluzzjoni. Fl-evalwazzjoni ta' liema pajjiżi terzi ma jippermettux l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-proċeduri meħtieġa skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri u l-ASE għandhom iqisu kwalunkwe restrizzjoni legali li tista' xxekkel l-implimentazzjoni xierqa ta' dawn il-politiki u l-proċeduri, inklużi s-segretezza, il-protezzjoni tad-data u restrizzjonijiet oħrajn li jillimitaw l-iskambju ta' informazzjoni li tista' tkun relevanti għal dak il-għan.";

(29) fl-Artikolu 47, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi ta' skambju bejn muniti virtwali u muniti ta' kors legali, u fornituri tal-kartieri ta' kustodja, jkunu rreġistrati, li l-uffiċċji tal-kambju u l-uffiċċji li jsarrfu ċ-ċekkijiet, u l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji jew għall-kumpaniji jkollhom liċenzja jew ikunu rreġistrati, u li l-fornituri tas-servizzi tal-logħob tal-azzard huma regolati.";

(30) L-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Sabiex tiġi ffaċilitata u promossa kooperazzjoni effettiva, u b'mod partikolari l-iskambju ta' informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-lista tal-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet marbutin b'obbligu elenkati fl-Artikolu 2(1), inklużi d-dettalji ta' kuntatt tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni tibqa' aġġornata.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika reġistru ta' dawk l-awtoritajiet u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom fuq is-sit web tagħha. L-awtoritajiet fir-reġistru għandhom, fl-ambitu tas-setgħat tagħhom, iservu bħala punt ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti korrispondenti tal-Istati Membri l-oħra. L-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri għandhom iservu wkoll bħala punt ta' kuntatt tal-ASE.

Sabiex jiġi żgurat l-infurzar xieraq ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet kollha marbutin b'obbligu jkunu soġġetti għal superviżjoni adegwata, inklużi s-setgħat biex iwettqu superviżjoni fuq il-post u mhux fuq il-post, u għandhom jieħdu miżuri amministrattivi xierqa u proporzjonati biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni fil-każ ta' ksur.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom setgħat adegwati, inkluża s-setgħa li jitolbu l-produzzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni li tkun rilevanti għall-monitoraġġ tal-konformità u li jwettqu verifiki, u jkollhom riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal ta' dawk l-awtoritajiet huma ta' integrità għolja u għandhom ħiliet xierqa, u jżommu standards professjonali għoljin, inklużi standards ta' kunfidenzjalità, protezzjoni tad-data u standards li jindirizzaw kunflitti ta' interess.";

(c) il-paragrafu (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-entità marbuta b'obbligu topera xi stabbilimenti, iwettqu superviżjoni biex jiżguraw li dawk l-istabbilimenti jirrispettaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' dak l-Istat Membru li jittrasponu din id-Direttiva.

Fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji li huma parti minn grupp, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn l-impriża omm tkun stabbilita jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn l-istabbilimenti li huma parti minn grupp ikunu stabbiliti.

Fil-każ tal-istabbilimenti msemmija fl-Artikolu 45(9), is-superviżjoni kif msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu tista' tinkludi t-teħid ta' miżuri adatti u proporzjonati biex jindirizzaw nuqqasijiet serji li jeħtieġu rimedji immedjati. Dawk il-miżuri għandhom ikunu temporanji u jiġu terminati meta n-nuqqasijiet identifikati jiġu indirizzati, inkluż bl-għajnuna tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-entità marbuta b'obbligu, f'konformità mal-Artikolu 45(2).";

(d) fil-paragrafu (5) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji li huma parti minn grupp, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru, fejn l-impriża omm tkun stabbilita, jissorvelja l-implimentazzjoni effettiva ta' politiki u proċeduri li japplikaw għall-grupp kollu msemmi fl-Artikolu 45(1). Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru, fejn huma stabbiliti l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji li huma parti mill-grupp, jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn l-impriża prinċipali tkun stabbilita.";

(31) L-Artikolu 49 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 49*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk li jfasslu l-politiki, l-UIF, is-superviżuri u awtoritajiet kompetenti oħrajn involuti fl-AML/CFT, kif ukoll l-awtoritajiet tat-taxxa u l-awtoritajiet inkarigati mill-eżekuzzjoni tal-liġi, meta jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ikollhom mekkaniżmi effettivi fis-seħħ biex ikunu jistgħu jikkooperaw u jikkoordinaw fil-livell nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet biex jiġġieldu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż bil-għan li jissodisfaw l-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 7.";

(32) fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu VI, tiddaħħal is-subtaqsima li ġejja:

"Subtaqsima IIa

**Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri**

*Artikolu 50a*

L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu jew jimponu kundizzjonijiet restrittivi irraġonevoli jew bla bżonn fuq l-iskambju ta' informazzjoni jew assistenza bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' din id-Direttiva. B'mod partikolari l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ma jirrifjutawx talba għall-assistenza fuq il-bażi li:

(a) it-talba hija kkunsidrata wkoll li tinvolvi kwistjonijiet tat-taxxa;

(b) il-liġi nazzjonali tirrikjedi lill-entitajiet marbutin b'obbligu li jżommu segretezza jew kunfidenzjalità, minbarra f'dawk il-każijiet fejn l-informazzjoni rilevanti mitluba hija protetta mill-privileġġ legali jew fejn tapplika s-segretezza professjonali legali, kif deskritt fl-Artikolu 34(2);

(c) hemm inkjesta, investigazzjoni jew proċediment għaddej fl-Istat Membru mitlub, sakemm l-assistenza timpedixxi l-inkjesta, l-investigazzjoni jew il-proċediment;

(d) in-natura jew l-istatus tal-awtorità kontroparti kompetenti li qed tagħmel it-talba hija differenti minn dik tal-awtorità kompetenti mitluba.";

(33) L-Artikolu 53 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UIF jiskambjaw, minn jeddhom jew fuq talba, kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun rilevanti għall-ipproċessar jew l-analiżi ta' informazzjoni mill-UIF, relatata mal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u l-persuna fiżika jew ġuridika involuta, irrispettivament mit-tip ta' reati predikati assoċjati u anki jekk it-tip ta' offiżi predikati assoċjati ma jiġix identifikat waqt l-iskambju.";

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dik l-UIF għandha tikseb informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 33(1) u tibgħat it-tweġibiet minnufih.";

(34) fl-Artikolu 54, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UIF jinnominaw tal-anqas persuna waħda ta' kuntatt jew punt li għandu jkun responsabbli biex jirċievi talbiet għal informazzjoni minn UIF fi Stati Membri oħra.";

(35) Fl-Artikolu 55, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kunsens minn qabel tal-UIF mitlub biex tixxerred l-informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti jingħata minnufih u bl-aktar mod mifrux possibbli, irrispettivament mit-tip ta' offiżi predikati assoċjati. L-UIF li tirċievi t-talba għandha tiċħad il-kunsens tagħha li ssir din il-kondiviżjoni biss jekk din tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-AML/CFT tagħha jew tista' xxekkel investigazzjoni jew inkella ma tkunx f'konformità mal-prinċipji fundamentali tal-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru. Kwalunkwe

ċaħda ta' dan it-tip għall-għoti tal-kunsens għandha tkun spjegata b'mod adatt. Dawk l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu speċifikati b'mod li jimpedixxi l-użu ħażin, u l-limitazzjonijiet indebiti għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.";

(36) L-Artikolu 57 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 57*

Id-differenzi bejn id-definizzjonijiet fil-liġi nazzjonali ta' reati predikati kif imsemmi fil-punt 4 tal-Artikolu 3 ma għandhomx ixekklu l-kapaċità tal-UIF li jipprovdu assistenza lil UIF oħra u ma għandhomx jillimitaw l-iskambju, il-kondiviżjoni u l-użu ta' informazzjoni skont l-Artikoli 53, 54 u 55.";

(37) fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu VI, tiddaħħal is-subtaqsima li ġejja:

"Subtaqsima IIIa

**Kooperazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u awtoritajiet oħra marbuta bis-segretezza professjonali**

*Artikolu 57a*

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għal awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għal konformità ma' din id-Direttiva, kif ukoll awdituri u esperti li jaġixxu f'isem l-awtoritajiet kompetenti, għandhom ikunu marbuta bl-obbligu tas-segretezza professjonali.

Mingħajr preġudizzju għal każijiet koperti mil-liġi kriminali, informazzjoni kunfidenzjali li persuni msemmija fl-ewwel subparagrafu jirċievu matul il-qadi ta' dmirijiethom skont din id-Direttiva tista' tiġi żvelata biss f'forma sommarja jew aggregata, b'mod li istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji individwali ma jistgħux jiġu identifikati.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux ifixkel l-iskambju tal-informazzjoni bejn:

(a) l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji fi ħdan Stat Membru skont din id-Direttiva jew atti leġislattivi oħra li jkollhom x'jaqsmu mas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji;

(b) l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji fi ħdan Stati Membri differenti skont din id-Direttiva jew atti leġislattivi oħra li jkollhom x'jaqsmu mas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) meta jaġixxi skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 (*). L-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet ta' segretezza professjonali indikati fil-paragrafu 1.

Sal-10 ta' Jannar 2019, l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji skont din id-Direttiva u l-BĊE, li jaġixxi skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u l-punt (g) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 56 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), għandhom jikkonkludu, bl-appoġġ tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, ftehim dwar il-modalitajiet prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni.

3. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandhom jużaw din l-informazzjoni biss:

(a) fil-qadi ta' dmirijiethom skont din id-Direttiva jew skont atti leġislattivi oħrajn fil-qasam tal-AML/CFT, tar-regolamentazzjoni prudenzjali u tas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji, inkluż sanzjonar;

(b) f'appell kontra deċiżjoni tal-awtorità kompetenti responsabbli mis-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji, inklużi proċedimenti fil-qrati;

(c) fi proċedimenti fil-qrati mibdija skont dispożizzjonijiet speċjali previsti fid-dritt tal-Unjoni, adottati fil-qasam ta' din id-Direttiva jew fil-qasam tar-regolamentazzjoni prudenzjali u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jikkooperaw kemm jista' jkun ma' xulxin għall-finijiet ta' din id-Direttiva, indipendentement min-natura jew mill-istatus tagħhom. Tali kooperazzjoni tinkludi wkoll l-abbiltà li jsiru, fi ħdan is-setgħat tal-awtorità kompetenti mitluba, inkjesti f'isem awtorità kompetenti li tagħmel it-talba, u l-iskambju sussegwenti tal-informazzjoni miksuba bis-saħħa ta' tali inkjesti.

5. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tagħhom responsabbli mis-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji biex jikkonkludu ftehimiet ta' kooperazzjoni li jipprovdu għal kollaborazzjoni u skambji ta' informazzjoni kunfidenzjali mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi li jikkostitwixxu kontropartijiet ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Dawk il-ftehimiet ta' kooperazzjoni għandhom ikunu konklużi fuq il-bażi ta' reċiproċità u biss jekk l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanzija ta' rekwiżiti ta' segretezza professjonali li tkun tal-anqas ekwivalenti għal dik imsemmija fil-paragrafu 1. Informazzjoni kunfidenzjali skambjata skont dawk il-ftehimiet ta' kooperazzjoni għandha tintuża għall-iskop li jitwettaq il-kompitu superviżorju ta' dawk l-awtoritajiet.

Meta l-informazzjoni skambjata toriġina fi Stat Membru ieħor, din għandha tiġi żvelata biss bil-kunsens espress tal-awtorità kompetenti li tkun iddeċidiet li taqsamha u, fejn xieraq, biss għall-finijiet li għalihom dik l-awtorità tkun tat il-kunsens tagħha.

*Artikolu 57b*

1. Minkejja l-Artikolu 57a(1) u (3) u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 34(2), l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-istess Stat Membru jew fi Stati Membri differenti, bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet fdati bis-superviżjoni ta' entitajiet tas-settur finanzjarju u persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jaġixxu fit-twettiq tal-attivitajiet professjonali tagħhom kif imsemmi fil-punt (3) tal-Artikolu 2(1) u l-awtoritajiet responsabbli bil-liġi għas-superviżjoni ta' swieq finanzjarji fil-qadi tal-funzjonijiet superviżorji rispettivi tagħhom.

L-informazzjoni rċevuta għandha f'kull każ tkun soġġetta għar-rekwiżiti ta' segretezza professjonali li jkunu tal-anqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 57a(1).

2. Minkejja l-Artikolu 57a(1) u (3), l-Istati Membri jistgħu, bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet stipulati fil-liġi nazzjonali, jawtorizzaw l-iżvelar ta' ċerta informazzjoni lil awtoritajiet nazzjonali oħrajn responsabbli bil-liġi għas-superviżjoni tas-swieq finanzjarji, jew b'responsabbiltajiet deżinjati fil-qasam tal-ġlieda jew tal-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus, tar-reati predikati assoċjati u tal-finanzjament tat-terroriżmu.

Madankollu, informazzjoni kunfidenzjali skambjata skont dan il-paragrafu għandha tintuża biss għall-iskop li jitwettqu l-kompiti legali tal-awtoritajiet ikkonċernati. Il-persuni li jkollhom aċċess għal dik l-informazzjoni għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' segretezza professjonali tal-anqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 57a(1).

3. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-iżvelar ta' ċerta informazzjoni relatata mas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu għal konformità ma' din id-Direttiva lill-kumitati ta' inkjesta parlamentari, lill-qrati tal-awdituri u entitajiet oħrajn inkarigati mill-inkjesti, fl-Istat Membru tagħhom, bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-entitajiet ikollhom mandat preċiż iddefinit mil-liġi nazzjonali sabiex jinvestigaw jew jeżaminaw bir-reqqa l-azzjonijiet tal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew għal-liġijiet dwar tali superviżjoni;

(b) l-informazzjoni tkun strettament meħtieġa biex jintlaħaq il-mandat imsemmi fil-punt (a);

(c) l-persuni b'aċċess għall-informazzjoni jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' segretezza professjonali skont il-liġi nazzjonali tal-anqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 57a(1);

(d) fejn l-informazzjoni tkun toriġina fi Stat Membru ieħor, din ma tkunx żvelata mingħajr il-kunsens espress tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelawha, u biss għall-finijiet li għalihom dawk l-awtoritajiet ikunu taw il-kunsens tagħhom.

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

(**) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).";

(38) fl-Artikolu 58(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li meta l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jidentifikaw każijiet ta' ksur li huma soġġetti għal sanzjonijiet kriminali, dawn jinfurmaw lill-awtoritajiet ta' infurzar f'waqtu.";

(39) L-Artikolu 61 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll, fejn applikabbli, il-korpi awtoregolatorji, jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi u affidabbli biex jinkoraġġixxu r-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-korpi awtoregolatorji, ta' ksur potenzjali jew proprju tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva.

Għal dak il-għan, huma għandhom jipprovdu mezz wieħed jew aktar ta' komunikazzjoni sigura għal persuni għar-rappurtar imsemmi fl-ewwel subparagrafu. Tali mezzi għandhom jiżguraw li l-identità tal-persuni li jfornu l-informazzjoni tkun magħrufa biss mill-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll, fejn applikabbli, mill-korpi awtoregolatorji.";

(b) fil-paragrafu 3, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-individwi, inklużi l-impjegati u r-rappreżentanti tal-entità marbuta b'obbligu li jirrapportaw suspetti ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu kemm meta jagħmlu dan internament, kif ukoll meta jagħmlu dan lill-UIF, ikunu protetti legalment milli jiġu esposti għal theddid jew azzjoni ostili, u b'mod partikolari minn azzjonijiet ta' impjieg avversi jew diskriminatorji.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-individwi li jkunu esposti għal theddid, azzjonijiet ostili, jew azzjonijiet ta' impjieg avversi jew diskriminatorji talli jirrapportaw suspetti ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu internament jew lill-UIF ikunu intitolati li jippreżentaw ilment b'mod sigur lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi. Mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miġbura mill-UIF, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li tali individwi jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv li jħares id-drittijiet tagħhom taħt dan il-paragrafu.";

(40) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 64a*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar il-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus u tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (il-"Kumitat") kif imsemmi fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (**).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) Ir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 1).

(**) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).";

(41) L-Artikolu 65 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 65*

1. Sal-11 ta' Jannar 2022, u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u għandha tissottomettih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Dak ir-rapport għandu jinkludi, b'mod partikolari:

(a) kont ta' miżuri speċifiċi adottati u mekkaniżmi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni u tal-Istat Membru biex jipprevjenu u jindirizzaw problemi emerġenti u żviluppi ġodda li jippreżentaw theddida għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni;

(b) azzjonijiet ta' segwitu mwettqa fil-livell tal-Unjoni u tal-Istat Membru fuq il-bażi ta' tħassib li jinġieb għall-attenzjoni tagħhom, inklużi lmenti dwar il-liġijiet nazzjonali li jfixklu s-setgħat superviżorji u investigattivi tal-awtoritajiet kompetenti u ta' korpi awtoregolatorji;

(c) kont tad-disponibbiltà ta' informazzjoni rilevanti għall-awtoritajiet kompetenti u l-UIF tal-Istati Membri, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

(d) kont tal-kooperazzjoni internazzjonali u skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-UIF;

(e) kont ta' azzjonijiet tal-Kummissjoni meħtieġa sabiex jiġi vverifikat li l-Istati Membri jieħdu azzjoni f'konformità ma' din id-Direttiva u sabiex jiġu evalwati problemi emerġenti u żviluppi ġodda fl-Istati Membri;

(f) analiżi tal-fattibbiltà ta' mekkaniżmi u miżuri speċifiċi fil-livell tal-Unjoni u tal-Istat Membru dwar il-possibbiltajiet li tinġabar u tiġi aċċessata l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja ta' entitajiet korporattivi u ġuridiċi oħrajn inkorporati barra mill-Unjoni u l-proporzjonalità tal-miżuri msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 20;

(g) evalwazzjoni ta' kif id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ġew rispettati.

L-ewwel rapport, li se jiġi ppubblikat sal-11 ta' Jannar 2022, għandu jiġi akkumpanjat, jekk neċessarju, minn proposti leġislattivi xierqa, inkluż, fejn xieraq, fir-rigward ta' muniti virtwali, l-għoti tas-setgħat għall-istabbiliment u ż-żamma ta' bażi tad-data ċentrali li tirreġistra l-identitajiet tal-utenti u l-indirizzi tal-kartieri aċċessibbli għall-UIF, kif ukoll forom tal-awtodikjarazzjoni għall-użu ta' utenti tal-muniti virtwali, u biex titjieb il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri u applikazzjoni bbażata fuq ir-riskju tal-miżuri msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 20.

2. Sal-1 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-qafas tal-UIF għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-ostakli u l-opportunitajiet biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UIF fl-Unjoni, inkluża l-possibbiltà li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ.

3. Il-Kummissjoni għandha, jekk xieraq, toħroġ rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jevalwa l-ħtieġa u l-proporzjonalità li jitbaxxa l-perċentwal għall-identifikazzjoni ta' sjieda benefiċjarja ta' entitajiet ġuridiċi fid-dawl ta' kwalunkwe rakkomandazzjoni maħruġa f'dan is-sens minn organizzazzjonijiet internazzjonali u korpi li jistabbilixxu standards b'kompetenzi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu bħala riżultat ta' valutazzjoni ġdida, u tippreżenta proposta leġislattiva, jekk xieraq.";

(42) fl-Artikolu 67, il-paragrafu (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sas-26 ta' Ġunju 2017.

L-Istati Membri għandhom japplikaw l-Artikolu 12(3) mill-10 ta' Lulju 2020.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-reġistri msemmija fl-Artikolu 30 sal-10 ta' Jannar 2020 u r-reġistri msemmija fl-Artikolu 31 sal-10 ta' Marzu 2020 u l-mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati msemmija fl-Artikolu 32a sal-10 ta' Settembru 2020.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-interkonnessjoni tar-reġistri msemmija fl-Artikoli 30 u 31, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, sal-10 ta' Marzu 2021.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw minnufih it-test tal-miżuri msemmija f'dan il-paragrafu lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fil-mument tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.";

(43) fl-Anness II, il-punt (3), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"(3) Fatturi ta' riskju ġeografiċi - reġistrazzjoni, stabbiliment, residenza fi:";

(44) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(g) il-klijent huwa ċittadin ta' pajjiż terz li japplika għad-drittijiet ta' residenza jew għaċ-ċittadinanza fl-Istat Membru inkambju ta' trasferimenti kapitali, xiri ta' proprjetà jew bonds tal-gvern, jew investiment f'entitajiet korporattivi f'dak l-Istat Membru.";

(b) il-punt (2) huwa emendat kif ġej:

(i) Il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) relazzjonijiet ta' negozju jew tranżazzjonijiet mhux wiċċ imb wiċċ, mingħajr ċerti salvagwardji, bħal mezzi tal-identifikazzjoni elettronika jew servizzi fiduċjarji rilevanti kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014, jew kwalunkwe proċess ieħor ta' identifikazzjoni sigura, remota jew elettroniku, irregolat, rikonoxxut, approvat jew aċċettat mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali;";

(ii) jiżdied il-punt li ġej:

"(f) tranżazzjonijiet li jirrigwardaw iż-żejt, l-armi, il-metalli prezzjużi, il-prodotti tat-tabakk, l-artefatti kulturali u oġġetti oħrajn ta' importanza arkeoloġika, storika, kulturali u reliġjuża, jew ta' valur xjentifiku rari, kif ukoll l-avorju u speċi protetti.".

*Artikolu 2*

**Emenda għad-Direttiva 2009/138/KE**

Fl-Artikolu 68(1), punt (b) tad-Direttiva 2009/138/KE jiżdied il-punt li ġej:

"(iv) awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tal-entitajiet marbutin b'obbligu elenkati fil-punti (1) u (2) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għal konformità ma' dik id-Direttiva;

(*) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).".

*Artikolu 3*

**Emenda għad-Direttiva 2013/36/UE**

Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 tad-Direttiva 2013/36/UE, jiżdied il-punt li ġej:

"(g) awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tal-entitajiet marbutin b'obbligu elenkati fil-punti (1) u (2) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għal konformità ma' dik id-Direttiva.

(*) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).".

*Artikolu 4*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-10 ta' Jannar 2020. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fil-mument tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, it-30 ta' Mejju 2018.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
A. TAJANI

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
L. PAVLOVA

# DIRETTIVA (UE) 2018/844 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-30 ta’ Mejju 2018

## li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) L-Unjoni hija impenjata għall-iżvilupp ta’ sistema tal-enerġija sostenibbli, kompetittiva, sigura, u dekarbonizzata. L-Unjoni tal-Enerġija u l-Qafas ta’ Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 jistabbilixxu impenji ambizzjużi għall-Unjoni biex tkompli tnaqqas l-emissjonijiet ta’ gass b’effett ta’ serra (b’mill-anqas 40 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990, biex iżżid il-proporzjon tal-enerġija rinnovabbli kkunsmata, biex tikseb iffrankar enerġetiku f’konformità mal-ambizzjonijiet fil-livell tal-Unjoni, u biex ittejjeb is-sigurtà, il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-enerġija tal-Ewropa.

(2) Biex jintlaħqu dawk l-objettivi, ir-reviżjoni tal-2016 tal-atti tal-Unjoni dwar l-effiċjenza fl-enerġija tgħaqqad flimkien valutazzjoni mill-ġdid tal-mira tal-Unjoni għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija għall-2030 kif mitlub mill-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-2014, rieżami tad-dispożizzjonijiet ċentrali tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), u tisħiħ tal-qafas ta’ sostenn finanzjarju, inkluż il-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej (FSIE) u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), li fl-aħħar mill-aħħar ser itejjeb il-kondizzjonijiet finanzjarji fis-suq ta’ investimenti marbutin mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

(3) Id-Direttiva 2010/31/UE kienet tirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq rieżami sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Jannar 2017, fid-dawl tal-esperjenza miksuba u l-progress li sar waqt l-applikazzjoni ta’ dik id-Direttiva, u, jekk ikun meħtieġ, li tagħmel proposti.

(4) Bi tħejjija għal dak ir-rieżami, il-Kummissjoni wettqet sensiela ta’ passi biex tiġbor evidenza dwar kif id-Direttiva 2010/31/UE ġiet implimentata fl-Istati Membri, b’enfasi fuq dak li jaħdem u dak li jista’ jittejjeb.

(5) L-eżitu tar-rieżami u l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni indikaw li jeħtieġ li jsiru sensiela ta’ emendi biex jissaħħu d-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttiva 2010/31/UE u biex jiġu ssimplifikati ċerti aspetti.

(6) L-Unjoni hija impenjata biex tiżviluppa sistema tal-enerġija, sostenibbli, kompetittiva, sigura u dekarbonizzata sal-2050. Sabiex jintlaħaq dak l-għan, l-Istati Membri u l-investituri jeħtieġu miżuri bil-għan li tintlaħaq il-mira fit-tul tal-emissjonijiet ta’ gass b’effett ta’ serra u d-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini, li huwa responabbli għal approssimattivament 36 % tal-emissjonijiet kollha ta’ $CO_2$ fl-Unjoni, sal-2050. L-Istati Membri jenħtieġ li jippruvaw isibu ekwilibriju kosteffiċjenti bejn id-dekarbonizzazzjoni tal-provvisti tal-enerġija u t-tnaqqis fil-konsum aħħari tal-enerġija. Għal dak il-għan, l-Istati Membri u l-investituri jeħtieġ ikollhom viżjoni ċara li tiggwida l-politiki u

([1]) ĠU C 246, 28.7.2017, p. 48.
([2]) ĠU C 342, 12.10.2017, p. 119.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ April 2018 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2018.
([4]) Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).
([5]) Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

d-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom, li tinkludi stadji importanti nazzjonali indikattivi u azzjonijiet għal effiċjenza fl-użu tal-enerġija biex jintlaħqu l-objettivi fuq terminu qasir (2030), fuq terminu medju (2040) u fit-tul (2050). Fid-dawl ta' dawk l-objettivi u b'konsiderazzjoni għall-ambizzjonijiet ġenerali tal-Unjoni għal effiċjenza fl-użu tal-enerġija, huwa essenzjali li l-Istati Membri jispeċifikaw l-eżitu mistenni tal-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul tagħhom u jissorveljaw l-iżviluppi billi jistabbilixxu indikaturi tal-progress domestiku, soġġetti għal kondizzjonijiet u żviluppi nazzjonali.

(7) Il-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima b'segwitu tal-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 21) jagħti spinta lill-isforzi tal-Unjoni biex tiddekarbonizza l-istokk tal-bini tagħha. B'kont meħud tal-fatt li kważi 50 % tal-konsum tal-enerġija finali tal-Unjoni tintuża għat-tisħin u t-tkessiħ, li minnha 80 % tintuża fil-bini, il-kisba tal-miri tal-Unjoni fir-rigward tal-enerġija u l-klima hija marbuta mal-isforzi tal-Unjoni li tirrinnova l-istokk tal-bini tagħha billi tagħti prijorità lill-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, tagħmel użu mill- prinċipju "l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tiġi l-ewwel", u tikkunsidra wkoll l-użu ta' enerġija rinnovabbli.

(8) Id-dispożizzjonijiet dwar strateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul stipulati fid-Direttiva 2012/27/UE jenħtieġ li jitmexxew għad-Direttiva 2010/31/UE, fejn jidħlu b'mod aktar koerenti. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw l-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul tagħhom biex jindirizzaw riskji relatati mas-sikurezza kontra n-nirien u perikli relatati ma' attività sismika qawwija li jaffettwaw ir-rinnovazzjonijiet għall-finijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u t-tul tal-ħajja tal-bini.

(9) Biex jinkiseb stokk tal-bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat u biex ikun żgurat li l-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul iwasslu għall-progress meħtieġ fit-trasformazzjoni ta' bini eżistenti f'bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero, partikolarment b'żieda fir-rinnovazzjonijiet profondi, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu linji gwida ċari u jfasslu azzjonijiet immirati li jistgħu jitkejlu kif ukoll jippromwovu aċċess ugwali għall-finanzjament, inkluż għas-setturi tal-istokk tal-bini nazzjonali bl-agħar rendiment, għall-konsumaturi f'faqar enerġetiku, għall-akkomodazzjoni soċjali u għall-unitajiet domestiċi soġġetti għal dilemmi ta' inċentivi opposti, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-affordabbiltà. Biex jappoġġaw aktar it-titjib meħtieġ fl-istokk nazzjonali tal-kiri, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw l-introduzzjoni jew li jibqgħu japplikaw ir-rekwiżiti għal ċertu livell ta' rendiment fl-użu tal-enerġija għall-proprjetajiet għall-kiri, skont iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

(10) Skont il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni, biex l-ambizzjonijiet tal-Unjoni għal effiċjenza fl-użu tal-enerġija jintlaħqu b'mod kosteffettiv hija meħtieġa rinnovazzjoni b'rata medja ta' 3 % fis-sena. B'konsiderazzjoni tal-fatt li kull żieda ta' 1 % f'iffrankar tal-enerġija tnaqqas l-importazzjonijiet tal-gass b'2,6 %, huwa ta' importanza kbira li jkun hemm ambizzjonijiet ċari għar-rinnovazzjoni tal-istokk eżistenti tal-bini. Għaldaqstant, sforzi biex jiżdied ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija jkunu jikkontribwixxu b'mod attiv għall-indipendenza tal-Unjoni fl-enerġija u, barra minn hekk, ikollhom potenzjal kbir biex jinħolqu impjiegi fl-Unjoni, b'mod partikolari f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. F'dak il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-ħtieġa għal rabta ċara bejn l-istrateġiji ta' rinnovazzjoni tagħhom fuq terminu twil u inizjattivi pertinenti li jippromwovu l-iżvilupp ta' ħiliet u edukazzjoni fis-setturi tal-kostruzzjoni u tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

(11) Il-ħtieġa li jittaffa l-faqar enerġetiku jenħtieġ li tiġi kkunsidrata, f'konformità ma' kriterji definiti mill-Istati Membri. Filwaqt li jiddeskrivu l-azzjonijiet nazzjonali li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku fl-istrateġiji ta' rinnovazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jkollhom id-dritt jistabbilixxu x'iqisu li huma azzjonijiet rilevanti.

(12) Fl-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul tagħhom u fl-ippjanar ta' azzjonijiet u miżuri, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu minn kunċetti bħal punti ta' attivazzjoni, jiġifieri mumenti opportuni, pereżempju minn perspettiva ta' kosteffettività jew ta' tfixkil, fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' bini biex isiru rinnovazzjonijiet għall-finijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

(13) Il-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tal-2009 jipprevedu li, fir-rigward tal-kwalità tal-arja ta' ġewwa, bini b'rendiment aħjar jipprovdi livelli ogħla ta' kumdità u benesseri għall-okkupanti tiegħu u jtejjeb is-saħħa. Pontijiet termali, iżolament inadegwat u mogħdijiet tal-arja mhux ippjanati jistgħu jirriżultaw f'temperaturi tal-wiċċ taħt il-punt tan-nida tal-arja u f'umdità. Għaldaqstant huwa essenzjali li jkun żgurat iżolament sħiħ u omoġenju tal-bini, inkluż tal-gallariji, tat-twieqi, tas-soqfa, tal-ħitan, tal-bibien u tal-qiegħi tal-art, u jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi evitat li t-temperatura fuq kwalunkwe wiċċ intern tal-bini taqa' taħt it-temperatura tal-punt tan-nida.

(14) L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw titjib fir-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' bini eżistenti li jikkontribwixxi biex jinkiseb ambjent ta' ġewwa tajjeb għas-saħħa, inkluż permezz tat-tneħħija ta' asbestos u sustanzi oħra ta' ħsara, il-prevenzjoni tat-tneħħija illegali ta' sustanzi ta' ħsara, u l-iffaċilitar tal-konformità ma' atti leġislattivi eżistenti bħad-Direttivi 2009/148/KE [1] u (UE) 2016/2284 [2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(15) Huwa importanti li l-miżuri biex jittejjeb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini ma jikkonċentrawx biss fuq l-involukru tal-bini, iżda jkunu jinkludu l-elementi rilevanti kollha u s-sistemi tekniċi kollha ta' bini, bħall-elementi passivi li jieħdu sehem f'tekniki passivi li għandhom l-għan li jnaqqsu l-ħtiġijiet ta' enerġija għat-tisħin jew għat-tkessiħ, l-użu tal-enerġija għad-dawl u għall-ventilazzjoni u għalhekk tittejjeb il-kumdità termali u viżwali.

(16) Mekkaniżmi finanzjarji, inċentivi u l-mobilizzazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji għal rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija f'bini jenħtieġ li jkollhom rwol ċentrali fl-istrateġiji ta' rinnovazzjoni nazzjonali fit-tul u jkunu promossi b'mod attiv mill-Istati Membri. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu t-tħeġġiġ ta' ipoteki effiċjenti fl-użu tal-enerġija għal rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' bini ċċertifikati, il-promozzjoni ta' investimenti għall-awtoritajiet pubbliċi fi stokk ta' bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija, pereżempju minn sħubiji pubbliċi-privati jew kuntratti fakultattivi ta' rendiment fl-użu tal-enerġija, it-tnaqqis tar-riskju perċepit tal-investimenti, il-forniment ta' għodod konsultattivi aċċessibbli u trasparenti u strumenti ta' assistenza bħal punti uniċi ta' servizz li jipprovdu servizzi ta' rinnovazzjoni fl-enerġija integrati, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' miżuri u inizjattivi oħra bħal dawk imsemmija fl-Inizjattiva Finanzjament Intelliġenti għal Binjiet Intelliġenti tal-Kummissjoni.

(17) Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, bħall-veġetazzjoni tat-triq ippjanata sew, soqfa u ħitan ekoloġiċi li jipprovdu iżolament u dell għall-bini, jikkontribwixxu biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija billi jillimitaw il-ħtieġa għal tisħin u għal tkessiħ u jtejbu r-rendimenti tal-bini fl-użu tal-enerġija.

(18) Ir-riċerka f'soluzzjonijiet ġodda, u l-ittestjar tagħhom, biex jittejjeb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' bini u siti storiċi jenħtieġ li jiġu mħeġġa, filwaqt li fl-istess ħin għandu jiġi ssalvagwardat u ppreservat il-wirt kulturali.

(19) Fir-rigward ta' bini ġdid u bini li jkun qed isirlu xogħol ta' rinnovazzjoni maġġuri, l-Istati Membri jenħtieġ li jħeġġu sistemi alternattivi b'effiċjenza għolja, jekk dawn ikunu teknikament, funzjonalment u ekonomikament fattibbli, filwaqt li jindirizzaw ukoll il-kwistjonijiet ta' kondizzjonijiet klimatiċi ta' ġewwa tajbin għas-saħħa, is-sikurezza kontra n-nirien u r-riskji relatati ma' attività sismika, f'konformità mar-regolamenti tas-sikurezza domestiċi.

(20) Biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija għall-bini, it-trasparenza taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li tittejjeb billi jiġi żgurat li l-parametri meħtieġa kollha għall-kalkoli, kemm għaċ-ċertifikazzjoni kif ukoll għar-rekwiżiti minimi ta' rendiment fl-użu tal-enerġija, jiġu stabbiliti u applikati b'mod konsistenti. L-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw miżuri adegwati biex jiżguraw, pereżempju, li r-rendiment ta' sistemi tekniċi użati fil-bini li ġew installati, mibdula, jew imtejba, bħal għat-tisħin tal-ispazju, l-arja kkondizzjonata jew it-tisħin tal-ilma, jiġi ddokumentat fid-dawl taċ-ċertifikazzjoni tal-bini u l-kontroll tal-konformità.

(21) L-installazzjoni ta' apparati awtoregolatorji f'bini eżistenti għar-regolar separat tat-temperatura f'kull kamra jew, fejn ġustifikat, f'żona magħżula tal-unità tal-bini li tkun imsaħħna jenħtieġ li tiġi ikkunsidrata fejn hu ekonomikament fattibbli, pereżempju meta l-ispiża tkun inqas minn 10 % tal-ispejjeż totali tal-ġeneraturi tas-sħana ssostitwiti.

(22) L-innovazzjoni u t-teknoloġija ġdida wkoll jagħmluha possibbli li l-bini jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni ġenerali tal-ekonomija, inkluż is-settur tat-trasport. Pereżempju, il-bini jista' jiġi sfruttat għall-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa għall-iċċarġjar intelliġenti ta' vetturi elettriċi u anke jipprovdi bażi għall-Istati Membri, jekk iridu, li jużaw il-batteriji tal-karozzi bħala sors ta' enerġija.

(23) Flimkien ma' sehem akbar tal-produzzjoni rinnovabbli ta' elettriku, il-vetturi elettriċi jipproduċu inqas emissjonijiet tal-karbonju u dan jirriżulta fi kwalità aħjar tal-arja. Il-vetturi elettriċi jikkostitwixxu komponent importanti tat-transizzjoni lejn enerġija nadifa bbażata fuq miżuri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija, fjuwils alternattivi, enerġija rinnovabbli u soluzzjonijiet innovattivi għall-ġestjoni tal-flessibbiltà enerġetika. Il-kodiċijiet tal-bini jistgħu jintużaw

[1] Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28).

[2] Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

b'mod effettiv biex jiġu introdotti rekwiżiti mmirati li jappoġġaw l-użu tal-infrastruttura tal-iċċarġjar fil-parkeġġi ta' bini residenzjali u dak mhux residenzjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu għal miżuri għas-simplifikazzjoni tal-installazzjoni ta' infrastruttura ta' ċċarġjar bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-ostakli bħal inċentivi maqsuma u kumplikazzjonijiet amministrattivi li jiltaqgħu magħhom sidien individwali meta jkunu qed jippruvaw jinstallaw punt tal-iċċarġjar fl-ispazju tal-parkeġġ tagħhom.

(24) L-infrastruttura tal-kondjuwits tipprovdi l-kondizzjonijiet ġusti għall-użu rapidu ta' punti tal-iċċarġjar jekk u fejn ikunu meħtieġa. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-iżvilupp tal-elettromobbiltà b'mod bilanċjat u kosteffettiv. B'mod partikolari, meta ssir rinnovazzjoni maġġuri li hi relatata mal-infrastruttura elettrika, din jenħtieġ li tiġi segwita bl-installazzjoni ta' infrastruttura tal-kondjuwits. Fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti għal elettromobbiltà fil-leġislazzjoni nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw kif dovut kondizzjonijiet varji potenzjali bħas-sjieda ta' bini u l-parkeġġ li jmiss magħhom, parkeġġi pubbliċi mħaddma minn entitajiet privati u bini li għandhom funzjoni kemm ta' bini residenzjali kif ukoll mhux residenzjali.

(25) Infrastruttura faċilment disponibbli tnaqqas l-ispejjeż tal-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar għal sidien individwali u tiżgura li l-utenti ta' vetturi elettriċi jkollhom aċċess għal punti tal-iċċarġjar. L-istabbiliment ta' rekwiżiti għall-elettromobbiltà fil-livell tal-Unjoni dwar it-tagħmir minn qabel tal-ispazji tal-parkeġġ u l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar huwa mod effettiv biex jiġu promossi l-vetturi elettriċi fil-futur qrib filwaqt li jitħalla lok għal aktar żvilupp bi spejjeż imnaqqsa fuq terminu ta' żmien medju sa twil.

(26) Meta l-Istati Membri jistabbilixxu r-rekwiżiti tagħhom għall-installazzjoni ta' għadd minimu ta' punti tal-iċċarġjar għal bini mhux residenzjali b'aktar minn 20 spazju tal-parkeġġ, li għandhom japplikaw mill-2025, dawn jenħtieġ li jqisu l-kondizzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti, kif ukoll il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi diversifikati possibbli abbażi taż-żona, it-tipoloġija tal-bini, id-disponibbiltà tat-trasport pubbliku u kriterji rilevanti oħra, sabiex ikun żgurat l-użu proporzjonat u adatt tal-punti tal-iċċarġjar.

(27) Madankollu, ċerti żoni ġeografiċi b'vulnerabbiltajiet speċifiċi jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet speċifiċi fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-elettromobbiltà. Dan jista' jkun il-każ għar-reġjuni ultraperiferiċi fit-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), minħabba l-periferiċità, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija u l-klima diffiċli tagħhom, kif ukoll sistemi iżolati mikro, li l-grilja tal-elettriku tagħhom tista' tkun teħtieġ li tevolvi biex tlaħħaq ma' iktar elettrifikazzjoni tat-trasport lokali. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew ma japplikawx ir-rekwiżiti ta' elettromobbiltà. Minkejja dik id-deroga, l-elettrifikazzjoni tat-trasport tista' tkun għodda b'saħħitha biex ikunu indirizzati problemi relatati mal-kwalità tal-arja jew mas-sigurtà tal-provvista li dawk ir-reġjuni u s-sistemi ta' spiss jaffaċċjaw.

(28) Fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti għall-infrastruttura tal-elettromobbiltà previsti fl-emendi għad-Direttiva 2010/31/UE kif stabbilit f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw il-ħtieġa għal ippjanar urban olistiku u koerenti kif ukoll il-promozzjoni ta' modi tat-trasport alternattivi, siguri u sostenibbli u l-infrastruttura ta' appoġġ għalihom, pereżempju permezz ta' infrastruttura dedikata għall-parkeġġ ta' roti elettriċi u għall-vetturi ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

(29) L-aġendi tas-Suq Uniku Diġitali u tal-Unjoni tal-Enerġija jenħtieġ li jkunu allinjati u jenħtieġ li jservu għanijiet komuni. Id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija qed tbiddel b'ħeffa x-xenarju tal-enerġija, mill-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli sa grilji intelliġenti u bini b'potenzjal ta' intelliġenza. Sabiex is-settur tal-bini jkun diġitizzat, il-miri ta' konnettività tal-Unjoni u l-ambizzjonijiet għall-użu ta' netwerks ta' komunikazzjoni b'kapaċità għolja huma importanti għal djar intelliġenti u komunitajiet konnessi tajjeb. Jenħtieġ li jiġu pprovduti inċentivi mmirati biex ikunu promossi sistemi b'potenzjal ta' intelliġenza u soluzzjonijiet diġitali fl-ambjent mibni. Dan joffri opportunitajiet ġodda għal iffrankar fl-enerġija, billi l-konsumaturi jingħataw informazzjoni aktar preċiża dwar ix-xejriet tal-konsum tagħhom, u billi l-operatur tas-sistema jkun jista' jimmaniġġa l-grilja b'mod aktar effettiv.

(30) L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza jenħtieġ li jintuża biex titkejjel il-kapaċità tal-bini li juża t-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni u sistemi elettroniċi biex l-operat tal-bini jkun adattat għall-ħtiġijiet tal-okkupanti u l-grilja u biex jittejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tiegħu u r-rendiment ġenerali tal-bini. L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza jenħtieġ li jqajjem għarfien fost is-sidien u l-okkupanti tal-bini dwar il-valur tal-awtomatizzazzjoni tal-bini u tal-monitoraġġ elettroniku ta' sistemi tekniċi tal-bini u jenħtieġ li jrawwem fiduċja fl-okkupanti fl-iffrankar reali ta' dawk il-funzjonalitajiet imtejba ġodda. L-użu tal-iskema għall-valutazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini jenħtieġ li jkun fakultattiv għall-Istati Membri.

(31) Sabiex id-Direttiva 2010/31/UE tiġi adattata għall-progress tekniku, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE sabiex tissupplimenta dik id-direttiva billi tistabbilixxi d-definizzjoni tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini u ta' metodoloġija li biha għandha tiġi kkalkulata. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat- tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(32) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE, kif emendata b'din id-Direttiva, is-setgħat ta' implimentazzjoni rigward il-modalitajiet għall-implimentazzjoni ta' skema komuni fakultattiva tal-Unjoni għall-valutazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini jenħtieġ li jiġu mogħtija lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(33) Biex ikun żgurat li l-miżuri finanzjarji relatati mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija jkunu applikati bl-aħjar mod fir-rinnovazzjoni tal-bini, dawn jenħtieġ li jkunu marbuta mal-kwalità tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni fid-dawl tal-iffrankar fl-enerġija mmirat jew miksub. Dawk il-miżuri jenħtieġ li għalhekk ikunu marbuta mar-rendiment tat-tagħmir jew il-materjal użat għar-rinnovazzjoni, mal-livell ta' ċertifikazzjoni jew ta' kwalifika tal-installatur, ma' awditjar tal-enerġija, jew mat-titjib miksub bħala riżultat tar-rinnovazzjoni, li jenħtieġ li jkun ivvalutat billi jitqabblu ċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa qabel u wara r-rinnovazzjoni, bl-użu ta' valuri standard jew b'metodu trasparenti u proporzjonat ieħor.

(34) Is-sistemi ta' kontroll indipendenti attwali għall-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jistgħu jintużaw għall-kontroll tal-konformità u jenħtieġ li jissaħħu biex ikun żgurat li ċ-ċertifikati jkunu ta' kwalità tajba. Meta s-sistema ta' kontroll indipendenti għall-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tkun ikkomplementata minn bażi ta' data fakultattiva li tmur lil hinn mir-rekwiżiti tad-Direttiva 2010/31/UE kif emendata b'din id-Direttiva, din tista' tintuża għall-kontroll tal-konformità u għall-produzzjoni ta' statistika dwar l-istokkijiet tal-bini reġjonali jew nazzjonali. Data ta' kwalità għolja dwar l-istokk tal-bini hija meħtieġa u din tista' tiġi ġġenerata parzjalment mill-bażijiet ta' data li kważi l-Istati Membri kollha attwalment qed jiżviluppaw u jimmaniġġaw għall-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

(35) Skont il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni, id-dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjonijiet ta' sistemi tat-tisħin u sistemi tal-arja kkondizzjonata rriżultaw li huma ineffiċjenti minħabba li ma jiżgurawx b'mod suffiċjenti r-rendiment inizjali u kontinwu ta' dawk is-sistemi tekniċi. Anki soluzzjonijiet tekniċi ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija irħas, li l-valur tagħhom ikun irkuprat fi żmien qasir, bħall-ibbilanċjar idrawliku tas-sistema tat-tisħin u l-installazzjoni jew is-sostituzzjoni ta' valvuli ta' kontroll termostatiċi, mhumiex meqjusa biżżejjed illum il-ġurnata. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-ispezzjonijiet jenħtieġ li jiġu emendati biex jiżguraw riżultat aħjar mill-ispezzjonijiet. Dawk l-emendi jenħtieġ li jpoġġu l-enfasi tal-ispezzjonijiet fuq sistemi tat-tisħin ċentralizzat u tal-arja kkondizzjonata, inkluż fejn dawk is-sistemi jintużaw ma' sistemi ta' ventilazzjoni. Dawk l-emendi jenħtieġ li jeskludu s-sistemi tat-tisħin żgħar bħal ħiters tal-elettriku u fuklari mħaddma bl-injam meta dawn ma jilħqux il-limiti massimi għal spezzjoni skont id-Direttiva 2010/31/UE kif emendata minn din id-Direttiva.

(36) Fit-twettiq tal-ispezzjonijiet u biex jinkiseb fil-prattika t-titjib fir-rendiment fl-użu tal-enerġija ppjanat, l-għan jenħtieġ li jkun li jittejjeb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija reali tas-sistemi tat-tisħin, tas-sistemi tal-arja kkondizzjonata u tas-sistemi tal-ventilazzjoni taħt kondizzjonijiet ta' użu fil-ħajja reali. Ir-rendiment reali ta' dawn is-sistemi huwa rregolat mill-enerġija użata taħt kondizzjonijiet operattivi tipiċi jew medji li jvarjaw b'mod dinamiku. Fil-biċċa l-kbira tal-ħin dawn il-kondizzjonijiet jirrikjedu biss parti mill-kapaċità ta' potenza nominali, u għaldaqstant l-ispezzjonijiet tas-sistemi tat-tisħin, tal-arja kkondizzjonata u tal-ventilazzjoni jenħtieġ li jinkludu valutazzjoni tal-kapaċitajiet rilevanti tat-tagħmir biex jittejjeb ir-rendiment tas-sistema taħt kondizzjonijiet li jvarjaw, bħal kondizzjonijiet operattivi b'tagħbija parzjali.

(37) L-awtomatizzazzjoni tal-bini u l-monitoraġġ elettroniku tas-sistemi tekniċi tal-bini urew li huma sostituzzjoni effettiva għall-ispezzjonijiet, b'mod partikolari għal sistemi kbar, u jippreżentaw potenzjal enormi biex ikun hemm iffrankar kosteffettiv u sinifikanti fl-enerġija kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji. L-installazzjoni ta' tagħmir bħal dan jenħtieġ li tiġi kkunsidrata bħala l-aktar alternattiva kosteffettiva għall-ispezzjonijiet f'bini kbir mhux residenzjali u f'bini b'ħafna appartamenti ta' daqs suffiċjenti li jippermetti biex il-valur ta' dan it-tagħmir jiġi

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
([2]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

rkuprat f'inqas minn tliet snin peress li jippermetti li tittieħed azzjoni abbażi tal-informazzjoni provduta, b'hekk maż-żmien ikun żgurat l-iffrankar fl-enerġija. Għal installazzjonijiet fuq skala żgħira, id-dokumentazzjoni tar-rendiment tas-sistema mill-installaturi jenħtieġ li tappoġġa l-verifika ta' konformità mar-rekwiżiti minimi stipulati għas-sistemi tekniċi tal-bini kollha.

(38) Jenħtieg li l-possibbiltà attwali għall-Istati Membri li jagħżlu miżuri bbażati fuq l-għoti ta' parir bħala alternattiva għall-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin, tas-sistemi tal-arja kkondizzjonata, tas-sistemi għat-tisħin u l-ventilazzjoni kkombinati u tas-sistemi għall-arja kkondizzjonata u tal-ventilazzjoni kkombinati tinżamm, dment li l-impatt ġenerali jkun ġie ddokumentat, permezz ta' rapport ippreżentat lill-Kummissjoni, bħala ekwivalenti għall-effett tal-ispezzjoni qabel l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri.

(39) L-implimentazzjoni ta' skemi ta' spezzjonijiet regolari tas-sistemi għat-tisħin u tal-arja kkondizzjonata skont id-Direttiva 2010/31/UE involviet investiment amministrattiv u finanzjarju sinifikattiv mill-Istati Membri u s-settur privat, inkluż għat-taħriġ u l-akkreditazzjoni ta' esperti, l-assigurazzjoni u l-kontroll tal-kwalità, kif ukoll l-ispejjeż tal-ispezzjonijiet. L-Istati Membri li adottaw il-miżuri meħtieġa għall-istabbiliment ta' spezzjonijiet regolari, u li implimentaw skemi ta' spezzjoni effettivi, jistgħu jsibu li jkun xieraq li jkomplu jħaddmu dawk l-iskemi, inkluż għal sistemi iżgħar tat-tisħin u tal-arja kkondizzjonata. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri li jinnotifikaw dawk ir-rekwiżiti aktar stretti lill-Kummissjoni.

(40) Mingħajr preġudizzju għall-għażla tal-Istati Membri li japplikaw is-sett ta' standards relatati mar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, żviluppati taħt il-mandat tal-Kummissjoni M/480 għall-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), ir-rikonoxximent u l-promozzjoni ta' dawk l-istandards fl-Istati Membri kollha jkollhom impatt pożittiv fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE kif emendata b'din id-Direttiva.

(41) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1318 ([1]) dwar binjiet b'użu ta' enerġija qrib iż-żero ddeskriviet kif l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE tista' simultanjament tiżgura t-trasformazzjoni tal-istokk tal-bini u l-moviment lejn provvista ta' enerġija aktar sostenibbli, li tappoġġa wkoll l-istrateġija tat-tisħin u t-tkessiħ. Biex jiġi żgurat li sseħħ implimentazzjoni xierqa, il-qafas ġenerali għall-kalkolu tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li jiġi aġġornat u jenħtieġ li, bl-appoġġ tal-ħidma elaborata mis-CEN, skont il-mandat tal-Kummissjoni M/480, jiġi mheġġeġ ir-rendiment imtejjeb tal-involukru tal-bini. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jissupplimentaw dan ulterjorment billi jipprovdu indikaturi numeriċi addizzjonali, pereżempju għall-użu tal-enerġija globali tal-bini fl-intier tiegħu jew għall-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra.

(42) Jenħtieġ li din id-Direttiva ma żżommx lura lill-Istati Membri milli jistabbilixxu rekwiżiti aktar ambizzjużi għar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-bini u għall-elementi tal-bini, dment li t-tali rekwiżiti jkunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni. Huwa konsistenti mal-objettivi tad-Direttivi 2010/31/UE u 2012/27/UE li dawk ir-rekwiżiti jistgħu, f'ċertu ċirkostanzi, jillimitaw l-installazzjoni jew l-użu ta' prodotti soġġetti għal leġislazzjoni ta' armonizzazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni, dment li t-tali rekwiżiti ma jikkostitwixxux ostaklu mhux ġustifikat għas-suq.

(43) Peress li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-tnaqqis tal-enerġija meħtieġa biex tkun issodisfata d-domanda għall-enerġija assoċjata mal-użu tipiku tal-bini, ma jistgħax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħa minflok, minħabba l-konsistenza garantita ta' objettivi, intendiment u rieda politika kondiviżi, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.

(44) Din id-Direttiva tirrispetta bis-sħiħ l-ispeċifiċitajiet u d-differenzi nazzjonali tal-Istati Membri u l-kompetenzi tagħhom f'konformità mal-Artikolu 194(2) TFUE. Barra minn hekk, lgħan ta' din id-Direttiva huwa li tippermetti l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki sabiex tiġi ffaċilitata t-transizzjoni lejn stokk tal-bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija fl-Unjoni.

(45) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni ([2]), l-Istati Membri intrabtu li jehmżu, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom ma' dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' Direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.

([1]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1318 tad-29 ta' Lulju 2016 dwar il-linji gwida għall-promozzjoni ta' binjiet b'użu ta' enerġija qrib iż-żero u l-aħjar prattiki biex jiġi żgurat li, sal-2020, il-binjiet ġodda kollha jkunu binjiet b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (ĠU L 208, 2.8.2016, p. 46).

([2]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

(46) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttivi 2010/31/UE u 2012/27/UE jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2010/31/UE**

Id-Direttiva 2010/31/UE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. 'sistema teknika użata fil-bini' tfisser tagħmir tekniku għat-tisħin tal-ispazju, għat-tkessiħ tal-ispazju, għall-ventilazzjoni, għall-ilma sħun domestiku, għad-dawl integrat, għall-awtomatizzazzjoni u l-kontroll tal-bini, għall-ġenerazzjoni tal-elettriku fuq il-post, jew għal taħlita tagħhom, inklużi dawk is-sistemi li jużaw enerġija minn sorsi rinnovabbli, ta' bini jew ta' unità ta' bini;";

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(3a) "sistema ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini" tfisser sistema li tinkludi l-prodotti, is-software u s-servizzi ta' inġinerija kollha li jistgħu jappoġġaw it-tħaddim effiċjenti fl-użu tal-enerġija, ekonomiku u mingħajr periklu ta' sistemi tekniċi tal-bini permezz ta' kontrolli awtomatiċi u permezz tal-iffaċilitar tal-ġestjoni manwali ta' dawk is-sistemi tekniċi tal-bini;";

(c) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"15a. 'sistema tat-tisħin' tfisser taħlita tal-komponenti meħtieġa biex tkun ipprovduta forma ta' trattament tal-arja interna, li permezz tagħha tiżdied it-temperatura;

15b. 'ġeneratur tas-sħana' tfisser il-parti ta' sistema tat-tisħin li tiġġenera sħana utli bl-użu ta' wieħed jew aktar mill-proċessi li ġejjin:

(a) il-kombustjoni ta' fjuwils, pereżempju, f'bojler;

(b) l-effett Joule, li jseħħ fl-elementi tat-tisħin ta' sistema tat-tisħin b'reżistenza elettrika;

(c) il-ġbir ta' sħana mill-arja ambjentali, mill-arja tal-egżost tal-ventilazzjoni, jew mill-ilma jew minn sors ta' sħana ta' taħt l-art bl-użu ta' pompa tas-sħana;

15c. 'kuntratt għar-rendiment tal-enerġija' tfisser kuntratt għar-rendiment tal-enerġija kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(*) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).";

(d) jiddaħħal il-punt li ġej:

"20. 'sistema iżolata mikro' tfisser sistema iżolata mikro kif definit fil-punt 27 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).".

(2) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 2a*

**Strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul:**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul b'appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u bini mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat, fi stokk ta' bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat sal-2050, biex hekk tkun iffaċilitata t-trasformazzjoni kosteffettiva tal-bini eżistenti f'bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero. Kull strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul għandha tiġi ppreżentata f'konformità mal-obbligi ta' ppjanar u rappurtar applikabbli u għandha tinkludi:

(a) ħarsa ġenerali tal-istokk tal-bini nazzjonali, abbażi, skont il-każ, ta' teħid ta' kampjuni statistiċi u s-sehem mistenni ta' bini rinnovat fl-2020;

(b) l-identifikazzjoni ta' approċċi kosteffettivi għar-rinnovazzjonijiet rilevanti għat-tip tal-bini u ż-żona klimatika, b'konsiderazzjoni tal-punti ta' attivazzjoni rilevanti potenzjali, fejn applikabbli, fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini;

(c) politiki u azzjonijiet biex ikunu stimulati rinnovazzjonijiet profondi kosteffettivi tal-bini, inkluża rinnovazzjoni profonda fi stadji, u biex ikunu appoġġati miżuri u rinnovazzjonijiet immirati kosteffettivi, pereżempju billi tiġi introdotta skema fakultattiva għall-passaporti ta' rinnovazzjoni tal-bini;

(d) ħarsa ġenerali tal-politiki u l-azzjonijiet li jimmiraw is-setturi tal-istokk tal-bini nazzjonali bl-agħar rendiment, dilemmi ta' inċentivi opposti u fallimenti tas-suq, u deskrizzjoni tal-azzjonijiet nazzjonali rilevanti li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku;

(e) politiki u azzjonijiet li jolqtu l-bini pubbliku kollu;

(f) ħarsa ġenerali tal-inizjattivi nazzjonali għall-promozzjoni ta' teknoloġiji intelliġenti u bini u komunitajiet konnessi sew, kif ukoll kompetenzi u edukazzjoni fis-setturi tal-kostruzzjoni u tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; u

(g) stima bbażata fuq l-evidenza tal-iffrankar tal-enerġija u l-benefiċċji usa' mistennija, bħal dawk relatati mas-saħħa, is-sikurezza u l-kwalità tal-arja.

2. Fl-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul tiegħu, kul Stat Membru għandu jistabbilixxi pjan direzzjonali b'miżuri u indikaturi tal-progress li jistgħu jitkejlu stabbiliti domestikament, bil-ħsieb tal-għan fit-tul għall-2050 li l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fl-Unjoni jitnaqqsu bi 80-95 % meta mqabbel mal-1990, sabiex ikun żgurat stokk tal-bini nazzjonali effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat u sabiex tkun iffaċilitata t-trasformazzjoni kosteffettiva tal-bini eżistenti f'bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero. Il-pjan direzzjonali għandu jinkludi stadji importanti indikattivi għall-2030, l-2040 u l-2050, u jispeċifika kif dawn ser jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2012/27/UE.

3. Biex jappoġġaw il-mobilizzazzjoni ta' investimenti fir-rinnovazzjoni meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għal mekkaniżmi adatti għal:

(a) l-aggregazzjoni ta' proġetti, inkluż permezz ta' pjattaformi jew gruppi ta' investiment, u ta' konsorzji ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex l-investituri jkollhom aċċess kif ukoll pakketti ta' soluzzjonijiet għal klijenti potenzjali;

(b) it-tnaqqis tar-riskju perċepit ta' operazzjonijiet ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija għall-investituri u għas-settur privat;

(c) l-użu ta' finanzjament pubbliku biex jinkiseb investiment addizzjonali mis-settur privat jew ikunu indirizzati fallimenti speċifiċi tas-suq;

(d) l-iggwidar tal-investimenti fi stokk tal-bini pubbliku effiċjenti fl-użu tal-enerġija, f'konformità mal-gwida tal-Eurostat; u

(e) għodod konsultattivi aċċessibbli u trasparenti, bħal punti uniċi ta' servizz għall-konsumaturi u servizzi konsultattivi dwar l-enerġija, dwar rinnovazzjonijiet fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija rilevanti u strumenti ta' finanzjament.

4. Il-Kummissjoni għandha tiġbor u tqassam, tal-inqas lill-awtoritajiet pubbliċi, l-aħjar prattiki dwar skemi ta' finanzjament pubbliċi u privati ta' suċċess għal rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija kif ukoll informazzjoni dwar skemi għall-aggregazzjoni ta' proġetti fuq skala żgħira ta' rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-Kummissjoni għandha tidentifika u xxerred l-aħjar prattiki dwar inċentivi finanzjarji għal rinnovazzjoni mill-perspettiva tal-konsumatur b'kont meħud ta' differenzi fil-kosteffiċjenza bejn l-Istati Membri.

5. Biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul tiegħu, kull Stat Membru għandu jwettaq konsultazzjoni pubblika dwar l-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul tiegħu qabel ma jippreżenta l-istrateġija lill-Kummissjoni. Kull Stat Membru għandu jannessa sommarju tar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika tiegħu għall-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul tiegħu.

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-modalitajiet għall-konsultazzjoni b'mod inklużiv tul l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul tiegħu.

6. Kull Stat Membru għandu jannessa d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul l-aktar riċenti tiegħu għall-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul tiegħu, inkluż dwar il-politiki u l-azzjonijiet ippjanati.

7. Kull Stat Membru jista' juża l-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul tiegħu biex jindirizzaw is-sikurezza kontra n-nirien u r-riskji relatati ma' attività sismika qawwija li jaffettwaw r-rinnovazzjonijiet fl-effiċjenza tal-enerġija u t-tul tal-ħajja tal-bini.".

(3) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

**Bini ġdid**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-bini ġdid jissodisfa r-rekwiżiti minimi ta' rendiment fl-użu tal-enerġija stipulati f'konformità mal-Artikolu 4.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, qabel ma jibda l-bini ta' bini ġdid, titqies il-fattibbiltà teknika, ambjentali u ekonomika ta' sistemi alternattivi b'effiċjenza għolja, jekk din tkun disponibbli.".

(4) Fl-Artikolu 7, il-ħames paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom iħeġġu, fir-rigward ta' bini li jkun qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri, sistemi alternattivi b'effiċjenza għolja, sa fejn dan ikun teknikament, funzjonalment u ekonomikament fattibbli, u għandhom jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' kondizzjonijiet klimatiċi ta' ġewwa tajbin għas-saħħa, is-sikurezza kontra n-nirien u riskji relatati ma' attività sismika qawwija.".

(5) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

**Sistemi tekniċi użati fil-bini, elettromobbiltà u indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza**

1. L-Istati Membri għandhom, bl-għan li jtejbu bl-aħjar mod l-użu tal-enerġija tas-sistemi tekniċi użati fil-bini, jiffissaw rekwiżiti tas-sistema fir-rigward tar-rendiment ġenerali fl-użu tal-enerġija, l-installazzjoni korretta, u d-dimensjonament, l-aġġustament u l-kontroll adattat tas-sistemi tekniċi tal-bini li huma installati fil-bini eżistenti. L-Istati Membri jistgħu ukoll japplikaw dawn ir-rekwiżiti tas-sistema għal bini ġdid.

Ir-rekwiżiti tas-sistema għandhom jiġu ffissati għal sistemi tekniċi użati fil-bini li jsiru mill-ġdid, jiġu sostitwiti u mtejba u għandhom jiġu applikati safejn ikunu teknikament, ekonomikament u funzjonalment vijabbli.

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li bini ġdid, fejn teknikament u ekonomikament fattibbli, għandu jkun mgħammar b'apparati awtoregolatorji li jirregolaw separatament it-temperatura f'kull kamra jew, fejn iġġustifikat, f'żona partikolari tal-unità tal-bini li tkun imsaħħna. F'bini eżistenti, l-installazzjoni ta' tali apparati awtoregolatorji għandha tkun meħtieġa meta jiġu sostitwiti ġeneraturi tas-sħana, fejn dan ikun teknikament u ekonomikament fattibbli.

2. Fir-rigward ta' bini mhux residenzjali ġdid u bini mhux residenzjali li tkun qed issirlu rinnovazzjoni estensiva, b'aktar minn għaxar spazji tal-parkeġġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-installazzjoni ta' mill-inqas punt tal-iċċarġjar wieħed skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u infrastruttura ta' kanali, jiġifieri, kondjuwits għall-kejbils tal-elettriku, għal mill-inqas wieħed minn kull ħames spazji tal-parkeġġ, biex hekk tkun possibbli l-installazzjoni fi stadju aktar tard ta' punti tal-iċċarġjar għal vetturi elettriċi fejn:

(a) il-parkeġġ jinsab ġewwa l-bini, u, għal rinnovazzjonijiet maġġuri, il-miżuri ta' rinnovazzjoni jinkludu l-parkeġġ jew l-infrastruttura elettrika tal-bini; jew

(b) il-parkeġġ jinsab fiżikament maġenb il-bini, u, għal rinnovazzjonijiet maġġuri, il-miżuri ta' rinnovazzjoni jinkludu l-parkeġġ jew l-infrastruttura elettrika tal-parkeġġ.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-1 ta' Jannar 2023 dwar il-kontribut potenzjali ta' politika tal-Unjoni tal-bini fil-promozzjoni tal-elettromobbiltà u għandha, jekk opportun, tipproponi miżuri f'dak ir-rigward.

3. L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-rekwiżiti għall-installazzjoni ta' għadd minimu ta' punti tal-iċċarġjar għall-bini mhux residenzjali kollu b'aktar minn għoxrin spazju tal-parkeġġ, sal-1 ta' Jannar 2025.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jistipulawx jew ma japplikawx ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għal bini li jkun proprjetà ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew okkupat minnhom kif iddefinit fit-Titolu I tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE (**).

5. Fir-rigward ta' bini residenzjali ġdid u bini residenzjali li jkun qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri, b'aktar minn għaxar spazji tal-parkeġġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-installazzjoni tal-infrastruttura ta' kanali, jiġifieri l-kondjuwits għall-kejbils tal-elettriku, għal kull spazju tal-parkeġġ sabiex fi stadju aktar tard tkun tista' ssir l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar għal vetturi elettriċi fejn:

(a) il-parkeġġ jinsab ġewwa l-bini, u, għal rinnovazzjonijiet maġġuri, il-miżuri ta' rinnovazzjoni jinkludu l-parkeġġ jew l-infrastruttura elettrika tal-bini; jew

(b) il-parkeġġ jinsab fiżikament maġenb il-bini, u, għal rinnovazzjonijiet maġġuri, il-miżuri ta' rinnovazzjoni jinkludu l-parkeġġ jew l-infrastruttura elettrika tal-parkeġġ.

6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafi 2, 3 u 5 għal kategoriji speċifiċi ta' bini fejn:

(a) fir-rigward tal-paragrafi 2 u 5, l-applikazzjonijiet għal permessi ta' bini jew l-applikazzjonijiet ekwivalenti ġew ippreżentati sal-10 ta' Marzu 2021;

(b) l-infrastruttura ta' kanali meħtieġa tkun ser titqabbad ma' sistemi mikro iżolati jew il-bini jkun jinsab fir-reġjuni ultraperifiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 349 TFUE jekk dan ikun iwassal għal problemi sostanzjali għat-tħaddim tas-sistema tal-enerġija lokali u jkun iqiegħed f'periklu l-istabbiltà tal-grilja lokali;

(c) l-ispiża tal-iċċarġjar u tal-installazzjonijiet ta' kanali taqbeż 7 % tal-ispiża totali tar-rinnovazzjoni maġġuri tal-bini;

(d) bini pubbliku huwa diġà kopert b'rekwiżiti komparabbli f'konformità mat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/94/UE.

7. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri għas-simplifikazzjoni tal-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar f'bini residenzjali u mhux residenzjali, ġdid jew diġà eżistenti, u jindirizzaw ostakli regolatorji possibbli, inkluż fir-rigward tal-proċeduri tal-għoti ta' permessi u approvazzjoni, mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Istati Membri dwar il-proprjetà u l-kera.

8. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa għal politiki koerenti għall-bini, il-mobbiltà ratba u ekoloġika u l-ippjanar urban.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tkun installata, sostitwita jew imtejba sistema teknika tal-bini, għandu jkun ivvalutat ir-rendiment fl-użu tal-enerġija ġenerali tal-parti mibdula, u fejn rilevanti, tas-sistema mibdula kollha. Ir-riżultati għandhom jiġu ddokumentati u mgħoddija lis-sid tal-bini, sabiex jibqgħu disponibbli u jkunu jistgħu jintużaw għall-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti minimi stipulati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ħruġ ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk jirrikjedux il-ħruġ ta' ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ġdid.

10. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2019, tadotta att iddelegat f'konformità mal-Artikolu 23, li jissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi skema komuni fakultattiva tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tal-istat ta' tħejjija tal-bini għat-teknoloġiji intelliġenti. Il-klassifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-kapaċitajiet ta' bini jew ta' unità ta' bini li jadattaw l-operat tagħhom għall-ħtiġijiet tal-okkupant u tal-grilja u li jtejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u r-rendiment ġenerali tagħhom.

F'konformità mal-Anness Ia, l-iskema komuni fakultattiva tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tal-istat ta' tħejjija tal-bini għat-teknoloġiji intelliġenti għandha:

(a) tistabbilixxi d-definizzjoni tal-indikatur tal-istat ta' tħejjija tal-bini għat-teknoloġiji intelliġenti; u

(b) tistabbilixxi metodoloġija li biha għandu jiġi kkalkulat.

11. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2019, u wara li tkun ikkonsultat il-partijiet ikkonċernati rilevanti, tadotta att ta' implimentazzjoni li jagħti fid-dettall il-modalitajiet tekniċi għall-implimentazzjoni effettiva tal-iskema msemmija fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu, inkluża skeda ta' żmien li ma torbotx għal fażi ta' ttestjar fil-livell nazzjonali, u li jiċċara r-relazzjoni komplementari tal-iskema maċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 11.

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(3).

---

(*) Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

(**) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).".

(6) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-Istati Membri għandhom jorbtu l-miżuri finanzjarji tagħhom għal titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fir-rinnovazzjoni ta' bini mal-iffrankar fl-enerġija mmirat jew miksub, kif determinat bi kriterju wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

(a) ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tat-tagħmir jew tal-materjal użat għar-rinnovazzjoni, f'liema każ, it-tagħmir jew il-materjal użat għar-rinnovazzjoni għandu jiġi installat minn installatur bil-livell rilevanti ta' ċertifikazzjoni jew kwalifika;

(b) valuri standard għall-kalkolu ta' ffrankar fl-enerġija fil-bini;

(c) it-titjib miksub minħabba din ir-rinnovazzjoni billi jqabblu ċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa qabel u wara r-rinnovazzjoni;

(d) ir-riżultati ta' verifika tal-enerġija;

(e) ir-riżultati ta' metodu ieħor rilevanti, trasparenti u proporzjonat li jindika t-titjib fir-rendiment fl-użu tal-enerġija.

6a. Bażijiet tad-data għall-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandhom jippermettu l-ġbir ta' data dwar il-konsum tal-enerġija mkejjel jew ikkalkolat tal-bini kopert, inkluż mill-inqas bini pubbliku li għalih inħareġ ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, kif imsemmi fl-Artikolu 13, skont l-Artikolu 12.

6b. Tal-inqas data anonimizzata aggregata konformi mar-rekwiżiti ta' protezzjoni tad-data tal-Unjoni u dawk nazzjonali għandha tkun disponibbli meta mitluba għal finijiet ta' statistika u ta' riċerka u għas-sid tal-bini.".

(7) L-Artikoli 14 u 15 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

**Spezzjoni ta' sistemi tat-tisħin**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex jiġu stabbiliti spezzjonijiet regolari tal-partijiet aċċessibbli tas-sistemi tat-tisħin jew ta' sistemi tat-tisħin tal-ispazju kkombinat mal-ventilazzjoni, b'output nominali effettiv ta' aktar minn 70 kW, bħall-ġeneratur tas-sħana, is-sistema ta' kontroll u l-pompa/i ta' ċirkolazzjoni użati għat-tisħin tal-bini. L-ispezzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-effiċjenza u tad-dimensjonament tal-ġeneratur tas-sħana meta mqabbel mar-rekwiżiti tat-tisħin tal-bini u, fejn rilevanti, tikkunsidra, l-kapaċitajiet tas-sistema tat-tisħin jew tas-sistema tat-tisħin tal-ispazju u l-ventilazzjoni kkombinati biex ikun ottimizzat ir-rendiment tagħha taħt kondizzjonijiet operattivi tipiċi jew medji.

Fejn ma jkun sar l-ebda tibdil fis-sistema tat-tisħin jew għas-sistema tat-tisħin tal-ispazju u l-ventilazzjoni kkombinati fir-rigward tar-rekwiżiti tat-tisħin tal-bini wara li tkun saret spezzjoni f'konformità ma' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jirrikjedux li l-valutazzjoni tad-dimensjonament tal-ġeneratur tas-sħana tiġi ripetuta.

2. Is-sistemi tekniċi tal-bini li huma espliċitament koperti minn kriterju miftiehem dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija jew arranġament kuntrattwali li jispeċifika livell miftiehem ta' titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, bħall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jew li huma mħaddma minn operatur ta' utilità jew ta' netwerk u għalhekk huma soġġetti għal miżuri ta' monitoraġġ tar-rendiment min-naħa tas-sistema, għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1, dment li l-impatt ġenerali ta' approċċ tali jkun ekwivalenti għal dak li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

3. Bħala alternattiva għall-paragrafu 1 u dment li l-impatt ġenerali huwa ekwivalenti għal dak li jirriżulta mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jieħdu miżuri biex jiżguraw l-għoti ta' pariri lill-utenti dwar is-sostituzzjoni ta' ġeneraturi tas-sħana, modifiki oħra għas-sistema tat-tisħin jew għas-sistema tat-tisħin tal-ispazju u l-ventilazzjoni kkombinati u soluzzjonijiet alternattivi għall-valutazzjoni tal-effiċjenza u d-daqs adatt ta' dawk is-sistemi.

Qabel mal-Istati Membri japplikaw il-miżuri alternattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, kull Stat Membru għandu, billi jippreżenta rapport lill-Kummissjoni, jiddokumenta l-ekwivalenza tal-impatt ta' dawk il-miżuri għall-impatt tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1.

Tali rapport għandu jiġi ppreżentat skont l-obbligi ta' ppjanar u rappurtar applikabbli.

4. L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-rekwiżiti biex jiżguraw li, fejn dan ikun teknikament u ekonomikament fattibbli, bini mhux residenzjali b'sistemi tat-tisħin jew b'sistemi tat-tisħin tal-ispazju u l-ventilazzjoni kkombinati, b'output nominali effettiv ta' aktar minn 290 kW ikun mgħammar b'sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini sal-2025.

Is-sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini għandhom ikun kapaċi:

(a) b'mod kontinwu jimmonitorjaw, jirreġistraw, janalizzaw u jħallu lok għal aġġustamenti fl-użu tal-enerġija;

(b) iqabblu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-bini, jidentifikaw telf fl-effiċjenza ta' sistemi tekniċi użati fil-bini, u jinformaw lill-persuna responsabbli mill-faċilitajiet jew mill-ġestjoni teknika tal-bini dwar opportunitajiet għal titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; u

(c) jippermettu l-komunikazzjoni mas-sistemi tekniċi użati fil-bini u apparati oħra konnessi ġewwa l-bini, u jkunu interoperabbli mas-sistemi tekniċi użati fil-bini bejn tipi differenti ta' teknoloġiji bi privattiva, apparati u manifatturi.

5. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw rekwiżiti biex jiżguraw li l-bini residenzjali jkun mgħammar:

(a) bil-funzjonalità ta' monitoraġġ elettroniku kontinwu li jkejjel l-effiċjenza tas-sistemi u jinforma lis-sidien jew lill-maniġers tal-bini meta din tkun naqset b'mod sinifikattiv u meta jkun meħtieġ servizz ta' manutenzjoni tas-sistema; u

(b) b'funzjonalitajiet ta' kontroll effettivi biex jiżguraw il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, il-ħażna u l-użu ottimali tal-enerġija.

6. Bini li jikkonforma mal-paragrafu 4 jew 5 għandu jiġi eżentat mir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1.

*Artikolu 15*

**Spezzjoni tas-sistemi tal-arja kkondizzjonata**

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw il-miżuri meħtieġa għall-istabbiliment ta' spezzjonijiet regolari tal-partijiet aċċessibbli tas-sistemi tal-arja kkondizzjonata jew ta' sistemi tal-arja kkondizzjonata u tal-ventilazzjoni kkombinati, b'output nominali effettiv ta' 'l fuq minn 70 kW. L-ispezzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-effiċjenza u tad-dimensjonament tas-sistema tal-arja kkondizzjonata meta mqabbla mar-rekwiżiti tat-tkessiħ tal-bini u fejn ikun rilevanti, tikkunsidra l-kapaċitajiet tas-sistema tal-arja kkondizzjonata jew tas-sistema ta' arja kkondizzjonata u tal-ventilazzjoni kkombinati biex ikun ottimizzat ir-rendiment tagħha taħt kondizzjonijiet operattivi tipiċi jew medji.

Fejn ma jkun sar l-ebda tibdil fis-sistema tal-arja kkondizzjonata jew fis-sistema tal-arja kkondizzjonata u tal-ventilazzjoni kkombinati jew fir-rigward tar-rekwiżiti tat-tkessiħ tal-bini wara li tkun saret spezzjoni f'konformità ma' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jirrikjedux li l-valutazzjoni tad-dimensjonament tas-sistema ta' arja kkondizzjonata tiġi ripetuta.

L-Istati Membri li jżommu rekwiżiti aktar stretti skont l-Artikolu 1(3) għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jinnotifikawhom lill-Kummissjoni.

2. Is-sistemi tekniċi tal-bini li huma espliċitament koperti minn kriterju miftiehem dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija jew arranġament kuntrattwali li jispeċifika livell miftiehem ta' titjib ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija, bħall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, jew li huma mħaddma minn operatur ta' utilità jew ta' netwerk u li għalhekk huma soġġetti għal miżuri ta' monitoraġġ tar-rendiment min-naħa tas-sistema, għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1, dment li l-impatt ġenerali ta' approċċ tali jkun ekwivalenti għal dak li jirriżulta mill-paragrafu 1.

3. Bħala alternattiva għall-paragrafu 1 u dment li l-impatt ġenerali huwa ekwivalenti għal dak li jirriżulta mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jieħdu miżuri biex jiżguraw l-għoti ta' pariri lill-utenti dwar is-sostituzzjoni ta' sistemi tal-arja kkondizzjonata jew ta' sistemi tal-arja kkondizzjonata u tal-ventilazzjoni kkombinati, modifiki oħra għas-sistema tal-arja kkondizzjonata jew ta' sistemi tal-arja kkondizzjonata u tal-ventilazzjoni kkombinati u soluzzjonijiet alternattivi biex jiġu vvalutati l-effiċjenza u d-daqs adatt ta' dawk is-sistemi.

Qabel ma japplika l-miżuri alternattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, kull Stat Membru għandu, billi jippreżenta rapport lill-Kummissjoni, jiddokumenta l-ekwivalenza tal-impatt ta' dawk il-miżuri għall-impatt tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1.

Tali rapport għandu jiġi ppreżentat skont l-obbligi ta' ppjanar u rappurtar applikabbli.

4. L-Istati Membri għandhom jistipulaw rekwiżiti biex jiżguraw li, fejn dan ikun teknikament u ekonomikament fattibbli, bini mhux residenzjali b'sistemi tal-arja kkondizzjonata jew b'sistemi tal-arja kkondizzjonata u l-ventilazzjoni kkombinati b'output nominali effettiv ta' aktar minn 290 kW ikun mgħammar b'sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini sal-2025.

Is-sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini għandhom ikun kapaċi:

(a) b'mod kontinwu jimmonitorjaw, jirreġistraw, janalizzaw u jħallu lok għal aġġustamenti fl-użu tal-enerġija;

(b) iqabblu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-bini, jidentifikaw telf fl-effiċjenza ta' sistemi tekniċi użati fil-bini, u jinformaw lill-persuna responsabbli mill-faċilitajiet jew mill-ġestjoni teknika tal-bini dwar opportunitajiet għal titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; u

(c) jippermettu l-komunikazzjoni mas-sistemi tekniċi użati fil-bini u apparati oħra konnessi ġewwa l-bini, u jkunu interoperabbli mas-sistemi tekniċi użati fil-bini bejn tipi differenti ta' teknoloġiji bi privattiva, apparati u manifatturi.

5. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw rekwiżiti biex jiżguraw li l-bini residenzjali jkun mgħammar:

(a) bil-funzjonalità ta' monitoraġġ elettroniku kontinwu li jkejjel l-effiċjenza tas-sistemi u jinforma lis-sidien jew lill-maniġers tal-bini meta din tkun naqset b'mod sinifikattiv u meta jkun meħtieġ servizz ta' manutenzjoni tas-sistema, u

(b) b'funzjonalitajiet ta' kontroll effettivi biex jiżguraw il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, il-ħażna u l-użu ottimali tal-enerġija.

6. Binjiet li jikkonformaw mal-paragrafi 4 jew 5 għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1.".

(8) l-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:„:

"*Artikolu 19*

**Rieżami**

Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 26, għandha teżamina din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2026 fid-dawl tal-esperjenza miksuba u l-progress magħmul matul l-applikazzjoni tagħha, u, jekk ikun neċessarju, tagħmel proposti.

Bħala parti minn dak ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha teżamina b'liema mod l-Istati Membri jistgħu japplikaw approċċi integrati ta' distrettwalità jew ta' viċinaza fil-politika tal-Unjoni dwar il-bini u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, filwaqt li jiżguraw li kull bini jissodisfa r-rekwiżiti minimi ta' rendiment fl-użu tal-enerġija, pereżempju permezz ta' skemi ta' rinnovazzjoni ġenerali li japplikaw għal numru ta' bini f'kuntest ta' żona minflok għal bini uniku.

Il-Kummissjoni, b'mod partikolari, għandha tivvaluta l-ħtieġa għal titjib ulterjuri taċ-ċertifikati ta' rendiment fl-użu tal-enerġija skont l-Artikolu 11.".

(9) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 19a*

**Studju ta' fattibbiltà**

Il-Kummissjoni, qabel l-2020, għandha tikkonkludi studju ta' fattibbiltà, li jiċċara l-possibbiltajiet u l-iskeda ta' żmien biex tkun introdotta l-ispezzjoni ta' sistemi tal-ventilazzjoni awtonomi u passaport ta' rinnovazzjoni tal-bini fakultattiv li jkun komplementari għaċ-ċertifikati ta' rendiment fl-użu tal-enerġija, sabiex ikun ipprovdut pjan direzzjonali għar-rinnovazzjoni pass pass u fit-tul għal bini speċifiku abbażi ta' kriterji ta' kwalità, wara verifika tal-enerġija, u li jiddeskrivi l-miżuri rilevanti u r-rinnovazzjonijiet li jistgħu jtejbu r-rendiment fl-użu tal-enerġija.".

(10) Fl-Artikolu 20(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jipprovdu lis-sidien jew lill-okkupanti ta' bini b'informazzjoni dwar iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, inkluż l-għan u l-objettivi tagħhom, dwar miżuri kosteffettivi u, fejn ikun il-każ, dwar strumenti finanzjarji, biex jittejjeb ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u dwar is-sostituzzjoni ta' bojlers tal-fjuwils fossili b'alternattivi aktar sostenibbli. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni permezz ta' għodod konsultattivi aċċessibbli u trasparenti bħal pariri dwar ir-rinnovazzjoni u punti uniċi ta' servizz".

(11) L-Artikolu 23 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 23*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall- kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 5, 8 u 22 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mid-9 ta' Lulju 2018. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 5, 8 u 22 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5, 8 jew 22 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.".

(12) L-Artikoli 24 u 25 jitħassru.

(13) L-Artikolu 26 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 26*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.".

(14) L-Annessi huma emendati skont l-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Emendi għad-Direttiva 2012/27/UE**

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2012/27/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

**Rinnovazzjoni tal-bini**

L-ewwel verżjoni tal-istrateġija fit-tul tal-Istati Membri għall-mobilizzazzjoni tal-investiment fir-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u kummerċjali, kemm pubbliku kemm privat għandha tiġi ppubblikata sat-30 ta' April 2014 u aġġornata kull tliet snin wara dik id-data u ppreżentata lill-Kummissjoni bħala parti mill-Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija.".

*Artikolu 3*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-10 ta' Marzu 2020. Dawn għandhom jibagħtu minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Dawn għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni għal dan il-għan li r-referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti li jittrasponu d-Direttiva 2010/31/UE jew id-Direttiva 2012/27/UE għandhom jiġu mifhiema bħala referenzi għal dawk id-Direttivi kif emendati b'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif tali referenza għandha ssir u kif dik id-dikjarazzjoni għandha tkun ifformulata.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, it-30 ta' Mejju 2018.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| A. TAJANI | L. PAVLOVA |

*ANNESS*

L-annessi tad-Direttiva 2010/31/UE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Ir-rendiment ta' bini fl-użu tal-enerġija għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-użu kkalkulat jew attwali tal-enerġija u jirrifletti l-użu tipiku ta' enerġija għat-tisħin tal-ispazju, għat-tkessiħ tal-ispazju, għall-ilma sħun domestiku, għall-ventilazzjoni, għad-dawl integrat u għal sistemi tekniċi oħra tal-bini.

Ir-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' bini għandu jkun espress b'indikatur numeriku tal-użu tal-enerġija primarja f'kWh/($m^2$.y) għall-fini kemm taċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija kif ukoll tal-konformità mar-rekwiżiti minimi ta' rendiment fl-użu tal-enerġija. Il-metodoloġija applikata għad-determinazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' bini għandha tkun trasparenti u miftuħa għall-innovazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu l-metodoloġija tal-kalkolu nazzjonali tagħhom skont l-annessi nazzjonali tal-istandards ġenerali, jiġifieri ISO 52000-1, 52003-1, 52010-1, 52016-1, u 52018-1 żviluppati taħt il-mandat M/480 mogħti lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tikkostitwixxi kodifika legali ta' dawk l-istandards.";

(b) il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-ħtiġijiet tal-enerġija għat-tisħin tal-ispazju, għat-tkessiħ tal-ispazju, għall-ilma sħun domestiku, għall-ventilazzjoni, għad-dawl integrat u għal sistemi tekniċi oħra tal-bini għandhom jiġu kkalkulati sabiex ikunu ottimizzati l-livelli tas-saħħa, tal-kwalità tal-arja interna u tal-kumdità definiti mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali jew dak reġjonali.

Il-kalkolu tal-enerġija primarja għandu jkun ibbażat fuq fatturi tal-enerġija primarja jew fuq fatturi ta' ponderazzjoni għal kull portatur tal-enerġija, li jistgħu jkunu bbażati fuq medji ponderati nazzjonali,, reġjonali jew lokali annwali, u possibbilment anki staġonali jew ta' kull xahar, jew fuq informazzjoni aktar speċifika li titqiegħed għad-dispożizzjoni għal sistema distrettwali individwali.

Il-fatturi tal-enerġija primarja jew il-fatturi ta' ponderazzjoni għandhom jiġu definiti mill-Istati Membri. Fl-applikazzjoni ta' dawk il-fatturi għall-kalkolu tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jipprova jintlaħaq ir-rendiment ottimali fl-użu tal-enerġija tal-involukru tal-bini.

Fil-kalkoli tal-fatturi tal-enerġija primarja għall-fini tal-kalkolu tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, l-Istati Membri jistgħu jqisu sorsi ta' enerġija rinnovabbli fornuti permezz tal-portatur tal-enerġija u sorsi ta' enerġija rinnovabbli li huma ġġenerati u użati fuq il-post, dment li japplika fuq bażi mhux diskriminatorja.";

(c) jiddaħħal il-punt li ġej:

"2a. Bil-għan li jiġi espress r-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' bini, l-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu indikaturi numeriċi addizzjonali tal-użu ta' enerġija primarja totali, mhux rinnovabbli u rinnovabbli, u emissjoni ta' gass serra prodotti fi $kgCO_2eq/(m^2.y)$.";

(d) fil-punt 4, il-kliem introduttorju jinbidel b'dan li ġej:

"4. Għandha titqies l-influwenza pożittiva tal-aspetti li ġejjin:";

(2) Jiddaħħal l-Anness li ġej:

"*ANNESS IA*

**QAFAS ĠENERALI KOMUNI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-ISTAT TA' TĦEJJIJA TAL-BINI GĦAT-TEKNOLOĠIJI INTELLIĠENTI**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi d-definizzjoni tal-indikatur tal-istat ta' tħejjija tal-bini għat-teknoloġija intelliġenti u tistabbilixxi metodoloġija li biha għandha tiġi kkalkulata, sabiex tivvaluta l-kapaċità ta' bini jew ta' unità ta' bini li tadatta l-operat tagħha għall-ħtiġijiet tal-okkupant u l-grilja u biex itejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u r-rendiment ġenerali tagħhom.

L-indikatur tal-istat ta' tħejjija tal-bini għat-teknoloġija intelliġenti għandu jkopri karatteristiċi għal titjib fl-iffrankar, it-tqabbil u l-flessibbiltà fl-enerġija, titjib fil-funzjonalitajiet u l-kapaċitajiet li jirriżultaw minn apparat aktar interkonness u intelliġenti.

Il-metodoloġija għandha tqis karatteristiċi bħal arloġġi intelliġenti, awtomatizzazzjoni tal-bini u sistemi ta' kontroll, apparat awtoregolatorju għar-regolar tat-temperatura tal-arja ta' ġewwa, apparati integrati tad-dar, punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, ħażna ta' enerġija u funzjonalitajiet dettaljati u l-interoperabbiltà ta' dawk il-karatteristiċi, kif ukoll il-benefiċċji għall-kundizzjoni klimatika ta' ġewwa, effiċjenza fl-użu tal-enerġija, livelli ta' rendiment u possibbiltà ta' flessibbiltà.

2. Il-metodoloġija għandha sserraħ fuq tliet funzjonalitajiet prinċipali relatati mal-bini u s-sistemi tekniċi tal-bini tiegħu:

(a) l-abbiltà li jżomm ir-rendiment fl-użu tal-enerġija u l-operat tal-bini permezz tal-adattament tal-konsum tal-enerġija pereżempju permezz tal-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;

(b) l-abbiltà li jadatta l-mod tal-operat tiegħu bi tweġiba għall-ħtiġijiet tal-okkupant filwaqt li tingħata attenzjoni dovuta għad-disponibbiltà tal-faċilità tal-użu mill-utent, iż-żamma ta' kondizzjonijiet klimatiċi ta' ġewwa tajbin għas-saħħa u l-abbiltà ta' rappurtar dwar l-użu tal-enerġija; u

(c) il-flessibbiltà tad-domanda għall-elettriku ġenerali tal-bini, inkluża l-abbiltà tiegħu li jippermetti l-parteċipazzjoni b'mod ta' domanda-risposta attiva u passiva kif ukoll impliċita u espliċita, fir-rigward tal-grilja, pereżempju permezz ta' kapaċitajiet ta' flessibbiltà u ta' trasferiment tat-tagħbija.

3. Il-metodoloġija tista' tqis ukoll:

(a) l-interoperabbiltà bejn is-sistemi (arloġġi intelliġenti, sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini, apparati integrati tad-dar, apparat awtoregolatorju għar-regolar tat-temperatura tal-arja ta' ġewwa fil-bini u sensuri tal-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ventilazzjonijiet); u

(b) l-influwenza pożittiva ta' netwerks eżistenti tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari l-eżistenza ta' infrastruttura fiżika ta' veloċità għolja fil-bini, bħat-tikketta volontarja "broadband ready", u l-eżistenza ta' punt ta' aċċess għal bini b'ħafna abitazzjonijiet, skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

4. Il-metodoloġija ma għandhiex taffettwa b'mod negattiv skemi ta' ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija nazzjonali eżistenti u għandha tibni fuq inizjattivi relatati fil-livell nazzjonali, filwaqt li tqis il-prinċipju tal-pussess mill-okkupant, il-protezzjoni tad-data, il-privatezza u s-sigurtà, f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza kif ukoll l-aqwa tekniki disponibbli għas-sigurtà ċibernatika.

5. Il-metodoloġija għandha tistabbilixxi l-aktar format adatt tal-parametru indikatur tal-istat ta' tħejjija għat-teknoloġija intelliġenti u għandha tkun sempliċi, trasparenti u li tinftiehem faċilment għall-konsumaturi, is-sidien, l-investituri, u l-parteċipanti tas-suq tar-rispons għad-domanda.

(*) Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja (ĠU L 155, 23.5.2014, p. 1).";

(3) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 1, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti li l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddelegawlhom ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll indipendenti għandhom jagħmlu għażla aleatorja taċ-ċertifikati kollha tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġin kull sena u jissoġġettawhom għal verifika. Il-kampjun għandu jkun ta' daqs suffiċjenti biex jiżgura riżultati ta' konformità statistikament sinifikanti.";

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"3. Fejn l-informazzjoni tiżdied f'bażi ta' data, l-awtoritajiet nazzjonali għandu jkollhom il-possibbiltà jidentifikaw l-oriġinatur ta' din iż-żieda, għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' verifika.".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT